IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.10.2011
KUMM(2011) 627 finali

2011/0282 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

{SEC(2011) 1153}
{SEC(2011) 1154}

 MT

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) għall-2014-2020 (il-proposta dwar il-QFM)[1] tistabbilixxi l-qafas baġitarju u l-orjentazzjonijiet ewlenin għall-Politika Agrikola Komuni (PAK). Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tippreżenta sett ta' regolamenti li jistipulaw il-qafas leġiżlattiv għall-PAK għall-perjodu 2014-2020, flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt tax-xenarji alternattivi għall-iżvilupp tal-politika.

Il-proposti kurrenti għal riforma huma bbażati fuq il-Komunikazzjoni dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020[2] li tiddeskrivi l-għażliet politiċi ġenerali li jistgħu jittieħdu bħala reazzjoni għall-isfidi futuri għall-agrikoltura u ż-żoni rurali, u biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti għall-PAK, jiġifieri 1)il-produzzjoni vijabbli tal-ikel; 2) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjonijiet relatati mal-klima; u 3)l-iżvilupp territorjali bbilanċjat. Minn dak iż-żmien lil hawn, l-orjentazzjonijiet tar-riforma inklużi fil-Komunikazzjoni ġew appoġġjati b'mod wiesa', kemm fid-dibattitu interistituzzjonali[3] kif ukoll fil-konsultazzjoni mal-partijiet interessati li saret fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt.

Suġġett komuni li rriżulta minn dan il-proċess huwa l-ħtieġa li jiġi promoss l-użu effiċjenti tar-riżorsi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għall-agrikoltura u ż-żoni rurali tal-UE f'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li l-istruttura tal-PAK tibqa' bbażata fuq iż-żewġ pilastri li jużaw strumenti kumplimentari biex jilħqu l-istess għanijiet. Il-Pilastru I ikopri l-pagamenti diretti u l-miżuri tas-suq u jipprovdi appoġġ għad-dħul annwali bażiku tal-bdiewa tal-UE u appoġġ f'każ ta' tfixkil fis-suq speċifiku, filwaqt li l-Pilastru II ikopri l-iżvilupp rurali fejn l-Istati Membri jfasslu u jikkofinanzjaw il-programmi multiannwali abbażi ta' qafas komuni[4].

Permezz tar-riformi suċċessivi, il-PAK żiedet l-orjentazzjoni tas-suq għall-agrikoltura filwaqt li pprovdiet appoġġ għad-dħul lill-produtturi, tejbet l-integrazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali u saħħet l-appoġġ għall-iżvilupp rurali bħala politika integrata għall-iżvilupp taż-żoni rurali fl-UE. Madankollu, l-istess proċess ta' riforma żied it-talbiet għal distribuzzjoni aħjar tal-appoġġ kemm fl-Istati Membri kif ukoll fosthom, u għal indirizzar aħjar tal-miżuri maħsuba biex jindirizzaw l-isfidi ambjentali u t-titjib fl-indirizzar żied il-volatilità tas-suq.

Fl-imgħoddi, ir-riformi fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu reazzjoni għal sfidi endoġeniċi, li kienu jvarjaw minn eċċessi kbar tal-ikel għal kriżijiet tas-sikurezza tal-ikel; huma qdew lill-UE kemm mil-lat domestiku kif ukoll minn dak internazzjonali. Madankollu, il-biċċa l-kbira

---

1 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni:*Baġit għall-Ewropa 2020*, COM(2011)500 finali, 29.6.2011.

2 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: *Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020*: *Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali*, COM(2010)672 finali, 18.11.2010.

3 Ara, b'mod partikolati, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2011, 2011/2015(INI), u l-konklużjonijiet tal-Presidenza tat-18.3.2011.

4 Il-qafas leġiżlattiv kurrenti jinkludi ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (pagamenti diretti), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ( strumenti tas-suq), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (żvilupp rurali) u r-Regolament tal-Kunsill Nru 1290/2005 (finanzjament).

tal-isfidi tal-lum huma kkawżati minn fatturi esterni li mhumiex ġejjin mis-settur tal-agrikoltura u, għaldaqstant, jeħtieġu reazzjoni politika iktar mifruxa.

Il-pressjoni fuq id-dħul agrikolu hija mistennija tkompli minħabba li l-bdiewa qed jaffrontaw iktar riskji, tnaqqis fil-produttività u pressjoni fuq il-marġni kawża tal-prezzijiet tal-inputs li qed jogħlew; għaldaqstant, hemm il-ħtieġa li jinżamm l-appoġġ għad-dħul u li jissaħħew l-istrumenti sabiex ir-riskji jiġu mmaniġġjati aħjar u jingħata rispons aħjar għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi. Agrikoltura b'saħħitha hija vitali għall-industrija tal-ikel tal-UE u s-sigurtà tal-ikel globali.

Fl-istess ħin, is-setturi tal-agrikoltura u ż-żoni rurali qed tintalabu biex iżidu fl-isforzi tagħhom biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi fir-rigward tal-klima u l-enerġija u fir-rigward tal-istrateġija dwar il-bijodiversità li jagħmlu parti mill-aġenda tal-Ewropa 2020. Il-bdiewa, li flimkien mal-persuni li jieħdu ħsieb il-foresti, huma l-persuni ewlenin responsabbli mill-ġestjoni tal-art, se jkunu jeħtieġu appoġġ biex jadottaw u jżommu sistemi u prattiki tal-biedja li b'mod partikolari huma vantaġġużi għall-għanijiet ambjentali u klimatiċi minħabba li l-prezzijiet tas-suq ma jirriflettux il-forniment ta' dawn il-prodotti pubbliċi. Se jkun essenzjali wkoll li jkun ikkontrollat bl-aħjar mod il-potenzjal varjat taż-żoni rurali u, għaldaqstant, jingħata kontribut għat-tkabbir inklużiv u l-koeżjoni.

Għaldaqstant, il-PAK tal-futur mhijiex se tkun politika li taqdi biss parti żgħira, għalkemm essenzjali, tal-ekonomija tal-UE, iżda se tkun ukoll politika ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent u l-bilanċ territorjali. Dan jikkostitwixxi l-valur miżjud tal-UE ta' politika verament komuni li tuża bl-iktar mod effiċjenti r-riżorsi baġitarji limitati biex tinżamm l-agrikoltura sostenibbli fl-UE, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet transkonfinali importanti bħat-tibdil fil-klima u t-tisħiħ tas-solidarjetà fost l-Istati Membri, filwaqt li tkun possibbli wkoll il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni sabiex jiġu moqdija l-ħtiġijiet lokali.

Il-qafas stabbilit fil-proposta dwar l-QFM jipprevedi li l-PAK għandha żżomm l-istruttura tagħha msejsa fuq żewġ pilastri, bil-baġit għal kull pilastru jinżamm f'termini nominali fil-livell tiegħu tal-2013 u b'fokus ċar li l-prijoritajiet ewlenin tal-UE jiksbu riżultati. Il-pagamenti diretti għandhom jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli billi jallokaw 30% tal-pakkett baġitarju tagħhom għall-miżuri obbligatorji li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent. Gradwalment, il-livelli tal-pagamenti għandhom isiru uniformi u l-pagamenti lill-benefiċjarji l-kbar għandhom ikunu suġġetti għal limitu progressiv. L-iżvilupp rurali għandu jiġi inkluż f'Qafas Strateġiku Komuni flimkien ma' fondi ta' ġestjoni konġunti oħrajn tal-UE b'approċċ imsaħħaħ orjentat lejn ir-riżultati u suġġett għal kondizzjonalitajiet ex ante iktar ċari u mtejba. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-miżuri tas-suq, il-finanzjament tal-PAK għandu jissaħħaħ b'żewġ strumenti li ma jagħmlux parti mill-MFF: 1)ir-riserva ta' emerġenza bħala reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi; u 2) l-estensjoni tal-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

Abbażi ta' dan, l-elementi ewlenin tal-qafas leġiżlattiv għall-PAK għall-perjodu 2014-2020 huma stabbiliti fir-regolamenti li ġejjin:

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagament dirett lill-bdiewa fi skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni (ir-"Regolament dwar il-pagamenti diretti");

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti agrikoli ('ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS');

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ('ir-Regolament dwar l-iżvilupp rurali');

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni ('ir-regolament orizzontali').

– Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rimborżi relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli;

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 dwar l-applikazzjoni tal-pagamenti diretti lill-bdiewa għas-sena 2013;

– Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u l-appoġġ għal min ikabbar id-dwieli.

Ir-Regolament dwar l-iżvilupp rurali jibni fuq il-proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2011 li tistabbilixxi regoli komuni għall-fondi kollha li joperaw taħt Qafas Stateġiku Komuni[5]. Dan se jkun segwit minn regolament dwar l-iskema għall-iktar persuni fil-bżonn, li l-finanzjament tagħha issa jinsab taħt intestatura differenti tal-QFM.

Barra minn hekk, qed jitħejjew ukoll regoli ġodda dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji, b'kunsiderazzjoni għall-oġġezzjonijiet imressqa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex jinstab l-iktar mod adegwat biex id-dritt tal-benefiċjarji għall-protezzjoni tad-dejta personali jkun konsistenti mal-prinċipju tat-trasparenza.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tal-qafas politiku attwali u ta' analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet tal-futur, il-valutazzjoni tal-impatt tivvaluta u tqabbel l-impatt ta' tliet xenarji alternattivi. Dan huwa r-riżultat ta' proċess twil li nbeda f'April 2010 u li tmexxa minn grupp bejn is-servizz li għaqqad flimkien analiżi kwantitattiva u kwalitattiva estensiva, inkluż l-istabbiliment ta' bażi fil-forma ta' projezzjonijiet għal tul ta' żmien medju għas-swieq agrikoli u d-dħul sal-2020 u l-immudellar tal-impatt tax-xenarji politiċi differenti fuq l-ekonomija tas-settur.

5 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1083/2006, COM (2011)615 tas-6.10.2011.

It-tliet xenarji żviluppati fil-valutazzjoni tal-impatt huma: 1) xenarju ta' aġġustament li jkompli bil-qafas politiku kurrenti filwaqt li jindirizza l-iktar nuqqasijiet importanti tiegħu, bħad-distribuzzjoni tal-pagamenti diretti; 2) xenarju ta' integrazzjoni li jinvolvi bidliet politiċi kbar fil-forma ta' pagamenti diretti iktar immirati u iktar ekoloġiċi, u mmirar strateġiku msaħħaħ għall-politika ta' żvilupp rurali f'koordinazzjoni aħjar ma' politiki oħra tal-UE, kif ukoll l-estensjoni tal-bażi legali għal ambitu usa' għall-kooperazzjoni tal-produtturi; u 3) xenarju ta' ffukar mill-ġdid li jerġa' jorjenta l-politika esklużivament lejn l-ambjent bi tneħħija progressiva tal-pagamenti diretti, sakemm tkun tista' tinżamm il-kapaċità produttiva mingħajr appoġġ u li l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi taż-żoni rurali jkunu jistgħu jiġu sodisfatti permezz ta' politiki oħra.

Fl-isfond tal-kriżi ekonomika u l-pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi, li l-UE wieġbet għalihom permezz tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-proposta dwar il-QFM, it-tliet xenarji kollha kemm huma ma jagħtux l-istess importanza lil kull wieħed mit-tliet għanijiet politiċi tal-PAK tal-futur, li għandha l-għan li toħloq agrikoltura iktar kompetittiva u sostenibbli f'żoni rurali fejn hemm iktar attività. Għal konformità aħjar mal-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari f'termini tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, se jkun dejjem iktar essenzjali li titjieb il-produttività agrikola permezz tar-riċerka, it-trasferiment tal-għarfien u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-innovazzjoni (inkluż permezz tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-produttività u s-sostenibbiltà agrikola). Billi l-politika agrikola tal-UE m'għadhiex topera fi ħdan ambjent politiku ta' distorsjoni kummerċjali, huwa mistenni li ssir iktar pressjoni fuq is-settur minħabba l-liberalizzazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (Doha Development Agenda) jew tal-Ftehim għall-Kummerċ Ħieles (Free Trade Agreement) mal-Mercosur.

It-tliet xenarji politiċi tfasslu b'kunsiderazzjoni għall-preferenzi espressi fil-konsultazzjoni li twettqet fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jissottomettu l-kontribuzzjonijiet bejn it-23.11.2010 u l-25.1.2011 u ġie organizzat kumitat konsultattiv fit-12.1.2011. Il-punti ewlenin huma miġbura fil-qosor hawn taħt[6]:

– - Il-partijiet interessati jaqblu b'mod ġenerali dwar il-ħtieġa ta' PAK b'saħħitha bbażata fuq struttura b'żewġ pilastri sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-iżvilupp territorjali.

– Il-biċċa l-kbira tal-persuni li wieġbu jqisu li l-PAK għandu jkollha rwol fl-istabbilizzazzjoni tas-swieq u l-prezzijiet.

– Il-partijiet interessati għandhom opinjonijiet diversi dwar l-indirizzar tal-appoġġ (speċjalment dwar id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-għajnuna diretta u l-limitar tal-pagamenti).

– Hemm qbil li ż-żewġ pilastri jista' jkollhom rwol importanti fiż-żieda tal-azzjonijiet relatati mal-klima u ż-żieda fil-prestazzjoni ambjentali għall-benefiċċju tas-soċjetà tal-UE. Filwaqt li ħafna bdiewa jemmnu li llum dan diġà qed iseħħ, il-pubbliku ġenerali jargumenta li l-pagamenti tal-Pilastru I jistgħu jintużaw b'mod iktar effiċjenti.

[6] Ara l-Anness 9 tal-valutazzjoni tal-impatt għal ħarsa ġenerali lejn il-517-il kontribuzzjoni li waslu.

- - Il-persuni li wieġbu jixtiequ li l-partijiet kollha tal-UE, inklużi ż-żoni żvantaġġati, ikunu parti mit-tkabbir u l-iżvilupp tal-futur.
- L-integrazzjoni tal-PAK ma' politiki oħra, speċjalment fil-livell tal-ambjent, tas-saħħa, tal-kummerċ u tal-iżvilupp, kienet enfasizzata minn ħafna persuni li wieġbu.
- L-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' negozji kompetittivi u l-provvista tal-prodotti pubbliċi liċ-ċittadini tal-UE jitqiesu bħala modi kif il-PAK tista' tiġi allinjata mal-Istrateġija Ewropa 2020.

Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-impatt qabblet it-tliet xenarji politiċi alternattivi:

Ix-xenarju tal-iffukar mill-ġdid iħaffef il-proċess tal-aġġustament strutturali fis-settur agrikolu, filwaqt li l-produzzjoni tiġi spustata lejn l-iktar żoni kosteffikaċi u s-setturi li jagħmlu qligħ. Filwaqt li jżid b'mod sinifikanti l-finanzjament għall-ambjent, dan ix-xenarju jista' jesponi s-settur għal riskji ikbar minħabba l-ambitu limitat għall-intervent fis-suq. Barra minn hekk, huwa jkollu prezz soċjali u ambjentali sinifikanti minħabba li ż-żoni inqas kompetittivi jkollhom jiffaċċjaw telf fid-dħul u degradazzjoni ambjentali konsiderevoli, minħabba li l-politika titlef l-ingranaġġ tal-pagamenti diretti flimkien mar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità.

Fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, ix-xenarju tal-aġġustament jippermetti l-kontinwità politika, b'titjib limitat iżda tanġibbli kemm fil-kompetittività agrikola kif ukoll fil-prestazzjoni ambjentali. Madankollu, hemm dubji serji dwar jekk dan ix-xenarju jistax jindirizza b'mod adegwat l-isfidi klimatiċi u ambjentali importanti tal-futur, li huma wkoll il-bażi tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura fuq perjodu ta' żmien twil.

Ix-xenarju tal-integrazzjoni jikkostitwixxi innovazzjoni billi huwa kkaratterizzat minn żieda fl-indirizzar tal-pagamenti diretti u f'pagamenti diretti iktar ekoloġiċi. L-analiżi turi li huwa possibbli li dawn il-pagamenti jsiru iktar ekoloġiċi bi prezz raġonevoli għall-bdiewa, għalkemm ma jistgħux jiġu evitati ċerti piżijiet amministrattivi. Bl-istess mod, huwa possibbli li jingħata impetu ġdid għall-iżvilupp rurali sakemm il-possibbiltajiet il-ġodda jintużaw b'mod effiċjenti mill-Istati Membri u r-reġjuni u li l-qafas strateġiku komuni flimkien mal-fondi l-oħra tal-UE ma jneħħix is-sinerġiji mal-Pilastru I u ma jdgħajjifx il-kwalitajiet distinti tal-iżvilupp rurali. Jekk jinstab bilanċ tajjeb, dan ix-xenarju jindirizza bl-aħjar mod is-sostenibbiltà tal-agrikoltura u ż-żoni rurali fit-tul.

Abbażi ta' dan, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li x-xenarju tal-integrazzjoni huwa l-iktar wieħed ibbilanċjat biex jallinja l-PAK b'mod progressiv, mal-għanijiet strateġiċi tal-UE u dan il-bilanċ jinsab ukoll fl-implimentazzjoni tal-elementi differenti fil-proposti leġiżlattivi. Huwa jkun essenzjali wkoll biex jiġi żviluppat qafas ta' evalwazzjoni biex titkejjel il-prestazzjoni tal-PAK abbażi ta' sett ta' indikaturi komuni marbut mal-għanijiet politiċi.

Is-simplifikazzjoni kienet kunsiderazzjoni importanti matul il-proċess u għandha tissaħħaħ b'diversi modi, pereżempju s-simplifikazzjoni tal-kundizzjonalità u tal-istrumenti tas-suq, jew it-tfassil tal-iskema għall-bdiewa żgħar. Barra minn hekk, il-pagamenti diretti iktar ekoloġiċi għandhom jitfasslu b'tali mod li jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi inklużi l-ispejjeż tal-kontrolli.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Qed jiġi propost li tinżamm l-istruttura kurrenti tal-KAP f'żewġ pilastri b'miżuri annwali obbligatorji tal-applikazzjoni ġenerali fil-Pilastru I flimkien ma' miżuri volontarji mfassal apposta b'mod aħjar għall-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali skont approċċ ta' programmazzjoni multiannwali fil-Pilastru II. Madankollu, l-iskema ġdida ta' pagamenti diretti għandha l-għan li tisfrutta aħjar is-sinerġiji mal-Pilastru II, li jinsab fil-Qafas Strateġiku Komuni sabiex ikun ikkoordinat aħjar ma' fondi ta' ġestjoni komuni tal-UE.

Abbażi ta' dan, se tinżamm ukoll l-istruttura kurrenti tal-erba' strumenti legali bażiċi, għalkemm l-ambitu tar-regolamenti dwar il-finanzjament huwa estiż biex jgħaqqad flimkien id-dispożizzjonijiet komuni f'dak li issa qed jissejjaħ ir-regolament orizzontali.

Il-proposti jikkonformaw mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-PAK hija politika verament komuni: hija qasam ta' kompetenzi kondiviżi bejn l-UE u l-Istati Membri li qed tiġi mmaniġġjata fil-livell tal-UE biex tinżamm agrikoltura sostenibbli u varjata fl-UE, biex jiġu indirizzati kwistjonijiet transkonfinali importanti bħat-tibdil fil-klima u tissaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri. Fid-dawl tal-importanza tal-isfidi futuri għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent u l-bilanċ territorjali, il-PAK tibqa' politika ta' importanza strateġika biex tkun żgurata l-iktar reazzjoni effettiva għall-isfidi politiċi u l-iktar użu effiċjenti tar-riżorsi baġitarji. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tinżamm l-istruttura kurrenti taż-żewġ pilastri fejn l-Istati Membri huma aktar liberi biex isibu soluzzjonijiet imfassla apposta għall-ispeċifiċitajiet lokali tagħhom u biex jikkofinanzjaw il-Pilastru II. Is-Sħubija Ewropea l-ġdida għall-Innovazzjoni u l-għodod għall-immaniġġjar tar-riskju huma mpoġġija wkoll taħt il-Pilastru II. Fl-istess ħin, il-politika se tkun allinjata aħjar mal-istrateġija Ewropa 2020 (inkluż qafas komuni ma' fondi oħra tal-UE) u ma' għadd ta' elementi ta' titjib u simplifikazzjoni introdotti. Fl-aħħar nett, l-analiżi li twettqet fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt, turi b'mod ċar il-prezz li jkollu jitħallas jekk ma titteħidx azzjoni, f'termini ta' konsegwenzi ekonomiċi, ambjentali u soċjali negattivi.

Ir-Regolament dwar l-iżvilupp rurali huwa bbażat fuq l-approċċ starteġiku introdott fil-perjodu kurrenti, li kellu impatt pożittiv fuq l-Istati Membri li żviluppaw strateġiji u programmi fuq il-bażi ta' analiżi SWOT (Strengths, Weaknesses, Opportunities and Threats) biex l-azzjoni tkun adattata bl-aħjar mod għall-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali. Il-mekkaniżmu eżekuttiv il-ġdid għandu l-għan li jsaħħaħ l-approċċ strateġiku – fost affarijiet oħra billi jistabbilixxi prijoritajiet komuni definiti b'mod ċar għall-iżvilupp rurali fil-livell tal-UE (b'indikaturi tal-miri komuni assoċjati) kif ukoll billi jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fid-dawl tal-esperjenza miksuba sa issa.

Ir-Regolament jinkludi wkoll is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Produttività u s-Sostenibbiltà Agrikola li għandha l-għan li tippromwovi l-użu effiċjenti tar-riżorsi, tnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-prattika u tħeġġeġ l-innovazzjoni b'mod ġenerali. Is-sħubija taġixxi permezz ta' gruppi operazzjonali responsabbli għal proġetti innovattivi u hija appoġġjata minn netwerk.

Abbażi tal-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2011 li tistabbilixxi r-regoli komuni għall-fondi kollha li joperaw taħt il-Qafas Strateġiku Komuni, il-Pilastru II tal-PAK għandu jaħdem b'mod ikkordinat u kumplimentari mal-Pilastru I, kif ukoll ma' fondi oħra tal-UE (b'mod partikolari il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajf (EMFF). Il-fondi qed jitpoġġew taħt Qafas Strateġiku Komuni (CSF) fil-livell tal-UE li

se jiġi traspost f'Kuntratti ta' Sħubija fil-livel nazzjonali inklużi objettivi u regoli komuni għall-operat tagħhom. L-istabbiliment ta' regoli komuni għall-fondi kollha li jopperaw taħt Qafas Strateġiku Komuni se jiffaċilita l-immaniġġjar tal-proġetti kemm għall-benefċijarji kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali u se jiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni ta' proġetti integrati.

F'dan il-kuntest, il-politika ta' żvilupp rurali żżomm l-għanijiet strateġiċi fit-tul jiġifieri li tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-agrikoltura, l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjonijiet relatati mal-klima u l-iżvilupp territorjali bbilanċjat taż-żoni rurali. B'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020, dawn l-għanijiet ġenerali tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali għall-2014-2020 huma spjegati b'mod aktar dettaljat permezz tas-sitt prijoritajiet għall-UE kollha li ġejjin:

– it-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali;

– it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli;

– il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-immaniġġjar tar-riskji fl-agrikoltura;

– l-, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija;

– il-promozzjoni tal-effikaċja tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija;

– il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali.

Dawn il-prijoritajiet għandhom ikunu l-bażi tal-ipprogrammar, u għandhom jinkludu d-definizzjoni tal-indikaturi tal-miri b'rabta ma' kull waħda minnhom. Ir-Regolament jinkludi regoli dwar it-tħejjija, l-approvazzjoni u r-reviżjoni ta' programmi li fil-biċċa l-kbira tagħhom isegwu r-regoli kurrenti, u jiftaħ il-possibbiltà għal sottoprogrammi (pereżempju l-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa żgħar, iż-żoni muntanjużi, il-ktajjen tal-provvista qosra) li jibbenefikaw minn ammonti ogħla ta' għajnuna.

Il-lista ta' miżuri individwali ġiet issimplifikata u ġew riveduti miżuri individwali, filwaqt li ġew introdotti għadd ta' aġġustamenti sabiex jiġu inidirizzati kwistjonijiet dwar l-ambitu, l-implimentazzjoni u l-użu li tqajmu fil-perjodu kurrenti. Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-miżuri għandhom il-potenzjal li jaqdu iktar minn għan wieħed jew prijorità waħda, m'għadux jitqies adegwat li jiġu ggruppati f'assi; l-ipprogrammar fuq il-bażi tal-prijoritajiet għandu jiżgura programmi bbilanċjati. Inħolqot miżura speċifika għall-biedja organika u ġiet introdotta delimitazzjoni ġdida għaż-żoni li jaffrontaw restrizzjonijiet naturali speċifiċi. Sar titjib biex jiġi previst appoġġ għall-azzjoni ambjentali konġunta.

Il-miżura ta' kooperazzjoni kurrenti ġiet imsaħħa u estiża b'mod sinifikanti biex tiġi appoġġjata firxa wiesgħa ta' tipi ta' kooperazzjoni (ekonomika, ambjentali u soċjali) bejn firxa wiesgħa ta' benefiċjarji potenzjali. Issa hija tkopri b'mod espliċitu l-proġetti pilota kif ukoll il-kooperazzjoni li tmur lil hinn mill-fruntieri reġjonali u nazzjonali. L-approċċi Leader u tan-netwerking se jibqa' jkollhom rwol ewlieni, b'mod partikolari għall-iżvilupp taż-żoni

rurali u t-tixrid tal-innovazzjoni. L-appoġġ permezz tal-Leader se jkun konsistenti u kkoordinat mal-appoġġ għall-iżvilupp lokali minn fondi ta' ġestjoni konġunta oħrajn tal-UE. Premju għal proġetti ta' kooperazzjoni innovattiva lokali se jappoġġja l-inizjattivi transnazzjonali favur l-innovazzjoni.

Sett ta' għodod għall-immaniġġjar tar-riskji li jinkludi l-appoġġ għall-fondi mutwi u għodda ġdida ta' stabbilizzazzjoni tad-dħul joffru possibbiltajiet ġodda biex tiġi trattata l-volatilità kbira fis-swieq agrikoli li mistennija li tkompli fiż-żmien medju.

It-tneħħija tas-sistema kurrenti tal-assi se tissimplifika wkoll l-ipprogrammar mill-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, huwa propost li l-ħidma titkompla abbażi tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni (CMEF) introdott fil-perjodu kurrenti, li se jiġi ssimplifikat u mtejjeb abbażi tal-esperjenza miksuba sa issa. Lista komuni ta' indikaturi se tkun marbuta mal-prijoritajiet politiċi għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta dwar il-QFM tistipula li parti sinifikanti tal-baġit tal-UE għandha tkompli tkun iddedikata għall-agrikoltura, li hija politika komuni ta' importanza strateġika. Għaldaqstant, f'termini tal-prezzijiet kurrenti, qed jiġi propost li l-PAK għandha tiffoka fuq l-attivitajiet ewlenin tagħha, b'EUR 317.2 biljun allokati għall-Pilastru I u EUR 101.2 biljun allokati għall-Pilastru II għall-perjodu 2014-2020.

Il-finanzjament tal-Pilastru I u l-Pilastru II huwa kkumplimentat b'finanzjament addizzjonali ta' EUR 17.1 biljun li jikkonsisti minn EUR 5.1 biljun għar-riċerka u l-innovazzjoni, EUR 2.5 biljun għas-sikurezza tal-ikel u EUR 2.8 biljun għall-appoġġ alimentari għall-iktar persuni fil-bżonn f'intestaturi oħra tal-QFM, kif ukoll minn EUR 3.9 biljun f'riserva ġdida għall-kriżijiet fis-settur agrikolu u sa EUR 2.8 biljun fil-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li ma jagħmilx parti mill-QFM, biex b'hekk il-baġit totali jammonta għal EUR 435.6 biljun għall-perjodu 2014-2020.

Fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-appoġġ fost l-Istati Membri, qed jiġi propost li l-Istati Membri kollha li għandhom pagamenti diretti inqas minn 90 % tal-medja tal-UE, se jaraw dan id-distakk jonqos b'terz. Il-livelli massimi nazzjonali fir-regolament dwar il-pagamenti diretti huma kkalkolati fuq din il-bażi.

Id-distribuzzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi marbuta mal-objettivi ta' politika b'kunsiderazzjoni għad-distribuzzjoni kurrenti. Kif inhi llum is-sitwazzjoni, ir-reġjuni inqas żviluppati għandhom ikomplu jibbenefikaw minn rati ta' kofinanzjament ogħla, li jkunu japplikaw ukoll għal ċerti miżuri bħat-trasferiment tal-għarfien, il-gruppi ta' produtturi, il-kooperazzjoni u l-Leader.

Qed tiġi introdotta ftit flessibbiltà bejn il-Pilastri (sa 5 % tal-pagamenti diretti): mill-Pilastru I sal-Pilastru II li tippermetti lill-istati Membri biex isaħħu l-politika ta' żvilupp rurali tagħhom u mill-Pilastru II għall-Pilastru I għal dawk l-istati Membri fejn il-livell ta' pagamenti diretti jibqa' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

Id-dettalji dwar l-impatt finanzjarju tal-proposti ta' riforma tal-PAK huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja li tinsab mal-proposti.

2011/0282 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[7],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[9],

Wara li kkonsultaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta[10],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali"[11] (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni dwar il-PAK fid-dawl tas-sena 2020") tistabbilixxi sfidi, għanijiet u orjentazzjonijiet potenzjali fir-rigward tal-politika agrikola komuni (minn hawn 'il quddiem "il-PAK") wara l-2013. Fid-dawl tad-dibattitu dwar dik il-Komunikazzjoni, il-PAK għandha tiġi rriformata b'effett mill-1 ta' Jannar 2014. Dik ir-riforma għandha tkopri l-istrumenti ewlenin kollha tal-PAK, inkluż ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[12]. Fid-dawl tal-ambitu tar-riforma, huwa xieraq li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u li jiġi sostitwit b'test ġdid.

---

7 ĠU C […], […], p. […].
8 ĠU C […], […], p. […].
9 ĠU C […], […], p. […].
10 ĠU C […], […], p. […].
11 COM(2010) 672 finali, 18.11.2010.
12 ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

(2) Politika ta' żvilupp rurali għandha takkompanja u tikkumplimenta l-pagamenti diretti u l-miżuri tas-suq tal-PAK u għaldaqstant għandha tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' dik il-politika kif stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "it-Trattat"). Barra minn hekk, politika ta' żvilupp rurali għandha tintegra l-għanijiet ewlenin ta' politika deskritti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 "Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv"[13] (iktar 'il quddiem l-"Istrateġija Ewropa 2020") u għandha tkun koerenti mal-għanijiet ġenerali tal-politika ta' koeżjoni ekonomika u soċjali stabbiliti fit-Trattat.

(3) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżvilupp rurali, ma jistax jintlaħaq kif xieraq mill-Istati Membri minħabba r-rabtiet li għandu mal-istrumenti tal-PAK, l-għadd ta' disparitajiet bejn id-diversi żoni rurali u l-limiti tar-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri wara t-tkabbir tal-Unjoni, u għaldaqstant jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-garanzija multiannwali tal-finanzi tal-Unjoni u permezz ta' konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tiegħu, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dan it-Trattat, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

(4) Sabiex ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jiġu ssupplimentati jew emendati, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fil-ħin u b'mod xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(5) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali, jeħtieġ li ssir enfasi fuq għadd limitat ta' prijoritajiet ewlenin relatati mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija u ż-żoni rurali, il-kompetittività tat-tipi kollha tal-agrikoltura u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, l-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-immaniġġjar tar-riskji fl-agrikoltura, l-, il-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali. F'dan il-proċess għandha tkun ikkunsidrata d-diversità ta' sitwazzjonijiet li jaffettwaw iż-żoni rurali b'karatteristiċi differenti jew kategoriji differenti ta' benefiċjarji potenzjali u l-objettivi trasversali tal-innovazzjoni, l-ambjent, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-azzjoni ta' mitigazzjoni għandha tkun relatata kemm mal-limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-agrikoltura u l-forestrija mill-attivitajiet ewlenin bħall-produzzjoni tal-bhejjem, l-użu ta' fertilizzanti u l-preservazzjoni ta' bjar tal-karbonju u t-tisħiħ tal-ġbir tal-karbonju fir-rigward tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija. Il-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni ruraligħandha tapplika orizzontalment b'rabta mal-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

---

[13] COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010.

(6) Il-prijoritàjiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rirali għandhom ikunu segwiti fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-promozzjoni tal-Unjoni tal-għan tal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 19 tat-Trattat, b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-appoġġ għall-objettivi dwar it-tibdil tal-klima f'konformità mal-ambizzjoni li mill-inqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni jkun iddedikat għal dan l-għan, permezz tal-użu ta' metodoloġija adottata mill-Kummissjoni.

(7) L-attivitajiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (iktar ’il quddiem il-“FAEŻR”) u l-operazzjonijiet li jikkontribwixxi għalihom għandhom ikunu konsistenti u kompatibbli mal-appoġġ minn strumenti oħra tal-PAK. Sabiex jiġu żgurati l-aħjar allokazzjoni u użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-definizzjoni tal-eċċezzjonijiet għar-regola li m’għandu jingħata ebda appoġġ taħt dan ir-Regolament għal operazzjonijiet appoġġjati minn organizzazzjonijiet tas-suq komuni.

(8) Sabiex jiġu żgurati l-bidu immedjat u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programmi għall-iżvilupp rurali, l-appoġġ mill-FAEŻR għandu jkun ibbażat fuq l-eżistenza ta’ kundizzjonijiet ta’ qafas amministrattiv tajjeb. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-konformità ma’ ċerti kundizzjonalitajiet ex ante. Kull Stat Membru għandu jipprepara jewprogramm nazzjonali għall-iżvilupp rurali għat-territorju kollu tiegħu jew sett ta’ programmi reġjonali. Kull programm għandu jidentifika strateġija li tilħaq il-miri b’rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għażla ta’ miżuri. L-ipprogrammar għandu jikkonforma mal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, filwaqt li jkun adattat għal kuntesti nazzjonali u jikkumplimenta l-politiki l-oħra tal-Unjoni, b’mod partikolari l-politika tas-suq agrikolu, il-politika ta’ koeżjoni u l-politika komuni tas-sajd. L-Istati Membri li jagħżlu sett ta’ programmi reġjonali għandhom ikunu kapaċi li jħejju wkoll qafas nazzjonali, mingħajr allokazzjoni baġitarja separata, sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni fost ir-reġjuni biex jindirizzaw l-isfidi nazzjonali.

(9) L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom sottoprogrammi tematiċi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi f’żoni ta’ importanza partikolari għalihom. Is-sottoprogrammi tematiċi għandhom jikkonċernaw fost affarijiet oħra l-bdiewa żgħażagħ, l-azjendi agrikoli żgħar, iż-żoni bil-muntanji u l-ħolqien ta’ ktajjen tal-provvista qosra. Għandhom jintużaw ukoll sottoprogrammi tematiċi li jipprovdu għall-possibbiltà li jiġi indirizzat ir-ristrutturar tas-setturi agrikoli li għandhom impatt qawwi fuq l-iżvilupp taż-żoni rurali. Bħala mezz biex jiżdied l-intervent effiċjenti ta’ tali sottoprogrammi tematiċi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jipprovdu għal rati ta’ appoġġ ogħla għal ċerti operazzjonijiet koperti minnhom.

(10) Il-programmi ta' żvilupp rurali għandhom jidentifikaw il-ħtiġijiet taż-żona koperta, u għandhom jiddeskrivu strateġija koerenti biex jissodisfawhom fid-dawl tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Din l-istrateġija għandha tkun ibbażata fuq l-istabbiliment ta’ miri. Għandhom jiġu stabbiliti r-rabtiet bejn il-ħtiġijiet identifikati, il-miri stabbiliti u l-għażla tal-miżuri magħżula biex jiġu ssodisfati dawn il-ħtiġijiet. Il-programmi ta' żvilupp rurali għandhom jinkludu ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament.

(11) Il-miri għandhom jiġu stabbiliti fi programmi tal-iżvilupp rurali abbażi ta' sett komuni ta' indikaturi ta' mira għall-Istati Membri kollha. Sabiex jiġi ffaċilitat dan l-eżerċizzju, iż-żoni koperti b'dawn l-indikaturi għandhom jiġu definiti, skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Minħabba l-applikazzjoni orizzontali tal-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali marbuta mat-trasferiment tal-għarfien fl-agrikoltura u l-forestrija, l-interventi taħt din il-prijorità għandhom jitqiesu bħala strumentali għall-indikaturi ta' mira definiti għall-kumplment tal-prijoritajiet tal-Unjoni.

(12) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti regoli għall-ipprogrammar u għar-reviżjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali. Għandha tiġi prevista proċedura eħfef għar-reviżjonijiet li taffettwax l-istrateġija tal-programmi jew il-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tal-Unjoni.

(13) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' emendi fil-programm, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kriterji li fuq il-bażi tagħhom il-bidliet proposti tal-miri kwantifikati tal-programmi għandhom jitqiesu bħala ewlenin, biex b'hekk jagħtu bidu għall-modifiki tal-programm permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 91 ta' dan ir-Regolament..

(14) L-evoluzzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tal-agrikoltura u l-forestrija u l-isfidi partikolari affrontati mill-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (iktar 'il quddiem "SMEs") fiż-żoni rurali jirrikjedu livell xieraq ta' taħriġ tekniku u ekonomiku kif ukoll iktar kapaċità biex jaċċessaw u jiskambjaw l-għarfien u l-informazzjoni, inkluż fil-forma ta' tixrid tal-aħjar prattiki tal-produzzjoni għall-agrikoltura u l-forestrija. L-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni mhux biss għandhom jikkonsistu f'korsijiet ta' taħriġ tradizzjonali iżda għandhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-atturi rurali. Għaldaqstant għandhom jiġu appoġġjati wkoll workshops, kowċing, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni u kif ukoll skemi ta' skambju jew żjarat qosra fl-azjendi agrikoli. L-għarfien u l-informazzjoni miksuba għandhom jippermettu lill-bdiewa, is-sidien ta' foresti, il-persuni involuti fis-settur tal-ikel u l-SMEs rurali li jtejbu b'mod partikolari l-kompetittività u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom u li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-ekonomija rurali. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni jkunu effettivi biex jinkisbu dawn ir-riżultati, għandu jkun rikjest li l-fornituri tas-servizzi tat-trasferiment tal-għarfien ikollhom il-kapaċitajiet adattati kollha.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-korpi li jipprovdu s-servizzi tat-trasferiment tal-għarfien ikunu kapaċi jipprovdu servizzi ta' kwalità u ta' natura li jkunu konformi mal-finijiet tal-politika tal-iżvilupp rurali, sabiex tiġi żgurata allokazzjoni aħjar tal-fondi u sabiex jiġi żgurat li l-iskemi tal-iskambju u ż-żjarat fl-irziezet ikunu demarkati b'mod ċar b'rabta ma' azzjonijiet simili taħt skemi oħra tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kwalifiki minimi tal-korpi li jipprovdu t-trasferiment tal-għarfien, l-ispejjeż eliġibbli u t-tul u l-kontenut tal-iskemi ta' skambju u ż-żjarat fl-irziezet.

(16) Is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jgħinu lill-bdiewa, lis-sidien tal-foresti u lill-SMEs f'żoni rurali biex itejbu l-ġestjoni sostenibbli u l-prestazzjoni kumplessiva tal-azjenda jew in-negozju tagħhom. Għaldaqstant, għandu jiġi mħeġġeġ kemm it-twaqqif ta' dawn is-servizzi u kif ukoll l-użu ta' servizzi ta' konsulenza minn bdiewa,

sidien tal-foresti u SMEs. Sabiex jittejbu l-kwalità u l-effikaċja tal-pariri offruti, għandhom jiġu previsti l-kwalifiki minimi u t-taħriġ regolari tal-konsulenti. Is-servizzi konsultattivi tal-biedja, kif provduti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru HR/2012 ta' …[14], għandhom jgħinu lill-bdiewa biex jivvalutaw il-prestazzjoni tal-azjenda agrikola tagħhom u jidentifikaw it-titjib meħtieġ fir-rigward tar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni, il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, il-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent stabbiliti fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru DP/2012 ta' …[15], ir-rekwiżiti jew l-azzjonijiet relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-bijodiversità, il-protezzjoni tal-ilma, in-notifikar ta' mard tal-annimali u l-innovazzjoni, għall-inqas kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru HR/2012. Fejn ikun rilevanti, il-pariri għandhom ikopru wkoll l-istandards tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-pariri jistgħu jkopru wkoll kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni ekonomika, agrikola u ambjentali tal-azjenda jew l-intrapriża. Is-servizzi ta' ġestjoni u ta' għajnuna b'rabta mal-azjendi agrikoli għandhom jgħinu lill-bdiewa jtejbu u jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-azjenda tagħhom.

(17) Sabiex jiġi żgurat li l-korpi u l-awtoritajiet li joffru servizzi konsultattivi jkunu kapaċi jipprovdu pariri ta' kwalità u ta' natura li jkunu konformi mal-finijiet tal-politika ta' żvilupp rurali, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kwalifiki minimi tal-awtoritajiet u l-korpi konsultattivi.

(18) Skemi ta' kwalità tal-Unjoni jew nazzjonali għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel jipprovdu lill-konsumaturi garanziji dwar il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott jew il-proċess tal-produzzjoni użat b'riżultat tal-parteċipazzjoni tal-bdiewa f'dawn l-iskemi, jiksbu valur miżjud għall-prodotti kkonċernati u jtejbu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq. Il-bdiewa għandhom għaldaqstant ikunu mħeġġa biex jipparteċipaw f'dawn l-iskemi. Peress li fiż-żmien meta jidħlu f'dawn l-iskemi u fl-ewwel snin tal-parteċipazzjoni tagħhom, l-ispejjeż u l-obbligi addizzjonali imposti fuq il-bdiewa minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom ma jiġux remunerati kompletament mis-suq, l-appoġġ għandu jkun limitat għall-parteċipazzjonijiet il-ġodda u għandu jkopri perjodu ta' mhux iżjed minn ħames snin. Minħabba l-karatteristiċi speċjali tal-qoton bħala prodott tal-biedja, l-iskemi tal-kwalità tal-qoton għandhom ikunu koperti wkoll. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni li jistgħu jkunu koperti minn din il-miżura.

(19) Sabiex tittejjeb il-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjendi agrikoli u l-intrapriżi rurali, sabiex tittejjeb l-effikaċja tas-settur tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, sabiex tiġi provduta l-infrastruttura meħtieġa għall-iżvilupp fl-agrikoltura u sabiex jiġu appoġġjati l-investimenti mhux remunerattivi meħtieġa għall-ilħuq tal-għanijiet ambjentali, għandu jingħata appoġġ lill-investimenti fiżiċi li jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet. Matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, varjetà ta' miżuri koprew oqsma differenti ta' intervent. Fl-interess tas-simplifikazzjoni iżda wkoll biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jfasslu u jwettqu proġetti

---

[14] ĠU L […], […], p. […].

[15] ĠU L […], […], p. […].

integrati b'iżjed valur miżjud, miżura waħda għandha tkopri t-tipi kollha ta' investimenti fiżiċi. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu limitu minimu għall-azjendi agrikoli eliġibbli għall-għajnuna għal investimenti relatati mal-appoġġ tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli abbażi tar-riżultati tal-analiżi tal-preġji, id-dgħjufijiet, l-opportunitajiet u t-theddid ("SWOT" - Strengths, Weaknesses, Opportunities and Threats) bħala mezz biex l-għajnuna tkun indirizzata.

(20) Is-settur agrikolu hu suġġett għal ħsara fil-potenzjal produttiv tiegħu iżjed minn setturi oħra minħabba d-diżastri naturali. Sabiex tingħata għajnuna għall-vijabbiltà u l-kompettitività tal-biedja fid-dawl ta' dawn id-diżastri, għandu jingħata appoġġ lill-bdiewa biex jiġu megħjuna jirkupraw il-potenzjal agrikolu li tkun saritlu l-ħsara. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jkunx hemm kumpens żejjed tal-ħsara mġarrba, minħabba l-kombinazzjoni ta' skemi ta' kumpens tal-Unjoni (b'mod partikolari l-miżura tal-immaniġġjar tar-riskji), nazzjonali u privati. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura.

(21) Il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fil-forma ta' azjendi agrikoli ġodda, negozji ġodda jew investimenti ġodda f'attivitajiet mhux agrikoli huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kompetittività taż-żoni rurali. Miżura għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozji għandha tiffaċilita l-istabbiliment inizjali ta' bdiewa żgħażagħ u l-aġġustament strutturali tal-azjendi tagħhom wara t-twaqqif inizjali, id-diversifikazzjoni tal-bdiewa f'attivitajiet mhux agrikoli u t-twaqqif u l-iżvilupp ta' SMEs mhux agrikoli f'żoni rurali. Għandu jkun inkoraġġit ukoll l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar li potenzjalment huma ekonomikament vijabbli. Sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda appoġġjati minn din il-miżura, l-appoġġ għandu jkun kundizzjonali fuq it-tressiq ta' pjan ta' negozju. L-appoġġ għal bidu ta' negozju għandu jkopri biss il-perjodu inizjali tal-ħajja ta' negozju u ma għandux isir għajnuna għall-operat. Għalhekk, meta l-Istati Membri jagħżlu li jagħtu għajnuna f'pagamenti, dawn ħandhom ikunu għal perjodu ta' mhux iktar minn ħames snin. Barra minn hekk, sabiex ikun inkoraġġit ir-ristrutturar tas-settur agrikolu, għandu jkun ipprovdut appoġġ fil-forma ta' pagamenti annwali għall-bdiewa parteċipanti fl-iskemi ta' bdiewa żgħar stabbilita bit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 li jimpenjaw ruħhom li jitrasferixxu l-impriża kollha tagħhom u l-intitolamenti ta' pagament korrispondenti għal bidwi ieħor li ma jipparteċipax fl-iskema.

(22) L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija rurali tal-Unjoni. L-iżvilupp tan-negozju tal-biedja u dak mhux agrikolu għandu jkun immirat lejn il-promozzjoni tal-impjiegi u l-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità fiż-żoni rurali, iż-żamma tax-xogħlijiet li diġà jeżistu, it-tnaqqis taċ-ċaqliq staġjonali b'rabta mal-impjiegi, l-iżvilupp ta' setturi mhux agrikoli barra l-agrikoltura u l-ipproċessar agrikolu u tal-ikel filwaqt li fl-istess ħin jitrawmu l-integrazzjoni tan-negozju u r-rabtiet intersettorjali lokali. Għandhom jiġu mħeġġa wkoll proġetti li fl-istess ħin jintegraw l-agrikoltura, it-turiżmu rurali permezz tal-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u responsabbli fiż-żoni rurali, il-wirt naturali u kulturali kif ukoll l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli.

(23) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR u biex tiġi garantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-benefiċjarji u tiġi evitata d-diskriminazzjoni bejniethom, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' kundizzjonijiet li abbażi

tagħhom persuni ġuridiċi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala bdiewa żgħar, l-istabbiliment ta' perjodu ta' konċessjoni għall-akkwist tal-ħiliet tax-xogħol, il-kontenut minimu tal-pjanijiet tan-negozju u l-kriterji li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għad-definizzjoni ta' azjendi agrikoli żgħar u tal-limiti massimi u minimi għall-istabbiliment tal-eliġibbiltà ta' operazzjoni taħt l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ jew l-iżvilupp tal-irziezet iż-żgħar rispettivament.

(24) L-iżvilupp tal-infrastruttura lokali u tas-servizzi bażiċi lokali fiż-żoni rurali, inklużi d-divertiment u l-kultura, it-tiġdid ta' villaġġi u l-attivitajiet immirati lejn ir-restawr u l-ammeljorament b'rabta mal-wirt kulturali u naturali tal-villaġġi u l-pajsaġġi rurali huma element essenzjali ta' kwalunkwe sforz biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir u tiġi promossa s-sostenibbiltà taż-żoni rurali. Għaldaqstant għandu jingħata appoġġ għal dan l-għan, inkluż l-aċċess għat- Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni u l-iżvilupp ta' broadband veloċi u ultraveloċi. Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, għandu jkun imħeġġeġ l-iżvilupp ta' servizzi u infrastruttura li jwasslu għall-inklużjoni soċjali u li jaqilbu x-xejra negattiva soċjali u ekonomika u dik tat-tnaqqis tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali. Sabiex jinkiseb il-massimu tal-effikaċja għal dan l-appoġġ, l-operazzjonijiet koperti għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet, u s-servizzi bażiċi tagħhom għandhom jiġu elaborati minn komunità rurali waħda jew iktar. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-għanijiet tal-Unjoni relatati mal-klima, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tad-definizzjoni tat-tipi ta' infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ.

(25) Il-forestrija hija parti integrali mill-iżvilupp rurali, u l-appoġġ għal użu tal-art sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-klima għandu jinkludi l-iżvilupp taż-żoni tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, varjetà ta' miżuri koprew diversi tipi ta' appoġġ għal investimenti fil-forestrija u għall-ġestjoni tagħha. Fl-interess tas-simplifikazzjoni iżda wkoll biex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jfasslu u jwettqu proġetti integrati b'iżjed valur miżjud, għandu jkun hemm miżura waħda li tkopri t-tipi kollha ta' appoġġ għall-investiment u l-ġestjoni b'rabta mal-forestrija. Il-miżura għandha tkopri l-estensjoni u t-titjib tar-riżorsi tal-foresti, permezz tal-afforestazzjoni tal-art u l-ħolqien ta' sistemi agroforestali li jikkombinaw agrikoltura estensiva ma' sistemi ta' forestrija, l- tal-foresti li tkun saritilhom ħsara minn nirien jew diżastri naturali oħra u miżuri ta' prevenzjoni rilevanti, l-investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija mmirati biex itejbu l-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tad-detenturi tal-foresti u investimenti mingħajr qligħ li jtejbu r-reżistenza għat-tibdil fil-klima u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti. L-appoġġ għandu jevita d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkun newtrali f'termini tas-suq. B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu imposti limitazzjonijiet relatati mad-daqs u l-istatus legali tal-benefiċjarji. L-azzjonijiet preventivi kontra n-nirien għandhom ikunu f'żoni kklassifikati mill-Istati Membri bħala ta' riskju medju jew għoli. L-azzjonijiet preventivi kollha għandhom ikunu parti minn pjan ta' protezzjoni tal-foresti. L-okkorrenza ta' diżastru naturali fil-każ ta' azzjoni għall- tal-potenzjal ta' foresta li tkun ġarrbet ħsara għandha tkun suġġetta għal rikonoxximent formali minn organizzazzjoni pubblika xjentifika. Il-miżura b'rabta mal-forestrija għandha tiġi adottata fid-dawl tal-impenji tal-Unjoni u l-Istati Membri f'livell internazzjonali, u għandha tkun ibbażata fuq il-pjanijiet nazzjonali jew sottonazzjonali tal-Istati Membri relatati mal-foresti jew fuq strumenti ekwivalenti li għandhom jikkunsidraw l-impenji magħmula fil-

Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa. Hija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-Foresti[16]. Sabiex jiġi żgurat li l-afforestazzjoni tal-art agrikola hija konformi mal-għanijiet tal-politika dwar l-ambjent, is-setgħa li jkunu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' ċerti rekwiżiti ambjentali minimi.

(26) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' kundizzjonijiet li abbażi tagħhom l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-okkorenza ta' diżastru naturali jew organiżmi ta' ħsara jew mard u d-definizzjoni ta' tipi ta' azzjonijiet preventivi li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ tal-FAEŻR.

(27) Gruppi ta' produtturi jgħinu lill-bdiewa jaffaċċjaw b'mod konġunt l-isfidi li jirriżultaw minn iktar kompetizzjoni u mill-konsolidazzjoni tas-swieq downstream b'relazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom inkluż fis-swieq lokali. It-twaqqif ta' gruppi ta' produtturi għandu għaldaqstant jiġi mħeġġeġ. Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji limitati, il-gruppi ta' produtturi li jikkwalifikaw bħala SMEs biss għandhom jibbenefikaw mill-appoġġ. Sabiex ikun żgurat li grupp ta' produtturi jsir entità vijabbli, għandu jitressaq pjan ta' negozju bħala kundizzjoni għar-rikonoxximent ta' grupp ta' produtturi minn Stati Membri. Sabiex ikun evitat li tiġi pprovduta għajnuna operattiva u jinżamm ir-rwol inċentiv ta' appoġġ, it-tul massimu tiegħu għandu jkun limitat għal ħames snin.

(28) Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi għandhom ikomplu jkollhom irwol prominenti fl-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali u fir-reazzjoni għad-domanda dejjem tiżdied tas-soċjetà għal servizzi ambjentali. Għandhom jinkoraġġixxu iktar lill-bdiewa u lill-maniġers tal-art biex iservu lis-soċjetà kollha billi jintroduċu jew ikomplu japplikaw prattiki agrikoli li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u li jkunu kompatibbli mal-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tiegħu, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija u d-diversità ġenetika. F'dan il-kuntest, il-konservazzjoni tar-risorsi ġenetiċi fl-agrikoltura u l-bżonnijiet addizzjonali tas-sistemi tal-agrikoltura li għandhom valur naturali għoli għandhom jingħataw attenzjoni speċifika. Il-pagamenti għandhom jikkontribwixxu biex ikopru spejjeż addizzjonali u dħul mitluf b'konsegwenza tal-impenn li jkun ittieħed, u għandhom ikopru biss impenji li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti, Skont il-prinċipju ta' min "iħammeġ iħallas". F'ħafna sitwazzjonijiet, is-sinerġiji li jirriżultaw mill-impenji li ttieħdu b'mod konġunt minn grupp ta' bdiewa jimmoltiplikaw il-benefiċċju ambjentali u tal-klima. Madankollu, azzjoni konġunta twassal għal spejjeż addizzjonali għat-tranżazzjonijiet li għandhom ikun kkumpensati b'mod xieraq. Sabiex ikun żgurat li l-bdiewa u maniġers oħra tal-art huma f'pożizzjoni li jimplimentaw b'mod korrett l-impenji li ħadu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jipprovdulhom il-ħiliet u l-għarfien meħtieġa. L-Istati Membri għandhom iżommu l-livell tal-isforz li għamlu matul il-perjodu ta' programmazzjoni l-2007 u l-2013 u għandhom jonfqu minimu ta' 25 % tal-kontribuzzjoni totali mill-

[16] Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1998 dwar strateġija tal-Unjoni Ewropea għall-foresti, ĠU C 56, 26.2.1999, p. 1. *[Għandha tiġi sostitwita bi strateġija ġdida li għandha tiġi adottata fl-aħħar tal-2013]*

FAEŻR għal kull programm ta' żvilupp rurali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, permezz tal-miżuri agroambjentali klimatiċi, il-biedja organika u pagamenti għal żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra.

(29) Sabiex jiġi żgurat li l-impenji agroambjentali klimatiċi jiġu definiti f'konformità mal-għanijiet ambjentali globali tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet applikabbli b'rabta ma' impenji għall-estensjoni ta' impenji wara l-perjodu inizjali, impenji li jintensifikaw jew jimmaniġġjaw b'mod differenti tat-trobbija tal-bhejjem, il-limitazzjoni ta' fertilizzanti, prodotti tal-ħarsien tal-pjanti jew inputs oħra, it-trobbija ta' razez lokali fil-periklu li jintilfu minħabba skopijiet agrikoli jew il-preservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u l-operazzjonijiet eliġibbli b'rabta mal-konservazzjoni ta' riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura.

(30) Il-pagamenti għall-konverżjoni lejn jew il-ħarsien tal-biedja organika għandhom jinkoraġġixxu lill-bdiewa biex jipparteċipaw f'dawn l-iskemi u b'hekk iwieġbu għad-domanda li qed tiżdied fis-soċjetà għall-użu ta' prattiki tal-biedja li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u għal standards għolja ta' benessri tal-annimali. Sabiex tiżdied is-sinerġija b'rabta mal-benefiċċji tal-bijodiversità mogħtija b'din il-miżura, għandhom jiġu mħeġġa kuntratti kollettivi jew kollaborazzjoni bejn il-bdiewa biex jiġu koperti żoni ikbar li jmissu ma' xulxin. Sabiex jiġi evitat li ħafna bdiewa jmorru lura għall-biedja konvenzjonali, għandhom jiġu appoġġjati kemm miżuri ta' konverżjoni u kif ukoll miżuri ta' żamma. Il-pagamenti għandhom jikkontribwixxu biex ikopru spejjeż addizzjonali mġarrba u dħul mitluf b'konsegwenza tal-impenn li jkun ittieħed, u għandhom ikopru biss l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti.

(31) L-appoġġ għandu jibqa' jingħata lill-bdiewa u lis-sidien tal-foresti biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-iżvantaġġi speċifiċi fiż-żoni kkonċernati b'riżultat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġ[17] u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa[18], sabiex jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva tas-siti tan-Natura 2000 filwaqt li l-appoġġ għandu jkun disponibbli wkoll għall-bdiewa biex jgħinhom jindirizzaw l-iżvantaġġi fiż-żoni idrografiċi b'riżultat tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma[19]. L-appoġġ għandu jkun marbut ma' rekwiżiti speċifiċi deskritti fil-programm ta' żvilupp rurali li jmorru lil hinn mill-istandards u r-rekwiżiti obbligatorji rilevanti. Barra minn hekk, għandhom ikunu kkunsidrati l-bżonnijiet speċjali taż-żoni ta' Natura 2000 mill-Istati Membri fit-tfassil kumplessiv tal-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom.

(32) Pagamenti lil bdiewa f'żoni muntanjużi jew f'żoni oħra li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra għandhom jikkontribwixxu, billi jinkoraġġixxu użu kontinwu ta' art agrikola, għall-manutenzjoni tal-kampanja kif ukoll sabiex jinżammu u jkunu promossi sistemi agrikoli sostenibbli. Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza ta' dan

[17] *ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.*
[18] ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.
[19] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

l-appoġġ, pagamenti għandhom jikkumpensaw lill-bdiewa għal dħul mitluf u spejjeż addizzjonali marbuta mal-iżvantaġġ taż-żona kkonċernata.

(33) Sabiex ikun żgurat użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni u trattament ugwali għall-bdiewa fl-Unjoni, iż-żoni muntanjużi u ż-żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali jew speċifiċi oħra għandhom ikunu definiti f'konformità ma' kriterji oġġettivi. Fil-każ ta' żoni li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali, dawn għandhom ikunu kriterji bijofiżiċi sostnuti b'evidenza xjentifika qawwija. Għandhom ikunu adottati arranġamenti tranżizzjonali sabiex tkun iffaċilitata t-tneħħija gradwali ta' pagamenti f'żoni li mhux se jibqgħu jkunu meqjusa bħala li jaffaċċjaw limitazzjonijiet naturali bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji.

(34) Il-bdiewa għandhom jibqgħu jiġu mħeġġa biex jadottaw standards għolja tal-benessri tal-annimali billi jipprovdu għal appoġġ għall-bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jadottaw standards tat-trobbija tal-annimali, li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti. Sabiex jiġi żgurat li l-impenji tal-benessri tal-annimali jkunu konformi mal-politika globali tal-Unjoni f'dan il-qasam, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni taż-żoni li fihom dawn l-impenji għandhom jipprovdu standards aġġornati tal-metodi tal-produzzjoni.

(35) Għandhom jibqgħu jingħataw pagamenti lis-sidien tal-foresti li jipprovdu servizzi ta' konservazzjoni tal-foresti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-klima billi jimpenjaw ruħhom li jtejbu l-bijodiversità, jippreservaw l-ekosistemi ta' foresti ta' valur għoli, itejbu l-potenzal tagħhom ta' mitigazzjoni u adattament, u jsaħħu l-valur protettiv tal-foresti fir-rigward tal-erożjoni tal-ħamrija, il-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma u r-riskji naturali. F'dan il-kuntest, il-konservazzjoni u l-promozzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti għandhom jingħataw attenzjoni speċifika. Għandhom jingħataw pagamenti għal impenji ambjentali tal-foresti li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tipi ta' operazzjonijiet eliġibbli għall-appoġġ taħt din il-miżura.

(36) Waqt il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, tip wieħed biss ta' kooperazzjoni kien appoġġjat b'mod espliċitu taħt il-politika tal-iżvilupp rurali: il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu u tal-ikel u s-settur tal-forestrija. L-appoġġ għal dan it-tip ta' kooperazzjoni għadu meħtieġ iżda għandu jiġi adattat sabiex jissodisfa aħjar ir-rekwiżiti tal-ekonomija tal-għarfien. F'dan il-kuntest, għandha tiġi provduta l-possibbiltà li proġetti minn operatur uniku jiġu ffinanzjati taħt din il-miżura, bil-kundizzjoni li r-riżultati miksuba jiġu mxerrda, biex b'hekk jintlaħaq l-għan tat-tixrid ta' prattiki, proċessi jew prodotti ġodda. Barra minn hekk, ħareġ biċ-ċar li l-appoġġ ta' firxa ħafna usa' ta' tipi ta' kooperazzjoni, b'firxa usa' ta' benefiċjarji, mill-operaturi ż-żgħar sa dawk kbar, jista' jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tal-politika għall-iżvilupp rurali billi jgħin lill-operaturi fiż-żoni rurali jegħlbu l-iżvantaġġi ekonomiċi, ambjentali u żvantaġġi oħra tal-frammentazzjoni. Għaldaqstant, il-miżura għandha titwessa'. L-appoġġ għal operaturi żgħar biex jorganizzaw proċessi tax-xogħol konġunti u jaqsmu l-faċilitajiet u r-riżorsi għandu jgħinhom biex ikunu ekonomikament vijabbli minkejja l-iskala żgħira tagħhom. L-appoġġ għal kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost l-atturi fil-katina tal-provvista, kif ukoll għal attivitajiet ta' promozzjoni f'kuntest lokali, għandu

jikkatalizza l-iżvilupp ekonomikament razzjonali ta' ktajjen tal-provvista qosra, swieq lokali u ktajjen tal-ikel lokali. L-appoġġ għal approċċi kollettivi għal proġetti u prattiki ambjentali għandu jgħin biex jipprovdi iżjed benefiċċji ambjentali u klimatiċi u li jkunu iżjed konsistenti, u li jkunu jistgħu jingħataw minn operaturi individwali li jaġixxu mingħajr ma jirreferu għal xulxin (pereżempju, permezz ta' prattiki applikati fuq żoni ta' art akbar mhux maħduma). L-appoġġ f'dawn id-diversi żoni għandu jiġi provdut f'diversi forom. Ir-raggruppamenti u n-netwerks huma partikolarmant rilevanti għall-kondiviżjoni tal-kompetenzi kif ukoll għall-iżvilupp ta' kompetenzi, servizzi u prodotti ġodda u speċjalizzati. Il-proġetti pilota huma għodod importanti biex tiġi ttestjata l-applikabbiltà kummerċjali ta' teknoloġiji, tekniki u prattiki f'kuntesti differenti, u biex dawn jiġu adattati fejn meħtieġ. Gruppi operazzjonali huma element kardinali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (iktar 'il quddiem "is-SEI") għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola. Għodda importanti oħra tinsab fl-istrateġiji ta' żvilupp lokali li joperaw barra l-kuntest tal-iżvilupp lokali LEADER – bejn atturi pubbliċi u privati minn żoni rurali u urbani. Għall-kuntrarju tal-approċċ LEADER, dawn is-sħubiji u l-istrateġiji jistgħu jkunu limitati għal settur wieħed u/jew għal għanijiet ta' żvilupp relattivament speċifiċi, inklużi dawk imsemmija iktar 'il fuq. L-organizzazzjoni bejn il-fergħat għandha tkun eliġibbli wkoll għall-appoġġ taħt din il-miżura. Għandha tkun limitata għal seba' snin minbarra għal azzjoni ambjentali u klimatika kollettiva f'każijiet debitament iġġustifikati.

(37) Illum il-bdiewa huwa esposti għal riskji ekonomiċi u ambjentali dejjem jiżdiedu bħala konsegwenza għat-tibdil fil-klima u l-volatilità tal-prezzijiet dejjem tiżdied. F'dan il-kuntest, il-ġestjoni effettiva tar-riskji għandha importanza ikbar għall-bdiewa. Għal din ir-raġuni, għandha tiġi stabbilita miżura għall-ġestjoni tar-riskju li tgħin lill-bdiewa jindirizzaw l-iktar riskji komuni affaċċjati minnhom. Għalhekk, din il-miżura għandha tappoġġja lill-bdiewa biex ikopru l-primjums li jħallsu għall-assigurazzjoni tal-uċuħ tar-raba, tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll l-istabbiliment ta' fondi mutwi u l-kumpens imħallas minn dawn il-fondi lill-bdiewa għat-telf li jġarrbu bħala riżultat ta' tifqigħ ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew minħabba inċidenti ambjentali. Għandha tkopri wkoll strument għall-istabbilizzazzjoni tas-suq fil-forma ta' fond mutwu bħala appoġġ lill-bdiewa li jaffaċċjaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom. Sabiex ikun żgurat li hemm trattament ugwali fost il-bdiewa fl-Unjoni, li ma hemmx tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u li l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni huma rispettati, għandhom jiġu pprovduti kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti ta' apoġġ taħt dawn il-miżuri. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tat-tul ta' żmien minimu u massimu tas-self kummerċjali lill-fondi mutwi.

(38) L-approċċ LEADER għall-iżvilupp lokali, fuq medda ta' snin, ta prova tal-utilità tiegħu fil-promozzjoni tal-iżvilupp ta' żoni rurali billi jikkunsidra b'mod sħiħ il-ħtiġijiet multisettorjali għal żvilupp rurali endoġeniku permezz tal-approċċ minn isfel għal fuq tiegħu. Il-LEADER għandu għaldaqstant jitkompla fil-futur u l-applikazzjoni tiegħu għandha tibqa' obbligatorja għall-programmi kollha ta' żvilupp rurali.

(39) Sabiex jiġi żgurat li l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali jiġu applikati f'livell territorjali li jippermettilhom jagħtu riżultati li effettivament jikkontribwixxu għall-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u l-innovazzjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal- kriterji tal-popolazzjoni għaż-żona li għandha tiġi koperta minn kull

strateġija u l-ambitu dettaljat b'rabta mal-ispejjeż preparatorji u tal-attivitajiet li għandhom jiġu koperti.

(40) L-appoġġ għall-iżvilupp lokali tal-LEADER mill-FAEŻR għandu jkopri l-aspetti kollha tal-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-iżvilupp lokali u l-operat tal-gruppi ta' azzjoni lokali kif ukoll il-kooperazzjoni fost territorji u gruppi li jwettqu żvilupp lokali minn isfel għal fuq u mmexxi mill-komunità. Sabiex sħab f'żoni rurali li għadhom mhux qed japplikaw il-LEADER ikunu jistgħu jittestjaw u jippreparaw għat-tfassil u l-operat ta' strateġija tal-iżvilupp lokali, għandu jiġi ffinanzjat ukoll "kitt tal-bidu tal-LEADER". Sabiex jiġi żgurat użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tat-tipi tad-definizzjoni dettaljata tal-ispejjeż għall-attivitajiet eliġibbli tal-gruppi ta' azzjoni lokali.

(41) L-investimenti huma komuni għal ħafna miżuri tal-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament u jistgħu jkunu marbuta ma' operazzjonijiet ta' natura differenti ħafna. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza fl-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti ċerti regoli komuni għall-investimenti kollha. Dawn ir-regoli komuni għandhom jiddefinixxu t-tipi ta' nefqa li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala nefqa tal-investiment u jiżguraw li jkunu biss dawk l-investimenti li joħolqu valur ġdid fl-agrikoltura li jirċievu appoġġ. Sabiex jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet marbuta ma' tipi partikolari ta' investimenti bħax-xiri ta' tagħmir użat u investimenti ta' sostituzzjoni sempliċi filwaqt li jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet li taħthom ċerti tipi ta' investimenti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala nefqa eliġibbli. Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' proġetti ta' investiment, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħmlu pagamenti bil-quddiem. Sabiex jiġu żgurati l-effikaċja, il-ġustizzja u l-impatt sostenibbli tal-assistenza tal-FAEŻR, għandhom jiġu stabbiliti regoli li jiżguraw li l-investimenti marbuta mal-operazzjonijiet ikunu sostenibbli u li l-appoġġ tal-FAEŻR ma jintużax biex ifixkel il-kompetizzjoni.

(42) Ċerti miżuri marbuta maż-żoni taħt dan ir-Regolament jinvolvu t-teħid ta' impenji min-naħa tal-benefiċjarji li jestendu għal mill-inqas ħames snin. Matul dan il-perjodu, jistgħu jseħħu bidliet fis-sitwazzjoni kemm tal-azjenda jew tal-benefiċjarju. Għaldaqstant għandhom jiġu stabbiliti regoli li jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi segwita f'dawn il-każijiet. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' miżuri marbuta maż-żoni u sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet applikabbli f'każ ta' trasferiment parzjali ta' azjenda, id-definizzjoni ta' sitwazzjonijiet oħra li fihom ir-rimborż tal-għajnuna m'għandux ikun rikjest.

(43) Ċerti miżuri taħt dan ir-Regolament jistipulaw, bħala kundizzjoni għall-għoti tal-appoġġ, li l-benefiċjarji jieħdu impenji li jmorru lil hinn minn xenarju bażi rilevanti definit f'termini ta' standards jew rekwiżiti obbligatorji. Fid-dawl tal-possibbiltà ta' emendi fil-leġiżlazzjoni matul il-perjodu tal-impenji li jwasslu għall-emendar tax-xenarju bażi, għandha ssir dispożizzjoni għar-reviżjoni tal-kuntratti kkonċernati sabiex jiġi żgurat li din il-kundizzjoni tibqa' tiġi ssodisfata.

(44) Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp rurali jintużaw bl-aħjar mod possibbli u sabiex jiġu identifikati miżuri taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali iżda wkoll biex jiġi garantit it-trattament ugwali tal-applikanti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji tal-għażla għall-għażla tal-proġetti. Għandha ssir biss eċċezzjoni għal din ir-regoli għal dawk il-miżuri li għalihom l-appoġġ jikkonsisti f'pagamenti għall-provvista ta' servizzi agroambjentali jew relatati mal-benessri tal-annimali. Fl-applikazzjoni tal-kriterji tal-għażla, għandu jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità għal dak li jikkonċerna għotjiet żgħar.

(45) Il-FAEŻR għandu jappoġġja permezz ta' assistenza teknika l-azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' programmi għall-iżvilupp rurali, inklużi l-ispejjeż marbuta mal-protezzjoni tas-simboli u l-abbrevjazzjonijiet relatati ma' skemi tal-kwalità tal-Unjoni li biex wieħed jissieħeb fihom jista' jingħata appoġġ taħt dan ir-Regolament, u l-ispejjeż tal-Istati Membri għad-delimitazzjoni taż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effettiv tar-riżorsi baġitarji tal-FAEŻR, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-attivitajiet tal-kontroll li jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-assistenza teknika.

(46) In-netwerking tan-netwerks nazzjonali, l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet involuti fid-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-programm, organizzati fil-kuntest tan-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali, wera li jista' jkollu rwol importanti ferm fit-titjib tal-kwalità ta' programmi għall-iżvilupp rurali billi jżid l-involviment tal-partijiet interessati fil-governanza tal-iżvilupp rurali kif ukoll billi jinforma lill-pubbliku ġenerali bil-benefiċċji tiegħu. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

(47) Sabiex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, għandu jiġi stabbilit netwerk tas-SEI li jgħaqqad flimkien f'netwerk gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi u riċerkaturi involuti fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jindirizzaw l-innovazzjoni fl-agrikoltura. Għaldaqstant għandu jiġi ffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika fil-livell tal-Unjoni.

(48) During the 2007 -2013 programming period an evaluation expert network operated in the context of the European network for rural development. Biex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet speċifiċi tal-evalwazzjoni, għandu jitwaqqaf netwerk Ewropew tal-evalwazzjoni għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' pprogrammar 2014-2020 sabiex jiġbor flimkien l-atturi kollha involuti fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni għall-iffaċilitar tal-iskambju tal-kompetenzi f'dan il-qasam. Dan għandu jkun iffinanzjat bħala parti mill-assistenza teknika.

(49) L-Istati Membri għandhom jirriservaw porzjon tal-ammont totali ta' kull programm għall-iżvilupp rurali dedikat għal assistenza teknika għall-finanzjament tat-twaqqif u l-operat ta' netwerk rurali nazzjonali li jgħaqqad flimkien l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet involuti fl-iżvilupp rurali, inkluża s-sħubija, bl-għan li jżidu l-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni tal-programm u li jtejbu l-kwalità tal-programmi għall-iżvilupp rurali. In-netwerks rurali nazzjonali għandhom jippreparaw u jimplimentaw pjan ta' azzjoni.

(50) Il-FAEŻR għandu juri r-rikonoxximent tal-Unjoni tal-metodi li bihom l-approċċi lejn l-iżvilupp lokali u d-dimensjoni transnazzjonali jistgħu jsaħħu lil xulxin, speċjalment meta jiġi applikat spirtu innovattiv. Huwa għandu jagħmel dan billi jagħti premji lil numru limitat ta' proġetti li jagħtu eżempju ta' dawn il-karatteristiċi. Il-premji għandhom jikkumplimentaw sorsi oħra ta' finanzjament disponibbli permezz tal-politika għall-iżvilupp rurali billi jagħtu rikonoxximent lil kwalunkwe proġett ewlieni li jkun adegwat, irrispettivament minn jekk dak il-proġett ikunx ġie ffinanzjat ukoll permezz ta' programm ta' żvilupp rurali.

(51) Il-programmi ta' żvilupp rurali għandhom jipprovdu għal azzjonijiet innovattivi li jippromwovu settur agrikolu li jużu r-riżorsi b'mod effiċjenti, li jkun produttiv u li jkollu livell baxx ta' emissjonijiet, bl-appoġġ tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola. Is-SEI għandu jkollha l-għan li tippromwovi t-traspożizzjoni iżjed veloċi u usa' ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika. Is-SEI għandha toħloq valur miżjud billi ttejjeb l-użu u l-effikaċja ta' strumenti marbuta mal-innovazzjoni u permezz tat-titjib tas-sinerġiji bejniethom. Is-SEI għandha timla d-diskrepanzi permezz ta' rabta ikbar bejn ir-riċerka u l-biedja fil-prattika. .

(52) L-implimentazzjoni ta' proġetti innovattivi fil-kuntest tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha sseħħ minn gruppi operazzjonali li jgħaqqdu flimkien bdiewa, riċerkaturi, konsulenti, negozji u atturi oħra kkonċernati permezz tal-innovazzjoni fis-settur agrikolu. Sabiex jiġi żgurat li r-riżultat ta' dawn il-proġetti jkunu ta' profitt għas-settur kollu inġenerali, ir-riżultati tagħhom għandhom jiġu mxerrda.

(53) Għandu jkun hemm dispożizzjoni għad-determinazzjoni tal-ammont totali tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont massimu li għandu jiġi kkonċentrat fir-reġjuni inqas żviluppati skont il-Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-perjodu mill-2014 sal-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja[20] għall-istess perjodu. L-approprjazzjonijiet disponibbli għandhom jiġu indiċjati fuq bażi ta' rata fissa għall-ipprogrammar.

(54) Sabiex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar tal-fondi tal-FAEŻR, għandha tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni unika tal-FAEŻR għall-ipprogrammar tal-iżvilupp rurali b'rabta man-nefqa pubblika fl-Istati Membri. Sabiex jiġu kkunsidrati l-importanza partikolari jew in-natura ta' ċerti tipi ta' operazzjonijiet, għandhom jiġu stabbiliti rati ta' kontribuzzjoni speċifiċi b'rabta magħhom. Sabiex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mil-livell ta' żvilupp, mid-distanza u l-insularità, għandhom jiġu stabbiliti rati ta' kontribuzzjoni xierqa tal-FAEŻR għar-reġjuni inqas żviluppati, għar-reġjuni l-iżjed imbiegħda msemmija fit-Trattat u għall-Gżejjer żgħar tal-Eġew.

(55) Il-fondi rilaxxati fl-Istati Membri b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-limitu massimu għal pagamenti diretti li jaslu għand azjendi agrikoli individwali kbar taħt l-ewwel pilastru tal-PAK għandhom ikunu rriservati għall-finanzjament, f'kull Stat Membru, ta' proġetti relatati mal-innovazzjoni biex l-azjendi agrikoli, inklużi l-azjendi agrikoli l-kbar, jiġu megħjuna jżidu l-kompetittività tagħhom fil-qafas tal-għanijiet tal-PAK.

20 ĠU L […], […], p. […].

Dawn il-proġetti għandhom jinbdew mill-bdiewa irrispettivament mid-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, il-gruppi operazzjonali SEI u l-gruppi ta' azzjoni lokali, il-gruppi ta' imsieħba involuti fis-settur agrikolu.

(56) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa u jdaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet xierqa li jiżguraw li l-miżuri tal-iżvilupp rurali tagħhom ikunu verifikabbli u kontrollabbli. Għal dan il-għan, l-Awtorità ta’ Ġestjoni u l-Aġenzija tal-Pagamenti għandhom jipprovdu valutazzjoni ex ante u jintrabtu li jivvalutaw il-miżuri tul l-implimentazzjoni tal-programm. Il-miżuri li ma jirrispettawx din il-kundizzjoni għandhom jiġu aġġustati.

(57) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw il-ġestjoni tajba tal-programmi għall-iżvilupp rurali. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha twettaq kontrolli xierqa u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li jiggarantixxu l-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta’ ġestjoni tagħhom.

(58) Għandu jkun hemm Awtorità ta’ Ġestjoni waħda li tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta’ kull programm ta' żvilupp rurali. L-obbligi tagħha għandhom ikunu speċifikati f’dan ir-Regolament. L-Awtorità ta’ Ġestjoni għandha tkun tista’ tiddelega parti mill-obbligi tagħha filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà għall-effikaċja u l-korrettezza tal-ġestjoni. F’każ li programm għall-iżvilupp rurali jkun fih sottoprogrammi tematiċi, l-Awtorità ta’ Ġestjoni għandha tkun tista’ taħtar korp ieħor biex iwettaq b’mod sħiħ il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta’ dak is-sottoprogramm b’rabta mal-allokazzjonijiet finanzjarji li ġew identifikati għalih fil-programm filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba ta’ dawn is-sottoprogrammi.

(59) Kull programm ta' żvilupp rurali għandu jkun suġġett għall-monitoraġġ sabiex jiġu mmoniterjati regolarment l-implimentazzjoni tal-programm u l-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri stabbiliti tal-programm. Il-wiri u t-titjib tal-effikaċja u l-impatt tal-azzjonijiet taħt il-FAEŻR jiddependu wkoll fuq l-evalwazzjoni xierqa matul il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ programm u t-tlestija tiegħu. Għaldaqstant, għandha tiġi stabbilita sistema komuni ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, bl-għan li turi l-progress u tivvaluta l-impatt u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali.

(60) Sabiex jiġi żgurat li tkun tista’ tiġi aggregata l-informazzjoni fil-livell tal-Unjoni, sett ta’ indikaturi komuni għandu jkun parti mis-sistema. L-informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali għandha tiġi rreġistrata u miżmuma elettronikament bħala mezz li jiffaċilita l-aggregazzjoni tad-dejta. Il-benefiċjarji għandhom għaldaqstant ikunu mitluba jipprovdu l-informazzjoni minima meħtieġa għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

(61) Ir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-programm għandha tinqasam bejn l-Awtorità ta’ Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ stabbiliti għal dan l-għan. L-għan tal-Kumitat għall-Monitoraġġ għandu jkun il-monitoraġġ tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-programm. Għal dan il-għan, ir-responsabbiltajiet tiegħu għandhom jiġu speċifikati.

(62) Il-monitoraġġ tal-programm għandu jinvolvi t-tfassil ta’ rapport ta’ implimentazzjoni annwali, li għandu jintbgħat lill-Kummissjoni.

(63) Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tiegħu u tingħata prova tal-kisbiet tiegħu.

(64) L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għall-appoġġ għall-miżuri tal-iżvilupp rurali taħt ir-Regolament. Madankollu, għandu jiġi stabbilit li, minħabba l-ispeċifiċità tas-settur agrikolu, il-miżuri tal-iżvilupp rurali li jikkonċernaw l-operazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat, u li jitwettqu taħt u f'konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll pagamenti magħmula mill-Istati Membri, intiżi li jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għal operazzjonijiet ta' żvilupp rurali li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni u li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat, għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tal-Artikoli 107, 108, u 109 tat-Trattat.

(65) Barra minn hekk, bl-għan li tiġi żgurata l-konsistenza mal-miżuri għall-iżvilupp rurali eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni u sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri, maħsuba biex jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għal operazzjonijiet tal-iżvilupp rurali li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni u li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat, għandhom jiġu awtorizzati bħala parti mill-ipprogrammar abbażi ta' proċedura ta' notifika skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ xieraq tagħhom, meta tevalwa dawn il-pagamenti, il-Kummissjoni għandha tapplika l-kriterji stabbiliti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat permezz ta' analoġija. Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx implimentat finanzjament nazzjonali addizzjonali li ma jkunx awtorizzat mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat m'għandux idaħħal fis-seħħ il-finanzjament addizzjonali propost għall-iżvilupp rurali sakemm ikun ġie approvat. Il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri, intiżi li jipprovdu finanzjament nazzjonali addizzjonali għal operazzjonijiet ta' żvilupp rurali li għalihom jingħata l-appoġġ tal-Unjoni u li ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, sakemm ma jaqgħux taħt regolament, adottat skont ir-Regolament tal-Kunsill 994/98[21], u ma jistgħux jiddaħħlu fis-seħħ qabel ma din il-proċedura tirriżulta f'approvazzjoni finali mill-Kummissjoni.

(66) Għandha tiġi stabbilita sistema ta' informazzjoni elettronika biex tipprovdi skambju effiċjenti u sigur tad-dejta..

(67) Hija applikabbli leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tal-individwi b'rabta mal-ipproċessa tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, b'mod partikolari d-Direttiva 95/46KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta.

(68) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li timplimenta r-regoli għall-operat tas-sistema ta' informazzjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-

[21] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 tas-7 ta' Mejju 1998 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 (illum l-Artikoli 107 u 108 rispettivament) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għal ċertu kategoriji ta' għajnuna Statali orizzontali, ĠU L 142, 14.05.1998, p.1.

implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament b’rabta mal-preżentazzjoni ta’ programmi ta' żvilupp rurali, l-approvazzjoni ta’ programmi u modifiki tagħhom, il-proċeduri u l-iskedi ta’ żmien għall-approvazzjoni tal-programmi, il-proċeduri u l-iskedi ta’ żmien għall-approvazzjoni tal-modifiki fil-programmi, inkluż id-dħul fis-seħħ tagħhom u l-frekwenza tas-sottomissjoni, il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni ta’ miżuri għall-iżvilupp rurali, l-istruttura u l-operat tan-netwerks stabbiliti b’dan ir-Regolament, l-adozzjoni tas-sistema ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni[22].

(69) L-iskema ġdida ta’ appoġġ provduta b’dan ir-Regolament tissostitwixxi l-iskema ta’ appoġġ stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1698/2005. Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi revokat mill-1 ta’ Jannar 2014.

(70) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni mingħajr problemi mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta’ dispożizzjonijiet tranżitorji.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

[22] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

## WERREJ

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ...................... 10

TITOLU I Objettivi u Strateġija ..................... 29

Kapitolu I Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet ..................... 29

Kapitolu II Missjoni, objettivi, prijoritajiet u konsistenza ..................... 32

TITOLU II Ipprogrammar ..................... 35

Kapitolu I Kontenut tal-ipprogrammar ..................... 35

Kapitolu II Preparazzjoni, approvazzjoni u modifikazzjoni tal-programmi ta' żvilup rurali ... 39

TITOLU III Appoġġ għall-iżvilupp rurali ..................... 42

Kapitolu I Miżuri ..................... 42

Taqsima 1 Miżuri Individwali ..................... 42

Taqsima 2 Leader ..................... 67

Kapitolu II Dispożizzjonijiet komuni għal diversi miżuri ..................... 69

Kapitolu III Assistenza Teknika u Netwerking ..................... 71

Kapitolu IV Premju għal kooperazzjoni innovattiva lokali fiż-żoni rurali ..................... 76

TITOLU IV SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola ..................... 79

TITOLU V Dispożizzjonijiet finanzjarji ..................... 81

TITOLU VI Ġestjoni, kontroll u pubbliċità ..................... 86

TITOLU VII Monitoraġġ u evalwazzjoni ..................... 89

Kapitolu I Dispożizzjonijiet ġenerali ..................... 89

Taqsima 1 Stabbiliment u Objettivi ta' sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ..................... 89

Taqsima 2 Dispożizzjonijiet tekniċi ..................... 89

Kapitolu II Monitoraġġ ..................... 90

Kapitolu III Evalwazzjoni .......... 92

TITOLU VIII Dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni .......... 94

TITOLU IX Setgħat tal-Kummissjoni, dispożizzjonijiet komuni u dispożizzjonijiet tranżitorji u finali .......... 95

Kapitolu I Setgħat tal-Kummissjoni .......... 95

Kapitolu II Dispożizzjonijiet komuni .......... 96

Kapitolu III Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali .......... 96

ANNESS I Ammonti u rati ta' appoġġ .......... 98

ANNESS II Kriterji bijofiżiċi għad-delimitazzjoni taż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali .......... 102

ANNESS III Lista indikattiva ta' miżuri u operazzjonijiet ta' rilevanza partikolari għas-sottoprogrammi tematiċi msemmija fl-Artikolu 8 .......... 104

ANNESS IV Kundizzjonalitajiet ex ante għall-iżvilupp rurali .......... 106

ANNESS V Lista indikattiva ta' miżuri b'rilevanza għal prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilup rurali .......... 114

# TITOLU I
# Objettivi u Strateġija

## Kapitolu I
## Kamp ta' Applikazzjoni u Definizzjonijiet

*Artikolu 1*

*Kamp ta' Applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw l-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, iffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (iktar 'il quddiem "FAEŻR"), stabbilit bir-Regolament (UE) Nru HR/2012;

(b) jiddefinixxi l-għanijiet li l-politika ta' żvilupp rurali għandha tikkontribwixxi għalihom u l-prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

(c) jiddeskrivi l-kuntest strateġiku għall-politika ta' żvilupp rurali;

(d) jiddefinixxi l-miżuri tal-politika ta' żvilupp rurali;

(e) jistabbilixxi r-regoli dwar l-ipprogrammar, in-netwerking, l-immaniġġjar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fuq il-bażi tar-responsabbiltajiet maqsuma bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

(f) jistabbilixxi r-regoli bl-għan li tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-FAEŻR ma' strumenti oħra tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012].

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ipprogrammar": il-proċess ta' organizzazzjoni, teħid ta' deċiżonijiet u allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji f'diversi stadji, maħsub għall-implimentazzjoni, fuq bażi multiannwali, tal-azzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri biex jintlaħqu l-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

(b) “reġjun”: unità territorjali li tikkorrispondi għal-livell 1 jew 2 tan- Nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (livell 1 u 2 tan-NUTS ) skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23];

(c) “miżura”: sett ta’ operazzjonijiet li jikkontribwixxu għal prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

(d) “operazzjoni”: proġett, grupp ta’ proġetti, kuntratt jew arranġament, jew azzjoni oħra magħżula skont kriterji stabbiliti għall-programm ta' żvilupp rurali kkonċernat u implimentat minn wieħed jew aktar mill-benefiċjarji li jippermetti l-ilħuq ta’ wieħed jew iżjed mill-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali;

(e) “benefiċjarju”: persuna fiżika jew ġuridika jew korp ieħor, kemm pubbliku u kemm privat, responsabbli għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet jew li jirċievi l-appoġġ;

(f) “sistema ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni”: approċċ ġenerali żviluppat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li jiddefinixxi għadd limitat ta’ indikaturi komuni relatati mas-sitwazzjoni bażi u l-eżekuzzjoni finanzjarja, l-eżiti, ir-riżultati u l-impatti tal-programmi;

(g) “strateġija għall-iżvilupp lokali”: użu koerenti ta’ sett ta' operazzjonijiet biex jintlaħqu l-għanijiet u l-ħtiġijiet lokali, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet prijoritarji tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, implimentati bi sħubija fil-livell xieraq;

(h) “rata ta’ appoġġ”: ir-rata tal-kontribuzzjoni pubblika totali għal operazzjoni;

(i) “nefqa pubblika”: kull kontribuzzjoni pubblika għall-finanzjament ta’ operazzjonijiet li joriġinaw mill-baġit tal-Istat, tal-awtoritajiet reġjonali jew lokali, tal-Unjoni u kull nefqa simili. Kull kontribuzzjoni għall-finanzjament ta’ operazzjonijiet li joriġinaw mill-baġit ta' korpi pubbliċi legali jew assoċjazzjonijiet ta' awtorità reġjonali jew lokali waħda jew aktar jew korpi pubbliċi legali skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/18/KE[24], għandhom jitqiesu bħala kontribuzzjoni pubblika;

(j) “reġjuni inqas żviluppati”: reġjuni li l-prodott domestiku gross (PDG) per capita tagħhom huwa inqas minn 75 % tal-PDG medju tal-UE-27;

(k) “mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju” (iktar ’il quddiem “SMEs”): mikrointrapriżi, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[25];

(l) “spiża tat-tranżazzjoni”: spiża konnessa ma’ impenn iżda mhux direttament attribwibbli għall-implimentazzjoni tiegħu;

(m) "żona agrikola utilizzata (iktar 'il quddiem "ŻAU"): żona agrikola utilizzata skont it-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE tal-24 ta’ Novembru 1999[26];

---

23 ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.
24 ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
25 ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

(n) “telf ekonomiku”: kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba minn bidwi b’konsegwenza ta’ miżuri eċċezzjonali meħuda mill-bidwi bl-għan li jnaqqas il-provvista fis-suq ikkonċernat jew kwalunkwe telf sostanzjali tal-produzzjoni;

(o) “avveniment klimatiku negattiv”: kundizzjonijiet tat-temp, bħal ġlata, maltempati u silġ, xita qawwija jew nixfa kbira, li jixbhu lil diżastru naturali;

(p) “mard tal-annimali”: mard imsemmi fil-lista tal-mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali jew fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE[27];

(q) “inċident ambjentali”: okkorrenza speċifika ta’ tniġġis, kontaminazzjoni jew degradazzjoni fil-kwalità tal-ambjent relatati ma’ avveniment speċifiku u li tkun ta’ ambitu ġeografiku limitat. Ma jkoprix riskji ambjentali ġenerali mhux marbuta ma’ avveniment speċifiku, bħat-tibdil fil-klima jew it-tniġġis tal-arja;

(r) “diżastru naturali”: avveniment naturali ta’ natura bijotika jew abijotika li jwassal għal tfixkil kbir fis-sistemi ta’ produzzjoni agrikola u fl-istrutturi tal-foresti, u eventwalment jikkawżaw ħsara ekonomika kbira lis-setturi tal-biedja u tal-foresti;

(s) “avveniment katastrofiku”: avveniment mhux previst ta’ natura bijotika jew abijotika kkawżat minn azzjoni umana li jwassal għal tfixkil kbir fis-sistemi ta’ produzzjoni agrikola u fl-istrutturi tal-foresti, u eventwalment jikkawżaw ħsara ekonomika kbira lis-setturi tal-biedja u tal-foresti;

(t) “katina tal-provvista qasira”: katina tal-provvista li tinvolvi numru limitat ta’ operaturi ekonomiċi, impenjati lejn il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku lokali, u relazzjonijiet ġeografiċi u soċjali mill-viċin bejn il-produtturi u l-konsumaturi;

(u) “bidwi żgħażugħ”: bidwi li jkollu inqas minn 40 sena fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, li jkollu ħiliet u kompetenzi tax-xogħol xierqa u li jkun qiegħed jistabbilixxi ruħu għall-ewwel darba f’azjenda agrikola bħala l-kap tal-azjenda.

(v) “operazzjoni kkompletata” tfisser operazzjoni li ġiet fiżikament ikkompletata u implimentata kompletament, u li fir-rigward tagħha saru l-pagamenti relatati kollha mill-benefiċjarji u tħallset il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti lill-benefiċjarji;

(w) "l-għanijiet tematiċi": L-objettivi tematiċi definiti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

(x) "Qafas Strateġiku Komuni (iktar 'il quddiem "CSF")": il-Qafas Strateġiku Komuni msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) [CSF/2010];

2. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' bidwi żgħażugħ stabbilita fil-paragrafu 1(u), il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 90 dwar il-kundizzjonijiet li skonthom persuna legali tista' tkun

---

26 ĠU L 38, 12.2.2000, p. 1.
27 ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.
28 ĠU L […], […], p. […].

ikkunsidrata bħala 'bidwi żagħżugħ', inkluż l-istabbiliment ta' perjodu addizzjonali għall-akkwist ta' ħiliet fuq ix-xogħol.

# Kapitolu II
# Missjoni, objettivi, prijoritajiet u konsistenza

*Artikolu 3*

*Missjonijiet*

Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 billi jippromwovi l-iżvilupp rurali sostenibbli fl-Unjoni b'mod kumplimentari mal-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem "PAK"), mal-politika ta' koeżjoni u mal-politika komuni tas-sajd. Huwa għandu jikkontribwixxi għal settur agrikolu tal-Unjoni li jkun innovattiv, iżjed bilanċjat fil-livell territorjali u ambjentali, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u li jkun reżistenti.

*Artikolu 4*

*Objettivi*

Fi ħdan il-qafas ġenerali tal-PAK, l-appoġġ għal żvilupp rurali għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

(1) il-kompetittività fl-agrikoltura;

(2) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni favur il-klima;

(3) l-iżvilupp territorjali ibbilanċjat taż-żoni rurali.

*Artikolu 5*

*Prijoritajiet tal-Unjoni għall-Iżvilupp Rurali*

Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' żvilupp rurali li jikkontribwixxu għall-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, għandhom jiġu segwiti s-sitt prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, li jisarrfu fl-Objettivi Tematiċi rilevanti tal-QSK:

(1) it-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni rurali, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) it-trawwim tal-innovazzjoni u l-bażi tal-għarfien fiż-żoni rurali;

(b) it-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-agrikoltura u l-forestrija u r-riċerka u l-innovazzjoni

(c) it-trawwim tat-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija.

(2) it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) l-iffaċilitar tar-ristrutturar tal-azjendi agrikoli li jiffaċċjaw problemi strutturali ewlenin, speċjalment azjendi agrikoli b'livell baxx ta' parteċipazzjoni fis-suq, azjendi agrikoli orjentati lejn is-suq f'setturi partikolari u azjendi agrikoli li jeħtieġu diversifikazzjoni agrikola;

(b) l-iffaċilitar tat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu.

(3) il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-ġestjoni tar-riskji fl-agrikoltura, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) integrazzjoni aħjar tal-produtturi primarji fil-katina tal-ikel permezz ta' skemi tal-kwalità, promozzjoni fis-swieq lokali u ċirkwiti tal-provvista qosra, gruppi tal-produtturi u organizzazzjoni interprofessjonali;

(b) l-appoġġ għall-ġestjoni tar-riskji tal-azjendi agrikoli:

(4) l-irkupru, il-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) l- u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, Inklużi ż-żoni f'Natura 2000 u l-biedja li għandha valur naturali għoli u l-istat tal-pajsaġġi Ewropej;

(b) it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma;

(c) it-titjib tal-ġestjoni tal-ħamrija.

(5) il-promozzjoni tal-effikaċja tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) iż-żieda tal-effikaċja fl-użu tal-ilma permezz tal-agrikoltura;

(b) iż-żieda tal-effikaċja fl-użu tal-enerġija fl-agrikoltura u l-ipproċessar tal-ikel;

(c) l-iffaċilitar tal-provvista u l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, prodotti sekondarji, skart, residwi u materja prima oħra mhux tal-ikel għal skopijiet tal-bijoekonomija;

(d) it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu u tal-metanu mill-agrikoltura;

(e) it-trawwim tal-ġbir tal-karbonju fl-agrikoltura u l-forestrija;

(6) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) l-iffaċilitar tad-diversifikazzjoni, il-ħolqien ta' intrapriżi żgħar ġodda u l-ħolqien tal-impjiegi;

(b) it-trawwim tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali;

(c) it-titjib fl-aċċessibbiltà għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), fl-użu u l-kwalità tagħhom fiż-żoni rurali

Dawn il-prijoritajiet kollha għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi trasversali tat-trawwim tal-innovazzjoni u tal-kontribut lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

*Artikolu 6*

*Konsistenza*

1. Għandu jkun hemm konsistenza bejn l-appoġġ mill-FAEŻR u l-miżuri ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija.

2. L-ebda appoġġ taħt dan ir-Regolament m'għandu jingħata lil operazzjonijiet appoġġjati taħt l-organizzazzjonijiet tas-suq komuni. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 90, biex tiddefinixxi l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola.

# TITOLU II
# Ipprogrammar

## Kapitolu I
## Kontenut tal-ipprogrammar

*Artikolu 7*

*Programmi ta' Żvilupp Rurali*

1. l-FAEŻR għandu jaġixxi fl-Istati Membri permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali. Dawn il-programmi għandhom jimplimentaw strateġija għall-iżvilupp rurali li tilħaq il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali permezz ta' sett ta' miżuri definiti fit-Titolu III, li biex jitwettqu, se tintalab l-għajnuna tal-FAEŻR.

2. Stat Membru jista' jissottometti progamm wieħed għat-territorju kollu tiegħu jew inkella sett ta' programmi reġjonali.

3. L-Istati Membri li jkollhom programmi reġjonali jistgħu jissottomettu wkoll qafas nazzjonali għall-approvazzjoni li jkun fih elementi komuni għal dawn il-programmi mingħajr allokazzjoni baġitarja separata.

*Artikolu 8*

*Sottoprogrammi tematiċi*

1. L-Istati Membri jistgħu jinkludu sottoprogrammi tematiċi fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, indirizzati biex jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi identifikati, b'mod partikolari b'rabta ma':

(d) bdiewa żgħażagħ;

(e) azjendi agrikoli żgħar kif imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 20(2);

(f) żoni bil-muntanji kif imsemmija fl-Artikolu 33(2);

(g) ktajjen tal-provvista qosra.

Lista indikattiva ta' miżuri u tipi ta' operazzjonijiet ta' rilevanza partikolari għal kull sottoprogramm tematiku hija stabbilita fl-Anness III.

2. Is-sottoprogrammi tematiċi jistgħu jindirizzaw ukoll ħtiġijiet speċifiċi marbuta mar-ristrutturar tas-setturi agrikoli b'impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp ta' żona rurali speċifika.

3. Ir-rati tal-appoġġ stabbiliti fl-Anness I jistgħu jiġu miżjuda b'10 punti perċentwali għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas ta' sottoprogrammi tematiċi li jikkonċernaw azjendi agrikoli żgħar u ktajjen tal-provvista qosra. Fil-każ ta' bdiewa żgħażagħ u żoni muntanjużi, ir-rati tal-appoġġ massimi jistgħu jiżdiedu f'konformità mal-Anness I. Madankollu, ir-rata massima tal-appoġġ ikkombinata ma tistax taqbeż id-90 %.

*Artikolu 9*

*Kontenut tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali*

1. Minbarra l-elementi msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], kull programm ta' żvilupp rurali għandu jinkludi:

(a) l-evalwazzjoni *ex ante* msemmija fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) [CSF/2012];

(b) analiżi tas-sitwazzjoni f'termini ta' preġji, dgħjufijiet, opportunitajiet u theddid (iktar 'il quddiem "SWOT") u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati fiż-żona ġeografika koperta mill-programm u, fejn rilevanti, mis-sottoprogrammi tematiċi msemmija fl-Artikolu 8.

L-analiżi għandha tiġi strutturata madwar il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Il-ħtiġijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament u l-promozzjoni tal-innovazzjoni għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali, bl-għan li jiġu identifikati r-risponsi rilevanti f'dawn iż-żewġ oqsma fil-livell ta' kull prijorità;

(c) deskrizzjoni tal-istrateġija li tinkludi l-istabbiliment tal-miri għal kull wieħed mill-oqsma tal-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali rilevanti, fuq il-bażi ta' indikaturi komuni msemmija fl-Artikolu 76, li għandhom jiġu definiti bħala parti mis-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 74, u għażla ta' miżuri, ibbażati fuq loġika ta' intervent tajba tal-programm, inkluża valutazzjoni tal-kontribut mistenni tal-miżuri magħżula biex jintlaħqu l-miri.

Il-programm ta' żvilupp rurali għandu juri li:

(i) jkunu ġew inklużi l-kombinazzjonijiet rilevanti tal-miżuri b'rabta ma' kull waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali rilevanti, li loġikament jirriżultaw mill-evalwazzjoni ex ante msemmija fil-punt (a) u l-analiżi msemmija fil-punt (b);

(ii) l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji għall-miżuri tal-programm hija bbilanċjata u adegwata biex tikseb il-miri stabbiliti;

(iii) il-ħtiġijiet speċifiċi marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi fil-livell reġjonali jew sottoreġjonali ġew ikkunsidrati u indirizzati b'mod konkret permezz ta' kombinazzjonijiet ta' miżuri jew sottoprogrammi tematiċi mfassla kif xieraq;

(iv) ikun integrat fil-programm approċċ pertinenti lejn l-innovazzjoni, l-ambjent, inklużi l-bżonnijiet speċifiċi taż-żoni Natura 2000, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

(v) tkun ġiet prevista azzjoni xierqa biex tissimplifika l-implimentazzjoni tal-programm;

(vi) ikunu ttieħdu miżuri li jiżguraw id-disponibbiltà ta' kapaċità konsultattiva suffiċjenti dwar ir-rekwiżiti regolatorji u l-aspetti kollha marbuta mal-ġestjoni sostenibbli tal-agrikoltura u l-forestrija kif ukoll azzjoni dwar il-klima;

(vii) ikunu ġew ippjanati inizjattivi għas-sensibilizzazzjoni u l-animazzjoni ta' azzjonijiet innovattivi u għall-istabbiliment ta' gruppi operazzjonali tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola;

(viii) qed ikun definit approċċ xieraq li jistabbilixxi l-prinċipji dwar id-definizzjoni ta' kriterja ta' għażla għall-proġetti u strateġiji ta' żvilupp lokali, li jikkunsidra miri rilevanti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li tingħata prijorità jew rata ta' appoġġ ogħla għall-operazzjonijiet li jsiru kollettivament minn gruppi ta' bdiewa;

(d) l-evalwazzjoni tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* u, fejn meħtieġ, l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(4) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] u l-punti ewlenin stabbiliti għall-finijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] ;

(e) deskrizzjoni ta' kull waħda mill-miżuri magħżula;

(f) b'rabta mal-iżvilupp lokali, deskrizzjoni speċifika tal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali, il-miżura tal-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 36, il-miżura tas-servizzi bażiċi u t-tiġdid tal-villaġġ fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 21 u l-appoġġ għal attivitajiet mhux agrikoli fiż-żoni rurali taħt il-miżura tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozju fiż-żoni rurali msemmija fl-Artikolu 20;

(g) deskrizzjoni tal-approċċ lejn l-innovazzjoni fid-dawl tat-titjib tal-produttività u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u l-kontribut biex jintlaħqu l-objettivi tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola msemmija fl-Artikolu 61;

(h) analiżi tal-ħtiġijiet relatati mar-rekwiżiti tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) [CSF/2012]. L-Istati Membri għandhom jipprovdu biżżejjed riżorsi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità biex jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati;

(i) pjan ta' finanzjament li jinkludi:

(i) tabella li tistabbilixxi, f'konformità mal-Artikolu 64(4), il-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR ippjanata għal kull sena. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika separatament fi ħdan il-kontribuzzjonijiet totali tal-FAEŻR, l-approprjazzjonijiet provduti għar-reġjuni inqas żviluppati u l-fondi trasferiti lill-FAEŻR bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012. Il-kontribuzzjoni annwali ppjanata tal-FAEŻR għandha tkun kompatibbi mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali;

(ii) tabella li tistabbilixxi, għal kull miżura, it-tip ta' operat b'rata tal-kontribuzzjoni speċifika tal-FAEŻR u l-assistenza teknika, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni ppjanata u r-rata tal-kontribuzzjoni applikabbli tal-FAEŻR. Fejn applikabbli, din it-tabella għandha tindika b'mod separat ir-rata tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR għar-reġjuni inqas żviluppati u għal reġjuni oħra;

(j) pjan ta' indikaturi li jinkludi, għal kull waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali rilevanti, l-indikaturi tal-miri u l-miżuri magħżula bl-eżiti ppjanati u bin-nefqa ppjanata, maqsuma bejn dawk pubbliċi u dawk privati;

(k) fejn applikabbli, tabella dwar il-finanzjament nazzjonali addizzjonali għal kull miżura f'konformità mal-Artikolu 89;

(l) l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni taħt l-Artikolu 89 u, fejn applikabbli, il-lista tal-iskemi ta' għajnuna li jaqgħu taħt l-Artikolu 88(1) li għandhom jintużaw għall-implimentazzjoni tal-programmi;

(m) informazzjoni dwar il-kumplimentarjetà mal-miżuri ffinanzjati mill-istrumenti l-oħra tal-politika agrikola komuni, permezz tal-politika ta' koeżjoni jew mill-EMFF;

(n) arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-programmi inklużi:

(i) il-ħatra mill-Istat Membri tal-awtoritajiet kollha msemmija fl-Artikolu 72(2) u, għal skopijiet ta' informazzjoni, deskrizzjoni qasira tal-istruttura tal-immaniġġjar u l-kontroll;

(ii) deskrizzjoni tal-proċeduri tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, kif ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Monitoraġġ;

(iii) id-dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-programm jiġi ppubbliċizzat, inkluż permezz tan-netwerk rurali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 55;

(o) il-ħatra tal-imsieħba msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012 u r-riżultati tal-konsultazzjoni tal-imsieħba;

(p) fejn applikabbli, l-elementi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni u l-istruttura tan-netwerk rurali nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 55(3), u d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tiegħu, li jikkostitwixxu l-bażi tal-pjanijiet ta' azzjonijiet annwali tiegħu.

2. Meta jiġu inklużi sottoprogrammi tematiċi fi programm għall-iżvilupp rurali, kull sottoprogramm għandu jinkludi:

(a) analiżi speċifika tas-sitwazzjoni f'termini ta' SWOT u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati mis-sottoprogramm;

(b) miri speċifiċi fil-livell ta' sottoprogrammi u għażla ta' miżuri, ibbażati fuq definizzjoni dettaljata tal-loġika tal-intervent tas-sottoprogramm, inkluża valutazzjoni tal-kontribuzzjoni mistennija tal-miżuri magħżula biex jintlaħqu l-miri;

(c) pjan ta' indikaturi speċifiku separat, bl-eżiti ippjanati u bin-nefqa ppjanata, maqsuma bejn pubbliċi u privati.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli għall-preżentazzjoni tal-elementi deskritti fil-paragrafi 1 u 2 fi programmi ta' żvilupp rurali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

# Kapitolu II
# Preparazzjoni, approvazzjoni u modifikazzjoni tal-programmi ta' żvilup rurali

*Artikolu 10*

*Kundizzjonalitajiet ex ante*

Minbarra l-kundizzjonalitajiet *ex ante* msemmija fl-Anness IV, għandhom japplikaw għall-FAEŻR il-kundizzjonalitajiet *ex ante* ġenerali stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012].

*Artikolu 11*

*Approvazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali*

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni proposta għal kull programm għall-iżvilupp rurali, li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

2. Kull programm għall-iżvilupp rurali għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 12*

*Emenda tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali*

1. It-talbiet għal modifiki tal-programmi mill-Istati Membri għandhom jiġu approvati f'konformità mal-proċeduri li ġejjin:

   (a) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar it-talbiet għall-modifiki tal-programmi li jkunu jikkonċernaw:

   (i) bidla fl-istrateġija tal-programm permezz ta' ssettjar mill-ġdid radikali tal-miri kwantifikati;

   (ii) bidla fir-rata tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR ta' miżura waħda jew iżjed;

   (iii) bidla tal-kontribuzzjoni sħiħa tal-Unjoni jew id-distribuzzjoni annwali fil-livell tal-programmi;

   (iv) trasferiment ta' fondi bejn miżuri implimentati taħt rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR differenti.

   Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

   (b) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar talbiet għall-modifika tal-programmi fil-każijiet l-oħra kollha. Dawn għandhom jinkludu b'mod partikolari:

   (i) l-introduzzjoni jew l-irtirar ta' miżuri jew tipi ta' operazzjonijiet;

   (ii) bidliet fid-deskrizzjoni tal-miżuri, inklużi bidliet fil-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mal-kriterji li jiddefinixxu l-issettjar mill-ġdid radikali tal-miri kwantifikati msemmija fil-paragrafu 1(a)(i).

*Artikolu 13*

*Regoli ta' proċedura u skedi ta' żmien*

Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar proċeduri u skedi ta' żmien għal:

(a) l-approvazzjoni ta' programmi ta' żvilupp rurali;

(b) is-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' proposti għal modifiki tal-programmi għall-iżvilupp rurali, inkluż id-dħul fis-seħħ tagħhom u l-frekwenza tas-sottomissjoni waqt il-perjodu ta' pprogrammar.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

# TITOLU III
# Appoġġ għall-iżvilupp rurali

## Kapitolu I
## Miżuri

*Artikolu 14*

*Miżuri*

Kull miżura għall-iżvilupp rurali għandha tkun ipprogrammata biex tikkontribwixxi b'mod speċifiku għall-kisba ta' prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali Lista indikattiva ta' miżuri ta' rilevanza partikolari għall-prijoritajiet tal-Unjoni hija stabbilita fl-Anness V.

### TAQSIMA 1

### MIŻURI INDIVIDWALI

*Artikolu 15*

*Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri t-taħriġ vokazzjonali u l-azzjonijiet relatati mal-kisba ta’ ħiliet, l-attivitajiet ta’ dimostrazzjoni u l-azzjonijiet ta’ informazzjoni. It-taħriġ vokazzjonali u l-azzjonijiet relatati mal-kisba ta’ ħiliet jistgħu jinkludu korsijiet ta’ taħriġ, workshops u kkowċjar.

   L-appoġġ jista’ jkopri wkoll skambju tal-ġestjoni ta’ azjenda agrikola għal żmien qasir u żjara f’azjenda agrikola.

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkun għall-benefiċċju tal-persuni involuti fis-settur agrikolu, tal-ikel u tal-forestrija, il-persuni responsabbli mill-ġestjoni tal-art u atturi ekonomiċi oħra li jkunu SMEs li joperaw f’żoni rurali.

   Il-fornitur tat-taħriġ jew ta’ azzjoni oħra tat-trasferiment tal-għarfien u l-informazzjoni għandu jkun il-benefiċjarju tal-appoġġ.

3. L-appoġġ taħt din il-miżura m’għandux jinkludi korsijiet ta’ struzzjoni jew taħriġ, li jiffurmaw parti mill-programmi jew is-sistemi edukattivi normali fil-livelli sekondarji jew ogħla.

Il-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u tal-informazzjoni għandu jkollhom il-kapaċitajiet xierqa fil-forma ta' kwalifiki tal-persunal u taħriġ regolari biex iwettqu dan il-kompitu.

4. L-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura għandhom ikunu l-ispejjeż tal-organizzazzjoni u t-twassil tat-trasferiment tal-għarfien jew l-azzjoni ta' informazzjoni. Fil-każ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni, l-appoġġ jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-investiment relatati. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ispejjeż għas-sussistenza tal-parteċipanti kif ukoll l-ispiża għas-sostituzzjoni tal-bdiewa għandhom ikunu eliġibbli wkoll.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mal-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-ispejjeż eliġibbli, il-kwalifiki minimi tal-korpi li jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien u t-tul taż-żmien u l-kontenut tal-iskemi tal-iskambji ta'azjendi agrikoli u ż-żjarat f'azjendi agrikoli.

*Artikolu 16*

*Servizzi konsultattivi, servizzi ta' ġestjoni u ta' sostituzzjoni b'rabta mal-ażjendi agrikoli*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata sabiex:

   (a) il-bdiewa, is-sidien tal-foresti u l-SMEs fiż-żoni rurali jiġu megħjuna jibbenefikaw mill-użu ta' servizzi konsultattivi għat-titjib tal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali kif ukoll tal-kapaċità tal-azjenda,l-intrapriża u/jew l-investiment tagħhom li ma jagħmlux ħsara lill-klima u li jkunu reżistenti għat-tibdil fil-klima;

   (b) jiġi promoss l-istabbiliment ta' servizzi tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, tas-sostituzzjoni tal-azjendi agrikoli u servizzi ta' konsulenza relatati mal-azjendi agrikoli, inkluża s-Sistema ta' Konsulenza tal-Azjendi Agrikoli msemmija fl-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

   (c) jiġi promoss it-taħriġ tal-konsulenti.

2. Il-benefiċjarju tal-appoġġ provdut fil-paragrafu 1(a) u (c) għandu jkun il-fornitur tal-pariri jew tat-taħriġ. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lill-awtorità jew lill-korp magħżul biex jorganizza l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, is-sostituzzjoni tal-azjendi agrikoli, is-servizz konsultattiv dwar l-azjendi agrikoli jew il-forestrija.

3. L-awtoritajiet jew il-korpi magħżula biex jipprovdu pariri għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa fil-forma ta' persunal imħarreġ regolarment u kkwalifikat, u esperjenza u affidabbiltà fir-rigward tal-oqsma li dwarhom huma jagħtu pariri. Il-benefiċjarji għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal proposti. Il-proċedura tal-għażla għandha tkun oġġettiva u tkun miftuħa għal korpi pubbliċi kif ukoll privati.

   Meta jagħtu l-pariri, is-servizzi konsultattivi għandhom jirrispettaw l-obbligi ta' nuqqas ta' divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru HR/2012

4. Il-pariri lill-bdiewa għandhom ikunu marbuta mill-inqas ma' prijorità waħda tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali u għandhom ikopru mill-inqas wieħed mill-elementi li ġejjin:

(a) wieħed jew aktar mir-rekwiżiti u/jew l-istandards statutorji dwar il-ġestjoni li jistabbilixxu kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin provduti fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

(b) fejn applikabbli, prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 u l-manutenzjoni taż-żona agrikola kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012;

(c) ir-rekwiżiti jew l-azzjonijiet relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-bijodiversità, il-ħarsien tal-ilma u tal-ħamrija, in-notifika dwar il-mard tal-annimali u l-innovazzjoni kif stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

(d) l-iżvilupp sostenibbli tal-attività ekonomika tal-azjendi żgħar kif definit mill-Istati Membri jew mill-inqas l-azjendi agrikoli parteċipanti fl-iskema Bdiewa Żgħar imsemmija fit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012; jew

(e) fejn rilevanti, l-istandards tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-pariri jistgħu jkopru wkoll kwistjonijiet relatati mal-prestazzjoni ekonomika, agrikola u ambjentali tal-azjenda agrikola.

5. Il-pariri lis-sidien tal-foresti għandhom ikopru bħala minimu l-obbligi rilevanti skont id-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, u 2000/60/KE. Dawn il-pariri jistgħu jkopru wkoll kwistjonijiet konnessi mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-azjenda tal-forestrija.

6. Il-pariri lill-SMEs jistgħu jkopru kwistjonijiet marbuta mal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali tal-intrapriża.

7. Fejn ikun ġustifikat u xieraq, il-pariri jistgħu jiġu provduti parzjalment fi grupp, filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sitwazzjonijiet tal-utenti individwali tas-servizzi konsultattivi parteċipanti.

8. L-appoġġ taħt il-paragrafi 1(a) u (c) għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness I. Skont il-paragrafu 1(b), l-appoġġ għandu jkun digressiv fuq perjodu massimu ta' ħames snin mill-istabbiliment tiegħu.

9. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-kwalifiki minimi tal-awtoritajiet jew tal-korpi li jipprovdu pariri.

*Artikolu 17*

*Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel*

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jkopri l-parteċipazzjoni ġdida mill-bdiewa fi:

(a) skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli, qoton jew oġġetti tal-ikel stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(b) skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli, qoton jew oġġetti tal-ikel rikonoxxuti mill-Istati Membri bħala li jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

(i) l-ispeċifiċità tal-prodott finali taħt dawn l-iskemi tirriżulta minn obbligi ċari biex jiġu ggarantiti:

- il-karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti , jew

- il-metodi speċifiċi tal-biedja jew tal-produzzjoni, jew

- il-kwalità tal-prodott finali li tmur b'mod sinifikanti lil hinn mill-istandards tal-kommodità kummerċjali fir-rigward tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, il-benessri tal-annimali jew il-protezzjoni ambjentali;

(ii) l-iskema hi miftuħa għall-produtturi kollha;

(iii) l-iskema tinvolvi speċifikazzjonijiet vinkolanti tal-prodotti, u l-konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet hi vverifikata mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn korp ta' spezzjoni indipendenti;

(iv) l-iskema hi trasparenti u tiżgura traċċabbiltà totali tal-prodotti;

jew

(c) skemi volontarji ta' ċertifikazzjoni tal-prodotti agrikoli rikonoxxuti mill-Istati Membri li jilħqu l-linji gwida tal-aħjar prattiki tal-Unjoni[29] għall-operat ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji marbuta ma' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

2. L-appoġġ għandu jingħata bħala pagament annwali ta' inċentiv, li l-livell tiegħu għandu jiġi determinat skont il-livell tal-ispejjeż fissi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fi skemi appoġġjati, għal perjodu massimu ta' ħames snin.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "spejjeż fissi" tfisser l-ispejjeż magħmula għas-sħubija fi skema tal-kwalità appoġġjata u l-kontribuzzjoni annwali għall-parteċipazzjoni f'dik l-iskema, inkluża, fejn meħtieġ, in-nefqa għall-verifiki meħtieġa biex tiġi ċċekkjata l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-iskema.

---

29 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida tal-aqwa prattiki tal-UE għat-tħaddim ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ĠU C 341, 16.12.2010, p. 5.

3. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness I.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mal-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni speċifiċi li għandhom ikunu koperti mill-paragrafu 1(a).

*Artikolu 18*

*Investimenti f'assi fiżiċi*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri investimenti tanġibbli u/jew intanġibbli li:

   (a) itejbu l-prestazzjoni globali tal-azjenda agrikola;

   (b) jikkonċernaw l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp tal-prodotti agrikoli koperti mill-Anness I għat-Trattat jew il-qoton. L-eżitu tal-proċess ta' produzzjoni jista' jkun prodott mhux kopert minn dak l-Anness;

   (c) jikkonċernaw infrastruttura marbuta mal-iżvilupp u l-adattament tal-agrikoltura, inkluż l-aċċess għal azjendi agrikoli u foresti, il-konsolidazzjoni u t-titjib tal-art, il-provvista tal-enerġija u l-ġestjoni tal-ilma; jew

   (d) ikunu investimenti mhux produttivi marbuta mall-issodisfar tal-impenji agroambjentali u agroforestali, l-istatus ta' konservazzjoni tal-bijodiversità ta' speċijiet u ħabitats kif ukoll mat-titjib tal-valur, f'termini ta' benefiċċju għall-pubbliku, ta' żona tan-Natura 2000 jew żona oħra ta' valur naturali għoli li għandhom jiġu definiti fil-programm.

2. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jingħata lill-azjendi agrikoli. Fil-każ ta' investimenti li jappoġġjaw ir-ristrutturar ta' azjenda agrikola, għandhom ikunu eliġibbli biss l-azjendi agrikoli li ma jaqbżgħux ċertu daqs, li għandu jiġi definit mill-Istati Membri fil-programm ibbażat fuq l-analiżi SWOT imwettqa b'rabta mal-prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali tal-"kompetittività tal-vijabbiltà tal-agrikoltura u l-azjendi agrikoli".

3. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jkun limitat għar-rati massimi tal-appoġġ stabbiliti fl-Anness I. Dawn ir-rati massimi jistgħu jiġu miżjuda għall-bdiewa żgħażagħ, għall-investimenti kollettivi u għall-proġetti integrati li jinvolvu appoġġ għal iżjed minn miżura waħda, l-investimenti f'żoni li għandhom restrizzjonijiet naturali kif imsemmi fl-Artikolu 33(3) u operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli skont ir-rati ta' appoġġ stabbiliti fl-Anness I. Madankollu, ir-rata ta' appoġġ massima kkombinata ma tistax taqbeż id-90%.

4. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika għall-investimenti mhux produttivi msemmija fil-paragrafu 1(d).

*Artikolu 19*

*L-irkupru tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilu ħsara b'diżastri naturali u naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:

(a) investimenti f'azzjonijiet preventivi mmirati biex jitnaqqsu l-konsegwenzi ta' diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi probabbli;

(b) investimenti għall- tal-art agrikola u l-produzzjoni potenzjalment iddanneġġjata b'diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi.

2. L-appoġġ għandu jingħata lil bdiewa jew lil gruppi ta' bdiewa. L-appoġġ jista' jingħata wkoll lil entitajiet pubbliċi meta tiġi stabbilita konnessjoni bejn l-investiment li jkunu għamlu dawn l-entitajiet u l-potenzjal tal-produzzjoni agrikola.

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(b) għandu jkun suġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali u li dan id-diżastru jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew organiżmi ta' ħsara kkawżaw il-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal agrikolu rilevanti.

4. M'għandu jingħata l-ebda appoġġ taħt din il-miżura għal telf ta' dħul li jirriżulta mid-diżastru naturali jew l-avveniment katastrofiku

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura u strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privata jiġi evitat.

5. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun limitat għar-rata massima tal-appoġġ stabbilita fl-Anness I. Din ir-rata massima m'għandhiex tapplika għal proġetti kollettivi minn iżjed minn benefiċjarju wieħed.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli taħt din il-miżura.

*Artikolu 20*

*L-iżvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:

(a) għajnuna biex jinfetaħ negozju għal:

(i) bdiewa żgħażagħ;

(ii) attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali;

(iii) (iii) l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar;

(b) Investimenti f'attivitajiet mhux agrikoli;

(c) Pagamenti annwali għall-bdiewa parteċipanti fl-iskema Bdiewa Żgħar stabbilita bit-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 (iktar 'il quddiem "l-iskema Bdiewa Żgħar") li jittrasferixxu b'mod permanenti l-azjenda tagħhom għal bidwi ieħor.

2. L-appoġġ skont il-paragrafu 1(a)(i) għandu jingħata lil bdiewa żgħażagħ.

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(a)(ii) għandu jingħata lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta' azjenda agrikola li jiddiversifikaw f'attivitajiet mhux agrikoli u lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali.

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(a)(iii) għandu jingħata lil azjendi agrikoli żgħar kif definit mill-Istati Membri.

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(b) għandu jingħata lil mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar mhux agrikoli f'żoni rurali jew lill-bdiewa jew lill-membri tal-familja ta' azjenda agrikola.

L-appoġġ skont il-paragrafu 1(c) għandu jingħata lill-bdiewa parteċipanti fl-iskema 'Bdiewa zgħar', fiż-żmien tat-tressiq tal-applikazzjoni tagħhom għall-appoġġ, għal mill-inqas sena u li jimpenjaw ruħhom li jitrasferixxu b'mod permanenti l-azjenda kollha tagħhom u l-intitolamenti ta' ħlas korrispondenti lil bidwi ieħor. L-appoġġ għandu jitħallas mid-data tat-trasferiment sal-31 ta' Diċembru 2020.

3. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus legali mogħti lill-grupp u lill-membri tagħha/tiegħu taħt il-liġi nazzjonali, t/jista' t/jitqies bħala membru ta' azjenda agrikola, bl-eċċezzjoni ta' ħaddiema f'azjenda agrikola. Meta persuna ġuridika jew grupp ta' persuni ġuridiċi t/jitqies bħala membru tal-azjenda agrikola, dak il-membru għandu jkun qed jagħmel attività agrikola fl-azjenda agrikola fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-appoġġ.

4. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun jiddependi fuq is-sottomissjoni ta' pjan tan-negozju. L-implimentazzjoni tal-pjan tan-negozju għandha tibda fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-limiti massimi u minimi biex l-azjendi agrikoli jingħatalhom aċċess għal appoġġ skont il-paragrafi 1(a)(i) u 1(a)(iii) rispettivament. Il-limitu minimu għall-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a)(i) għandu jkun ogħla b'mod sinifikanti mil-limitu massimu għall-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a)(iii). L-appoġġ għandu, madankollu, ikun limitat għall-azjendi li jaqgħtu taħt id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar.

5. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(a) għandu jkun fil-forma ta' pagament b'rata fissa, li jista' jitħallas f'mill-inqas żewġ pagamenti fuq perjodu massimu ta' ħames snin. Il-pagamenti jistgħu jkunu digressivi. Il-ħlas tal-aħħar pagament taħt il-paragrafu 1(a)(i) u (ii) għandu jkun jiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta tal-pjan tan-negozju.

6. L-ammont massimu ta' appoġġ għall-paragrafu 1 (a) huwa stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-ammont ta' appoġġ taħt il-paragrafu 1(a)(i) u (ii) b'kunsiderazzjoni wkoll għas-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona ta' programmazzjoni.

7. L-appoġġ skont il-paragrafu 1 (c) għandu jkun ekwivalenti għal 120 % tal-pagament annwali li l-benefiċjarju jkun irċieva mill-iskema 'Bdiewa żgħar'.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 dwar il-kontenut minimu tal-pjanijiet tan-negozju u l-kriterji li għandhom jintużaw mill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-limiti minimi msemmija fil-paragrafu 4.

*Artikolu 21*

*Servizzi bażiċi u tiġdid ta' villaġġi f'żoni rurali*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri b'mod partikolari:

(a) it-tfassil u l-aġġornament ta' pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet fiż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom u tal-pjanijiet ta' protezzjoni u ġestjoni b'rabta mas-siti tan-NATURA 2000 u żoni oħra ta' valur naturali għoli;

(b) investimenti fil-ħolqien, it-titjib jew l-espansjoni tat-tipi kollha ta' infrastruttura fuq skala żgħira, inklużi investiment fl-enerġija rinnovabbli;

(c) infrastruttura tal-broadband, inkluż il-ħolqien, it-titjib u l-espansjoni tagħha, l-infrastruttura tal-broadband passiv u l-provvista ta' aċċess għal broadband u soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku għall-pubbliku;

(d) investimenti fl-istabbiliment, it-titjib jew l-espansjoni ta' servizzi bażiċi lokali għall-populazzjoni rurali, inkluż dawk relatati mad-divertiment u l-kultura, u l-infrastruttura relatata;

(e) investimenti mill-korpi pubbliċi f'infrastruttura rikreattiva, informazzjoni għat-turisti u t-twaħħil ta' sinjali f'siti turistiċi;

(f) studji u investimenti assoċjati mal-manutenzjoni, ir-restawr u l-ammeljorament tal-wirt kulturali u naturali tal-villaġġi u l-pajsaġġi rurali, inklużi aspetti soċjoekonomiċi relatati;

(g) investimenti li jolqtu r-rilokazzjoni ta' attivitajiet u l-konverżjoni ta' bini jew faċilitajiet oħra li jinsabu viċin żoni rurali, bl-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja jew iżidu il-prestazzjoni ambjentali taż-żona.

2. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jikkonċerna biss infrastruttura fuq skala żgħira, kif definit minn kull Stat Membru fil-programm. Madankollu, il-programmi ta' żvilupp rurali jistgħu jipprovdu għal derogi speċifiċi minn din ir-regola għal investimenti fil-broadband u l-enerġija rinnovabbli. F'dan il-każ, għandhom jiġu provduti kriterji ċari li jiżguraw il-kumplimentarjetà mal-appoġġ taħt strumenti oħra tal-Unjoni.

3. L-investimenti taħt il-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ meta l-operazzjonijiet rilevanti jiġu implimentati skont il-pjanijiet għall-iżvilupp tal-muniċipalitajiet fiż-żoni rurali u s-servizzi bażiċi tagħhom, fejn jeżistu tali pjanijiet, u għandhom ikunu konsistenti ma' kwalunkwe strateġija ta' żvilupp lokali jekk tkun teżisti.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 dwar id-definizzjoni tat-tipi ta' infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli li għandhom ikunu eliġibbli taħt din il-miżura.

*Artikolu 22*

*Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti*

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jikkonċerna:

(a) l-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' żoni msaġġra;

(b) l-istabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija;

(c) il-prevenzjoni u l-irkuru tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali, inklużi t-tifrix ta' organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard, avvenimenti katastrofiċi u t-theddidiet marbuta mal-klima;

(d) investimenti li jtejbu r-reżistenza u l-valur ambjentali kif ukoll il-potenzjal ta' mitigazzjon tal-ekosistemi tal-foresti;

(e) investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija.

2. Il-limitazzjonijiet fuq is-sjieda tal-foresti provduti fl-Artikoli 36 sa 40 m'għandhomx japplikaw għall-foresti tropikali jew subtropikali u msaġar fit-territorji tal-Ażores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93[30] d-dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali.

Għal dak li jirrigwarda azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programm, l-appoġġ għandu jkun jiddependi mit-tressiq ta' pjan għall-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif definit fil-Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa tal-1993[31] (iktar 'il quddiem "il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti").

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu l-okkorrenza ta' diżastru naturali jew

[30] ĠU L 184, 27.7.1993, p. 1.

[31] It-tieni Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, 16-17 ta' Ġunju 1993, Helsinki/il-Finlandja "Riżoluzzjoni H1 – Linji Gwida Ġenerali għall-Immaniġġjar Sostenibbli tal-Foresti fl-Ewropa".

meta jseħħ it-tifrix ta’ organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard, u d-definizzjoni tat-tipi ta' azzjonijiet ta’ prevenzjoni eliġibbli.

*Artikolu 23*

*Afforestazzjoni u ħolqien ta’ żoni msaġġra*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(a) għandu jingħata lil sidien privati tal-art u lil min qiegħed fil-kera, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment u primjum annwali għal kull ettaru li l-ispejjeż ta’ manutenzjoni, inkluż tindif kmieni u tard, għal perjodu massimu ta’ għaxar snin.

2. Kemm l-art agrikola kif ukoll l-art mhux agrikola għandhom ikunu eliġibbli. Speċijiet imħawwlin għandhom ikunu adattati għall-kundizzjonijiet ambjentalu u klimatiċi taż-żona u jissodisfaw rekwiżiti ambjentali minimi. L-ebda appoġġ ma għandu jingħata għat-tħawwil ta' msaġar b’newba qasira, tas-siġar tal-Milied jew għas-siġar li jikbru malajr għall-produzzjoni tal-enerġija. F'żoni fejn l-afforestazzjjoni hija diffiċli minħabba kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-appoġġ jista' jingħata għat-tħawwil ta' siġar perenni bħal arbuxelli jew buxxijiet adattati għall-kundizzjonijiet lokali.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 dwar id-definizzjoni tar-rekwiżiti ambjentali minimi msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 24*

*Stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(b) għandu jingħata lil sidien privati tal-art u lil min qiegħed fil-kera, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż tal-istabbiliment u primjum annwali għal kull ettaru li l-ispejjeż ta’ manutenzjoni, għal perjodu massimu ta’ tliet snin.

2. "Is-sistemi tal-agroforestrija" għandhom ifissru sistemi ta' użu tal-art fejn jitkabbru s-siġar flimkien ma' agrikoltura estensiva fuq l-istess art. L-għadd massimu ta' siġar li għandu jitħawwel għal kull ettaru għandu jkun determinat mill-Istati Membri b'kunsiderazzjoni għall-kundizzjonijiet pedoklimatiċi, l-ispeċijiet tal-forestrija u l-bżonn li jkun żgurat użu agrikolu tal-art.

3. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rata massima tal-appoġġ stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 25*

*Il-prevenzjoni u t-tiswija tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(c) għandu jingħata lil sidien privati, semipubbliċi u pubbliċi tal-foresti, lill-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u għandu jkopri l-ispejjeż għall:

   (a) L-istabbiliment ta' infrastruttura protettiva. Fil-każ ta' fire breaks (strixxi mingħajr siġar biex in-nar ma jitħalliex jinfirex fil-foresta), l-appoġġ jista' jkopri wkoll għajnuna li tikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-manutenzjoni. M'għandu jingħata ebda appoġġ għal attivitajiet relatati mal-agrikoltura f'żoni koperti minn impenji agroambjentali.

   (b) attivitajiet lokali ta' prevenzjoni fuq skala żgħira kontra nirien jew perikli naturali oħra;

   (c) istabbiliment u titjib ta' faċilitajiet għall-monitoraġġ tan-nirien fil-foresti, tal-organiżmi li jagħmlu ħsara u ta' mard u tagħmir ta' komunikazzjoni;

   (d) l- tal-potenzjal ta' foresta li tkun saritilu ħsara minn nirien jew diżastri naturali oħra inklużi organiżmi li jagħmlu ħsara, mard u avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima.

2. Fil-każ ta' azzjonijiet preventivi li jikkonċernaw organiżmi li jagħmlu ħsara u mard, ir-riskju li jseħħ diżastru rilevanti għandu jkun appoġġjat b'evidenza xjentifika u rikonoxxut minn organizzazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi. Fejn ikun rilevanti, għandha tiġi provduta fil-programm il-lista tal-ispeċijiet ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti li jistgħu jikkawżaw diżastru.

   L-operazzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu konsistenti ma' pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri. Għal azjendi li jaqbżu ċertu daqs li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri fil-programm, l-appoġġ għandu jkun jiddependi mis-sottomissjoni ta' pjan tal-ġestjoni tal-foresti li jipprovdi dettalji dwar l-objettivi ta' prevenzjoni.

   Żoni forestali klassifikati bħala riskju medju sa għoli skont il-pjan għall-protezzjoni tal-foresti stabbilit mill-Istati Membri, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ relatat mal-prevenzjoni tan-nirien fil-foresti.

3. L-appoġġ taħt il-paragrafu 1(d) għandu jkun suġġett għar-rikonoxximent formali tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti tal-Istati Membri li jkun seħħ diżastru naturali u li dan id-diżastru jew il-miżuri adottati skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard jew organiżmi ta' ħsara kkawżaw il-qerda ta' mill-inqas 30 % tal-potenzjal tal-foresti rilevanti. Dan il-perċentwal għandu jiġi determinat fuq il-bażi tal-potenzjal tal-foresti eżistenti fil-perjodu ta' tliet snin immedjatament qabel id-diżastru jew fuq il-medja tal-perjodu ta' ħames snin immedjatament qabel id-diżastru, minbarra l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa.

4. L-ebda appoġġ taħt din il-miżura m'għandu jingħata għal telf ta' dħul li jirriżulta mid-diżastru naturali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura u strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privata jiġi evitat.

*Artikolu 26*

*Investimenti li jtejbu r-reżistenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti*

1. L-appoġġ taħt l-Artikolu 22(1)(d) għandu jingħata lil persuni fiżiċi, sidien privati ta' foresti, korpi taħt il-liġi privata u semipubbliċi, munċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' foresti statali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil korpi li jiġġestixxu tali foresti, li jkunu indipendenti mill-baġit statali.

2. L-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn l-issodisfar tal-impenji meħuda għal għanijiet ambjentali, servizzi relatati mal-ekosistemi u/jew li jtejbu l-valur, tal-foresta jew art imsaġġra fiż-żona kkonċernata jew li jtejbu l-potenzjal tal-ekosistemi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mingħajr ma jiġu esklużi benefiċċji ekonomiċi fiż-żmien twil.

*Artikolu 27*

*Investimenti f'teknoloġiji ta' forestrija ġodda u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 22(1)(e) għandu jingħata lil sidien ta' foresti privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom u lill-SMEs għal investimenti li jtejbu l-potenzjal tal-forestrija jew li jkunu relatati mal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni li jżidu l-valur tal-prodotti tal-forestrija. Fit-territorji tal-Gżejjer Azores, il-Madejra, il-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 u d-Dipartimenti Franċiżi Extrakontinentali, l-appoġġ jista' jingħata wkoll lil intrapriżi li mhumiex SMEs.

2. L-investimenti marbuta mat-titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti għandhom ikunu fil-livell tal-azjenda tal-forestrija u jistgħu jinkludu l-investimenti relatati ma' makkinarju u prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u lir-riżorsi.

3. L-investimenti marbuta mal-produzzjoni u l-użu tal-injam bħala materja prima jew sors ta' enerġija għandhom ikunu limitati għall-operazzjonijiet ta' ħidma kollha qabel l-ipproċessar industrijali.

4. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rati ta' appoġġ massimu stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 28*

*Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata sabiex jiffaċilita l-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija għall-finijiet ta':

   (a) l-adattament tal-produzzjoni u l-eżitu tal-produtturi membri ta' dawn il-gruppi għar-rekwiżiti tas-suq;

   (b) it-tqegħid konġunt ta' oġġetti fis-suq, inkluża l-preparazzjoni għall-bejgħ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-bejgħ u l-provvista lil xerrejja bl-ingrossa;

   (c) l-istabbiliment ta' regoli komuni dwar l-informazzjoni fuq il-produzzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-ħsad u d-disponibbiltà; u

   (d) attivitajiet oħra li jistgħu jitwettqu minn gruppi ta' produtturi, bħall-iżvilupp ta' ħiliet tan-negozju u tal-kummerċjalizzazzjoni u l-organizzazzjoni u l-iffaċilitar tal-proċessi tal-innovazzjoni.

2. L-appoġġ għandu jingħata lil gruppi ta' produtturi li huma uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri fuq il-bażi ta' pjan tan-negozju. Dan għandu jkun limitat għal gruppi ta' produtturi li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' SMEs.

   L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-objettivi tal-pjan ta' negozju jkunu ntlaħqu fi żmien ħames snin mir-rikonoxximent tal-grupp ta' produtturi.

3. L-appoġġ għandu jitħallas bħala għajnuna ta' rata fissa f'pagamenti annwali għall-ewwel ħames snin mid-data li fiha l-grupp ta' produtturi jkun ġie rikonoxxut fuq il-bażi tal-pjan tan-negozju tiegħu. Dan għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-produzzjoni kummerċjalizzata annwali tal-grupp. L-Istati Membri għandhom iħallsu l-aħħar pagament biss wara li jkunu vverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-pjan tan-negozju.

   Fl-ewwel sena, l-Istati Membri jistgħu jħallsu appoġġ lill-grupp ta' produtturi kkalkulat fuq il-bażi tal-valur annwali medju tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-membri tiegħu fit-tliet snin qabel ma ngħaqdu fil-grupp. Fil-każ ta' gruppi ta' produtturi fis-settur tal-forestrija, l-appoġġ għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-produzzjoni kkumerċjalizzata medja tal-membri tal-grupp fuq l-aħħar ħames snin qabel ir-rikonoxximent, eskluż l-ogħla valur u dak l-iktar baxx.

4. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rati u l-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness I

*Artikolu 29*

*Agroambjent u klima*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-għajnuna taħt din il-miżura fit-territorji tagħhom, skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet speċifiċi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom. L-inklużjoni ta’ din il-miżura fil-programmi għall-iżvilupp rurali għandha tkun obbligatorja.

2. Il-pagamenti agroambjentali u tal-klima għandhom jingħataw lil bdiewa, gruppi ta’ bdiewa u partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjoni li tikkonsisti f'impenji agroambjentali klimatiċi wieħed jew aktar fuq l-art agrikola. Meta jkun debitament ġustifikat biex jintlaħqu objettivi ambjentali, il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jistgħu jingħataw lil partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art jew gruppi ta’ partijiet oħra responsabbli mill-ġestjoni tal-art.

3. Il-pagamenti agroambjentali klimatiċi jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti permezz tal-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 u obbligi rilevanti oħra stabbiliti taħt il-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012, rekwiżiti minimi rilevanti għal fertilizzanti u l-użu ta’ prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti obbligatorji kollha għandhom ikunu identifikati fil-programm.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jipprovdu lill-persuni li jimpenjaw ruħhom li jwettqu operazzjonijiet taħt din il-miżura l-għarfien u l-informazzjoni meħtieġa biex jimplimentawhom, inkluż permezz ta’ pariri esperti relatati mal-impenn u/jew billi l-appoġġ taħt din il-miżura jingħata bil-kundizzjoni li jittieħed it-taħriġ rilevanti.

5. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu ta’ bejn ħames u seba’ snin. Madankollu, fejn ikun meħtieġ biex jinkisbu jew jinżammu l-benefiċċji ambjentali mixtieqa, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu itwal fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal tipi ta’ impenji partikolari, inkluż billi tiġi prevista estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-perjodu inizjali.

6. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda. Fejn ikun meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta’ tranżazzjoni sa valur massimu ta’ 20% tal-primjum imħallas għall-impenn agroambjentali klimatiċi. Meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta’ bdiewa, il-livell massimu għandu jkun 30%.

7. Fejn meħtieġ għall-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti tal-miżura, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(3) għall-għażla tal-benefiċjarji.

8. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness I.

   L-ebda appoġġ skont din il-miżura ma jista’ jingħata għal impenji li huma koperti taħt il-miżura tal-biedja organika.

9. L-appoġġ jista’ jiġi provdut għall-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi fl-agrikoltura għal operazzjonijiet mhux koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 8.

10. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b’rabta mal-estensjoni annwali tal-impenji wara l-perjodu inizjali tal-operazzjoni, il-kundizzjonijiet applikabbli għal impenji għall-estensifikazzjoni u l-ġestjoni b’mod differenti tat-trobbija tal-bhejjem, il-limitazzjoni ta’ fertilizzanti, prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti jew inputs oħra, it-trobbija ta’ razez lokali fil-periklu li jintilfu minħabba skopijiet agrikoli jew għall-preservazzjoni ta’ riżorsi ġenetiċi tal-pjanti kif ukoll b’rabta mad-definizzjoni tal-operazzjonijiet eliġibbli taħt il-paragrafu 9.

*Artikolu 30*

*Biedja organika*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' ŻAU lill-bdiewa jew gruppi ta’ bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja li jikkonvertu jew iżommu prattiki u metodi tal-biedja organika kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007[32].

2. L-appoġġ għandu jingħata biss għal impenji lil jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti l-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012, rekwiżiti minimi rilevanti għall-użu ta’ fertilizzanti u prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti kif ukoll rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jiġu identifikati fil-programm.

3. L-impenji skont din il-miżura għandhom jittieħdu għal perjodu ta’ bejn ħames u seba’ snin. Meta l-appoġġ jingħata għaż-żamma tal-biedja organika, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal estensjoni annwali wara t-terminazzjoni tal-ewwel perjodu ta’ ħames snin.

4. Il-pagamenti għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda. Fejn hu meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta’ tranżazzjonijiet sa valur massimu ta’ 20% tal-primjum imħallas għall-impenn. Meta l-impenji jittieħdu minn gruppi ta’ bdiewa, il-livell massimu għandu jkun 30%.

5. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness I.

---

[32] ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

*Artikolu 31*

*Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma*

1. L-appoġġ skont din il-miżura għandu jingħata kull sena u għal kull ettaru ta' ŻAU jew għal kull ettaru ta' foresti sabiex jikkumpensa l-benefiċjarji għal spejjeż imġarrba u d-dħul mitluf li jirriżulta mill-iżvantaġġi fiż-żoni kkonċernati, marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, u 2000/60/KE.

2. L-appoġġ għandu jingħata lil bdiewa u lil sidien tal-foresti privati u l-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-foresti rispettviament. F'każijiet debitament ġustifikati, jista' jingħata lil maniġers oħra tal-art.

3. L-appoġġ lill-bdiewa, marbut mad-Direttiva 92/43/KEE u 2009/147/KE għandu jingħata biss b'rabta mal-iżvantaġġi li jirriżultaw minn rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba pprovduta fl-Artikolu 94 u l-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru HR/2012.

4. L-appoġġ lill-bdiewa, marbut mad-Direttiva 2000/60/KE, għandu jingħata biss b'rabta ma' rekwiżiti speċifiċi li:

   (a) ikunu ġew introdotti mid-Direttiva 2000/60/KE, li jkunu f'konformità mal-programmi ta' miżuri tal-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni idrografiċi għall-finijiet tal-ilħuq tal-għanijiet ambjentali ta' dik id-Direttiva u li jmorru lil hinn mill-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ilma;

   (b) imorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba pprovduta mill-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 u l-obbligi stabbiliti skont il-*Kapitolu 2 tat-Titolu* III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012.

   (c) imorru lil hinn mil-livell tal-protezzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti fiż-żmien li d-Direttiva 2000/60/KE ġiet adottata kif stabbilit fl-Artikolu 4(9) tad-Direttiva 2000/60/KE; u

   (d) jimponu bidliet radikali fit-tip ta' użu tal-art, u/jew restrizzjonijiet ewlenin fi prattika tal-biedja li tirriżulta f'telf sinifikanti ta' dħul.

5. Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu identifikati fil-programm.

6. Iż-żoni li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti:

   (a) żoni agrikoli u tal-foresti tan-Natura 2000 identifikati skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE ;

   (b) żoni oħra delimitati ta' protezzjoni tan-natura b'restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għal biedja jew foresti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/43/KEE. Dawn iż-żoni, skont il-programm ta' żvilupp rurali, m'għandhomx jaqbżu 5% taż-żoni identifikati tan-Natura 2000 koperti bl-ambitu territorjali tiegħu;

(c) żoni agrikoli inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni taż-żoni idrografiċi skont id-Direttiva 2000/60/KE.

7. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammonti massimi stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 32*

*Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra*

1. Il-pagamenti lill-bdiewa f'żoni bil-muntanji u żoni oħra li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, għandhom jingħataw kull sena għal kull ettaru ta' ŻAU sabiex jikkumpensaw lill-bdiewa għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf b'rabta mar-restrizzjonijiet għal produzzjoni agrikola fiż-żona kkonċernata.

L-ispejjeż addizzjonali u d-dħul mitluf għandhom jiġu kkalkulati bi tqabbil ma' żoni li mhumiex affetwati minn restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-pagamenti skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru DP/2012.

2. Il-pagamenti għandhom jingħataw lil bdiewa li jimpenjaw ruħhom li jwettqu attività tal-biedja fiż-żoni magħżula skont l-Artikolu 33.

3. Il-pagamenti għandhom ikunu stabbiliti bejn l-ammont minimu u massimu stabbilit fl-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-digressività tal-pagamenti 'l fuq minn livell minimu ta' żona għal kull azjenda, li għandu jiġi ddefinit fil-programm.

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti skont din il-miżura bejn l-2014 u l-2017 lil bdiewa f'żoni li kienu eliġibbli skont l-Artikolu 36(a)(ii) tar-Regolament (KE) 1698/2005 matul il-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 iżda li m'għadhomx eliġibbli wara d-delimitazzjoni l-ġdida msemmija fl-Artikolu 46(3). Dawn il-pagamenti għandhom ikunu digressivi billi jibdew fl-2014 bi 80% tal-pagament li jasal fl-2013 u li jintemmu fl-2017 b'20%.

6. Fi Stati Membri li ma lestewx id-delimitazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(3) qabel l-1 ta' Jannar 2014, il-paragrafu 5 għandu japplika għal bdiewa li jirċievu pagamenti f'żoni li kienu eliġibbli għal dawn il-pagamenti matul il-perjodu 2007-2013. Wara t-tlestija tad-delimitazzjoni, il-bdiewa f'żoni li jibqgħu eliġibbli għandhom jirċievu pagamenti taħt din il-miżura. Il-bdiewa f'żoni li m'għadhomx eliġibbli għandhom jibqgħu jirċievu l-pagamenti skont il-paragrafu 5.

*Artikolu 33*

*Identifikazzjoni ta' żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħra*

1. L-Istati Membri għandhom jagħżlu żoni, abbażi tal-paragrafi 2, 3 u 4, li huma eliġibbli għal pagamenti provduti fl-Artikolu 32 taħt il-kategoriji li ġejjin:

(a) żoni bil-muntanji;

(b) żoni, minbarra żoni bil-muntanji, li huma affetwati minn restrizzjonijiet naturali sinifikanti; u

(c) żoni oħra affetwati minn restrizzjonijiet speċifiċi;

2. Sabiex ikunu eliġibbli għal pagamenti skont l-Artikolu 32, iż-żoni bil-muntanji għandhom ikunu karatterizzati minn limitazzjoni konsiderevoli tal-possibbiltajiet għall-użu tal-art u b'żieda apprezzabbli fl-ispejjeż tal-produzzjoni minħabba:

(d) l-eżistenza, ikkawżata mill-altitudni, ta' kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli ħafna, li l-effett tagħhom iqassar sostanzjalment l-istaġun tal-kultivazzjoni;

(e) fl-iktar altitudni baxxa, il-preżenza fuq il-parti l-kbira taż-żona inkwistjoni ta' tlajja' u inżul wisq inklinati għall-użu ta' makkinarju jew fejn ikun hemm bżonn, li jirrikjedu l-użu ta' tagħmir speċjali li jiswa ħafna flus, jew kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ fatturi, fejn ir-restrizzjonijiet li jirriżultaw mit-tnejn li huma separatament ikunu inqas gravi iżda l-kombinazzjoni tagħhom it-tnejn twassal għal restrizzjonijiet ekwivalenti.

Iż-żoni fit-tramuntana tat-62 parallel u ċertu nħawi biswit għandhom ikunu meqjusa bħala żoni muntanjużi.

3. Sabiex ikunu eliġibbli għal pagamenti skont l-Artikolu 32, żoni, minbarra żoni muntanjużi, għandhom jitqiesu li huma affettwati minn restrizzjonijiet naturali sinifikanti jekk mill-inqas 66% tal-ŻAU tissodisfa mill-inqas waħda mill-kriterji elenkati fl-Anness II fil-valur minimu indikat. L-issodisfar ta' din il-kundizzjoni għandu jiġi żgurat fil-livell xieraq tal-unitajiet amministrattivi lokali (il-livell tal-"LAU 2" – Local Administrative Units 2).

Meta jagħmlu d-delimitazzjoni taż-żoni kkonċernati b'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iwettqu eżerċizzju ta' rfinar, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, bl-għan li jiġu esklużi żoni li fihom ġew dokumentati restrizzjonijiet naturali sinifikanti skont l-ewwel subparagrafu iżda li ġew megħluba b'investimenti jew b'attività ekonomika.

4. Iż-żoni minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu eliġibbli għall-pagamenti skont l-Artikolu 32 jekk ikunu affettwati minn restrizzjonijiet speċifiċi u fejn il-ġestjoni tal-art għandha titkompla sabiex jitħares jew jittejjeb l-ambjent, tiġi mħarsa l-kampanja u jiġi ppreservat il-potenzal turistiku taż-żona jew sabiex tiġi protetta l-kosta.

Iż-żoni affettwati minn restrizzjonijiet speċifiċi għandhom jinkludu żoni ta' biedja li huma omoġenji mill-persettiva tal-protezzjoni naturali u li l-firxa totali tagħhom m'għandhix taqbeż 10% taż-żona tal-Istat Membru kkonċernat.

5. L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom:

(f) id-delimitazzjoni eżistenti jew emendata skont il-paragrafi 2 u 4;

(g) id-delimitazzjoni ġdida taż-żoni msemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 34*

*Benessri tal-Annimali*

1. Il-pagamenti għall-benesseri tal-annimali skont din il-miżura għandhom jingħataw lil bdiewa li jimpenjaw ruħhom, fuq bażi volontarja, li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'wieħed jew aktar impenji għall-benessri tal-annimali.

2. Il-pagamenti għall-benesseri tal-annimali jkopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mill-istandards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont il-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 u rekwiżiti obbligatorji rilevanti oħra stabbiliti bil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dawn ir-rekwiżiti rilevanti għandhom jiġu identifikati fil-programm.

   Dawn l-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta' sena li jiġġedded.

3. Il-pagamenti bbażati fuq iż-żona jew ibbażati fuq spejjeż unitarji oħra għandhom jingħataw kull sena u għandhom jikkumpensaw lill-bdiewa għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżulta mill-impenn meħud. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta' tranżazzjoni sal-valur massimu ta' 20% tal-primjum imħallas għall-impenji relatati mal-benessri tal-annimali.

   L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness I.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni tal-oqsma li fihom l-impenji għall-benessri tal-annimali għandhom jipprovdu standards aġġornati tal-metodi tal-produzzjoni.

*Artikolu 35*

*Servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jingħata għal kull ettaru ta' foresta lil sidien privati ta' foresti, sidien ta' foresti, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jimpenjaw ruħhom fuq bażi volontarja li jwettqu operazzjonijiet li jikkonsistu f'impenji ambjentali wieħed jew aktar b'rabta mal-foresti. Il-korpi li jiġġestixxu foresti proprjetà tal-istat jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ sakemm ikunu indipendenti mill-baġit tal-istat.

   Għal dak li jirrigwarda azjendi forestali li jaqbżu ċertu limitu minimu li għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri fil-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali, l-appoġġ taħt il-paragrafu 1 għandu jkun jiddependi mit-tressiq ta' pjan tal-ġestjoni tal-foresti jew strument ekwivalenti f'konformità mal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti.

2. Il-pagamenti għandhom ikopru biss dawk l-impenji li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji rilevanti stabbiliti bl-att nazzjonali dwar il-forestrija jew leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti oħra. Dawn ir-rekwiżiti kollha għandhom jiġu identifikati fil-programm.

Dawn l-impenji għandhom jittieħdu għal perjodu ta’ bejn ħames u seba’ snin. Madankollu, fejn hu meħtieġ u fejn ikun debitament ġustifikat, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw perjodu itwal fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom għal tipi partikolari ta’ impenji.

3. Il-pagamenti għandhom jikkumpensaw lill-benefiċjarji għal spejjeż addizzjonali u dħul mitluf li jirriżultaw mill-impenji meħuda. Fejn meħtieġ, dawn jistgħu jkopru wkoll spejjeż ta’ tranżazzjoni sal-valur massimu ta’ 20 % tal-primjum imħallas għall-impenn agroambjentali forestali. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-ammont massimu stabbilit fl-Anness I.

4. L-appoġġ jista’ jiġi provdut ukoll lil entitajiet privati, muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għall-konservazzjoni u l-promozzjoni ta’ riżorsi ġenetiċi tal-foresti għal operazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafi 1, 2 u 3.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b’rabta mat-tipi ta’ attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ skont il-paragrafu 4.

*Artikolu 36*

*Kooperazzjoni*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jippromwovi forom ta’ kooperazzjoni li jinvolvu mill-inqas żewġ entitajiet u b’mod partikolari:

(a) approċċi ta’ kooperazzjoni fost atturi differenti fil-katina agrikola u tal-ikel tal-Unjoni, is-settur tal-forestrija u fost atturi oħra li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-politika ta’ żvilupp rurali, inklużi organizzazzjonijiet interprofessjonali;

(b) il-ħolqien ta’ raggruppamenti u netwerks;

**(c)** l-istabbiliment u l-operat ta’ gruppi operazzjonali tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola kif imsemmija fl-Artikolu 62.

2. Il-kooperazzjoni taħt il-paragrafu 1 għandha tkun marbuta b’mod partikolari ma’ dawn il-punti li ġejjin:

(a) proġetti pilota;

(b) l-iżvilupp ta’ prodotti, prattiki, proċessi u teknoloġiji ġodda fis-setturi tal-agrikoltura u tal-ikel u tal-forestrija

(c) kooperazzjoni fost operaturi żgħar fl-organizzazzjoni ta’ proċessi konġunti tax-xogħol , li jaqsmu l-faċilitajiet u r-riżorsi;

(d) kooperazzjoni orizzontali u vertikali fost atturi tal-katina tal-provvista għall-istabbiliment ta’ pjattaformi loġistiċi għall-promozzjoni ta’ ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(e) attivitajiet ta’ promozzjoni f’kuntest lokali marbuta mal-iżvilupp ta’ ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali;

(f) azzjoni konġunta bl-għan li jittejjeb il-potenzjal ta’ mitigazzjoni jew bl-għan li jsir adattament għat-tibdil fil-klima;

(g) approċċi kollettivi għal proġetti ambjentali u prattiki ambjentali kontinwi;

(h) kooperazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-atturi tal-katina tal-provvista għall-produzzjoni sostenibbli tal-bijomassa għall-użu fl-ikel, l-industrija fil-produzzjoni tal-enerġija u fil-proċessi industrijali.

(i) l-implimentazzjoni, b’mod partikolari permezz ta’ sħubiji pubbliċi privati minbarra dawk definiti fl-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], ta’ strateġiji ta' żvilupp lokali li jindirizzaw prijorità waħda jew iżjed tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

(j) it-tfassil ta' pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti jew strumenti ekwivalenti.

3. L-appoġġ skont il-paragrafu 1(b) għandu jingħata biss lil raggruppamenti u netwerks ġodda u lil dawk li jibdew attività ġdida għalihom.

L-appoġġ għall-operazzjonijiet skont il-paragrafu 2(b) jista’ jingħata wkoll lil atturi individwali meta tiġi pprovduta din il-possibbiltà fil-programm ta' żvilupp rurali.

4. Ir-riżultati tal-proġetti pilota u l-operazzjonijiet minn atturi individwali skont il-paragrafu 2(b) għandhom jixxerrdu.

5. L-ispejjeż li ġejjin, konnessi mal-forom ta’ kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ taħt din il-miżura:

(a) studji taż-żona kkonċernata, studji tal-fattibbiltà, u spejjeż għat-tfassil ta’ pjan tan-negozju jew pjan ta’ ġestjoni tal-foresti jew pjan ekwivalenti, jew strateġija tal-iżvilupp lokali minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament UE (Nru) [CSF/2012];

(b) attivitajiet fiż-żona kkonċernata sabiex proġett territorjali kollettiv isir iżjed fattibbli. Fil-każ tar-raggruppamenti, l-attività tista’ tikkonċerna wkoll l-organizzazzjoni ta’ taħriġ, netwerking bejn membri u r-reklutaġġ ta’ membri ġodda;

(c) spejjeż operazzjonali tal-kooperazzjoni;

(d) spejjeż diretti ta’ proġetti speċifiċi marbuta mal-implimentazzjoni ta’ pjan tan-negozju, strateġija ta’ żvilupp lokali minbarra dik imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament Nru [CSF/2012] jew azzjoni mmirata lejn l-innovazzjoni.

(e) spejjeż ta’ attivitajiet ta’ promozzjoni.

6. Meta jiġu implimentati pjan tan-negozju jew pjan ta’ ġestjoni tal-foresti jew pjan ekwivalenti jew strateġija ta' żvilupp, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-għajnuna

bħala ammont globali li jkopri l-ispejjeż tal-kooperazzjoni l-ispejjeż tal-proġetti implimentati jew inkella jistgħu jkopru biss l-ispejjeż tal-kooperazzjoni u jużaw fondi minn miżuri oħra jew Fondi tal-Unjoni oħra għall-implimentazzjoni tal-proġetti.

7. Kooperazzjoni fost atturi lokali f'reġjuni differentin jew Stati Membri għandha wkoll tkun eliġibbli għall-appoġġ.

8. L-appoġġ għandu jkun limitat għal perjodu massimu ta' seba' snin minbarra l-azzjoni ambjentali kollettiva f'każijiet debitament ġustifikati.

9. Il-kooperazzjoni taħt din il-miżura tista' tiġi kkombinata ma' proġetti appoġġjati minn fondi tal-Unjoni minbarra l-FAEŻR fl-istess territorju. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-kumpens żejjed minħabba l-kombinazzjoni ta' din il-miżura ma' strumenti oħra tal-appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni.

10. Il-Kummissjonu għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 90 dwar l-ispeċifikazzjonijiet ulterjuri tal-karatteristiċi tal-proġetti pilota, raggruppamenti, netwerks, ktajjen tal-provvista qosra u swieq lokali li se jkunu eliġibbli għall-appoġġ, kif ukoll li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tal-għoti ta' għajnuna lit-tipi ta' operazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 37*

*Ġestjoni tar-Riskju*

1. L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:

(a) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, imħallsa direttament lill-bdiewa, bħala primjums għal assigurazzjoni tal-prodotti tar-raba', annimali u pjanti kontra telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti klimatiċi negattivi jew mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni tal-organiżmi li jagħmlu ħsara;

(b) kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi għall-ħlas ta' kumpens finanzjarju lill-bdiewa, għal telf ekonomiku kkawżat mit-tifrix ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali;

(c) għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul, fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji għal fondi mutwi, li tipprovdi kumpens lill-bdiewa li jesperjenzaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 punti (b) u (c), "fond mutwu" għandu jfisser skema akkreditata mill-Istat Membru skont il-liġi nazzjonali tiegħu biex il-bdiewa affiljati jassiguraw lilhom infushom, filwaqt li pagamenti ta' kumpens isiru lil bdiewa affiljati affettwati minn telf ekonomiku kkawżat mit-tifrix ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti jew inċident ambjentali jew li jesperjenzaw tnaqqis kbir fid-dħul tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat il-kumpens żejjed b'konsegwenza tal-kombinazzjoni ta' din il-miżura ma' strumenti oħra tal-appoġġ nazzjonali jew

tal-Unjoni jew skemi tal-assigurazzjoni privati. L-appoġġ dirett għad-dħul riċevut taħt il-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni[33] (iktar 'il quddiem "FEG") għandu wkoll jiġi kkunsidrat meta jiġu stmati l-livelli tad-dħul tal-bdiewa.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mat-tul taż-żmien minimu u massimu tas-self kummerċjali għal fondi mutwi msemmija fl-Artikoli 39(3)(b) u 40(4).

*Artikolu 38*

*Assigurazzjoni fuq il-prodotti tar-raba', l-annimali u l-pjanti*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 37(1)(a) għandu jingħata biss għal kuntratti tal-assigurazzjoni li jkopru t-telf ikkawżat minn avveniment klimatiku negattiv jew minn mard tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara jew miżura adottata skont id-Direttiva 2000/29/KE biex jiġu eradikati jew ikkontrollati mard tal-pjanti jew organiżmi ta' ħsara għalihom li jeqirdu iżjed minn 30 % tal-produzzjonu annwali medja tal-bidwi fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tirrikonoxxi formalment li jkun seħħ avveniment klimatiku negattivi jew it-tifqigħ ta' marda tal-annimali jew tal-pjanti jew infestazzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara.

   L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, jistabbilixxu bil-quddiem il-kriterji li fuq il-bażi tagħhom dan ir-rikonoxximent formali għandu jitqies li ngħata.

3. Il-pagamenti tal-assigurazzjoni għandhom jikkumpensaw għal mhux iżjed mit-total tal-ispiża għar-restituzzjoni tat-telf msemmi fl-Artikolu 37(1)(a) u m'għandhomx jirrikjedu jew jispeċifikaw it-tip jew il-kwantità tal-produzzjoni futura.

   L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-primjum li hu eliġibbli għall-appoġġ billi japplikaw limiti massimi xierqa.

4. L-appoġġ għandu jkun limitat għal rata massima stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 39*

*Fondi mutwi għal mard tal-annimali u tal-pjanti u inċidenti*

*ambjentali*

1. Sabiex ikun eliġibbli għall-appoġġ, il-fond mutwu kkonċernat għandu:

---

[33] Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020), ĠU L [...], [...], p [...].

(a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;

(b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-ġbid minnu;

(c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut;

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens lill-bdiewa f'każ ta' kriżi u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli.

3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 37(1)(b) jistgħu jkunu marbuta biss ma':

(a) l-ispejjeż amministrattivi għall-istabbiliment tal-fond mutwu, mifruxa fuq massimu ta' tliet snin b'mod digressiv;

(b) l-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi.

L-ebda kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi m'għandha ssir lill-kapital azzjonarju inizjali.

4. Fir-rigward tal-mard tal-annimali, il-kumpens finanzjarju skont l-Artikolu 37(1)(b) jista' jingħata biss fir-rigward tal-mard imsemmi fil-lista ta' mard tal-annimali stabbilita mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u/jew fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE.

5. L-appoġġ għandu jkun limitat għar-rata massima tal-appoġġ stabbilita fl-Anness I.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-appoġġ billi japplikaw:

(a) limiti massimi għal kull fond;

(b) limiti massimi xierqa għal kull unità.

*Artikolu 40*

*Għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul*

1. L-appoġġ taħt l-Artikolu 37(1)(c) jista' jingħata biss meta t-tnaqqis fid-dħul jeċċedi 30 % tad-dħul annwali medju tal-bidwi individwali fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin minbarra l-ogħla entrata u dik l-iktar baxxa. Id-dħul għall-finijiet tal-Artikolu 37(1)(c) għandu jirreferi għas-somma tad-dħul li l-bidwi jirċievi mis-suq, inkluż kwalunkwe forma ta' appoġġ pubbliku, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-*inputs*.

Il-pagamenti mill-fond mutwu lill-bdiewa għandhom jikkumpensaw għal mhux iżjed minn 70 % tad-dħul mitluf.

2. Sabiex ikun eliġibbli għall-appoġġ, il-fond mutwu kkonċernat għandu:

(a) jiġi akkreditat mill-awtorità kompetenti skont il-liġi nazzjonali;

(b) ikollu politika trasparenti dwar id-depożiti fil-fond u l-ġbid minnu;

(c) ikollu regoli ċari li jattribwixxu r-responsabbiltajiet għal kwalunkwe dejn sostnut;

3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-regoli għall-kostituzzjoni u l-ġestjoni tal-fondi mutwi, b'mod partikolari għall-għoti ta' pagamenti ta' kumpens lill-bdiewa f'każ ta' kriżi u għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn ir-regoli.

4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikolu 37(1)(c) jistgħu jkunu marbuta biss mal-ammonti mħallsa mill-fond mutwu bħala kumpens finanzjarju lill-bdiewa. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tista' tkun marbuta mal-interess fuq is-self kummerċjali meħud mill-fond mutwu għall-finijiet tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju lill-bdiewa f'każ ta' kriżi.

L-ebda kontribuzzjoni mill-fondi pubbliċi m'għandha ssir lill-kapital azzjonarju inizjali.

5. L-appoġġ għandu jkun limitat għal rata massima stabbilita fl-Anness I.

*Artikolu 41*

*Regoli dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri*

Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri f'din it-taqsima li jikkonċernaw:

(a) proċeduri għall-għażla ta' awtoritajiet jew korpi li joffru servizzi konsultattivi tal-biedja u tal-forestrija, servizzi ta' ġestjoni jew ta' għajnuna tal-azjendi agrikoli u d-digressività tal-għajnuna skont il-miżura tas-servizzi konsultattivi msemmija fl-Artikolu 16;

(b) il-valutazzjoni mill-Istat Membru tal-progress tal-pjan tan-negozju, l-alternattivi ta' pagamenti kif ukoll il-modalitajiet tal-aċċess għal miżuri oħra għal bdiewa żgħażagħ skont il-miżura tal-iżvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju msemmija fl-Artikolu 20;

(c) demarkazzjoni ma' miżuri oħra, konverżjoni lejn unitajiet minbarra dawk użati fl-Anness I, kalkolu tal-ispejjeż tat-tranżazzjoni u konverżjoni jew aġġustament ta' impenji taħt il-miżura agroambjentali msemmija fl-Artikolu 29, il-miżura tal-biedja organika msemmija fl-Artikolu 30 u s-servizzi ambjentali tal-foresti u l-miżura ta' konservazzjoni tal-foresti msemmija fl-Artikolu 35;

(d) il-possibbiltà tal-użu ta' suppożizzjonijiet standard tad-dħul mitluf skont il-miżuri tal-Artikoli 29 sa 32, 34 u 35 u l-kriterji għall-kalkolu tiegħu;

(e) kalkolu tal-ammont ta' appoġġ fejn operazzjoni hi eliġibbli għal appoġġ skont iżjed minn miżura waħda.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

## TAQSIMA 2

## LEADER

### *Artikolu 42*

### *Gruppi ta' azzjoni lokali tal-LEADER*

1. Minbarra l-kompiti msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jwettqu kompiti addizzjonali delegati lilhom mill-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew l-aġenzija tal-pagamenti.

2. Il-gruppi ta' azzjoni lokali jistgħu jitolbu l-pagament ta' ħlas bil-quddiem mill-aġenzija tal-pagamenti kompetenti jekk ikun hemm din il-possibbiltà fil-programm ta' żvilupp rurali. L-ammont tal-pagamenti bil-quddiem m'għandux jaqbeż 50 % tal-appoġġ pubbliku marbut mal-ispejjeż operazzjonali.

### *Artikolu 43*

### *Appoġġ preparatorju*

1. L-appoġġ skont l-Artikolu 31(a) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] għandu jkopri:

   (a) "kitt tal-bidu tal-LEADER" li jikkonsisti f'azzjonijiet ta' bini tal-kapaċità għall-gruppi li ma implimentawx il-LEADER fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013 u appoġġ għal proġetti pilota żgħar;

   (b) bini tal-kapaċità, taħriġ u netwerking bl-għan li tiġi preparata u implimentata strateġija ta' żvilupp lokali.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli tal-attivitajiet skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 44*

*Attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-LEADER*

1. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] għandu jingħata għal:

   (a) proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali jew transnazzjonali;

   "Kooperazzjoni interterritorjali" tfisser kooperazzjoni fi ħdan Stat Membru. "Kooperazzjoni transnazzjonali" tfisser kooperazzjoni bejn territorji f'diversi Stati Membri u ma' territorji f'pajjiżi terzi.

   (b) appoġġ tekniku preparatorju għal proġetti ta' kooperazzjoni interterritorjali u transnazzjonali, bil-kundizzjoni li l-gruppi ta' azzjoni lokali jkunu jistgħu juru li qed jipprevedu l-implimentazzjoni ta' proġett konkret.

2. Minbarra gruppi ta' azzjoni lokali, l-imsieħba ta' grupp ta' azzjoni lokali skont il-FAEŻR jistgħu jkunu:

   (a) sħubija pubblika privata lokali f'territorju rurali li qed timplimenta strateġija għall-iżvilupp lokali fl-Unjoni jew barra mill-Unjoni;

   (b) sħubija pubblika-privata f'territorju mhux rurali li qed timplimenta strateġija għall-iżvilupp lokali.

3. F'każijiet fejn il-proġetti ta' kooperazzjoni ma jintgħażlux mill-gruppi ta' azzjoni lokali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' applikazzjoni kontinwa għal proġetti ta' kooperazzjoni.

   Huma għandhom jippubblikaw il-proċeduri amministrattivi nazzjonali jew reġjonali li jikkonċernaw l-għażla ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali u lista ta' spejjeż eliġibbli mhux iktar tard minn sentejn wara d-data tal-approvazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali tagħhom.

   L-approvazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni għandha sseħħ mhux iżjed tard minn erba' xhur wara d-data ta' sottomissjoni tal-proġett.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali approvati.

*Artikolu 45*

*Spejjeż operazzjonali u għall-attivitajiet*

1. L-ispejjeż operazzjonali msemmija fl-Artikolu 31(d) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] huma spejjeż marbuta mal-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' żvilupp lokali permezz ta' grupp ta' azzjoni lokali.

2. L-ispejjeż għall-attivitajiet b'rabta mat-territorju msemmija fl-Artikolu 31(d) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] huma spejjeż li jkopru azzjonijiet li jipprovdu informazzjoni dwar l-istrateġija għall-iżvilupp lokali kif ukoll kompiti ta' żvilupp ta' proġett.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni tal-ispejjeż eliġibbli tal-attivitajiet skont il-paragrafu 2.

# Kapitolu II
# Dispożizzjonijiet komuni għal diversi miżuri

*Artikolu 46*

*Investimenti*

1. Sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet tal-FAEŻR, l-investimenti ta' appoġġ għandhom jiġu preċeduti b'evalwazzjoni tal-impatt ambjentali mistenni f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċifika għal dak it-tip ta' investiment fejn l-investiment aktarx li jkollu effetti negattivi fuq l-ambjent.

2. In-nefqa eliġibbli għandha tkun limitata għal:

(a) il-kostruzzjoni, l-akkwist, inkluż il-kiri, jew it-titjib tal-proprjetà immobbli;

(b) ix-xiri jew ix-xiri bil-kiri ta' makkinarju u tagħmir ġdid inkluż softwer tal-kompjuter sal-valur fis-suq tal-ass;

(c) l-ispejjeż ġenerali relatati man-nefqa msemmija fil-punti (a) u (b), bħal tariffi tal-perit, tal-inġinier u dawk tal-konsultazzjoni, studji tal-fattibbiltà, l-akkwist ta' privattivi jew liċenzji.

3. Fil-każ tal-irrigazzjoni, huma biss l-investimenti li jwasslu għal tnaqqis tal-użu preċedenti tal-ilma ta' mill-inqas 25% li għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli. Permezz ta' deroga, fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni mill-2004 lil hawn, l-investimenti f'installazzjonijiet tal-irrigazzjoni ġodda jistgħu jitqiesu bħala nefqa eliġibbli f'każijiet fejn analiżi ambjentali tagħti prova li l-investiment ikkonċernat hu sostenibbli u m'għandu l-ebda impatt ambjentali negattiv.

4. Fil-każ ta' investimenti agrikoli, ix-xiri ta' drittijiet ta' produzzjoni, intitolamenti għal ħlas, annimali, pjanti annwali u t-tħawwil tagħhom, m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-appoġġ tal-investiment. Madankollu, f'każ ta' rkupru tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola minn diżastri naturali skont l-Artikolu 19(1)(b), in-nefqa għax-xiri tal-annimali tista' tkun nefqa eliġibbli.

5. Il-benefiċjarji ta' appoġġ relatat mal-investiment jistgħu jitolbu l-ħlas ta' pagament bil-quddiem sa massimu ta' 50% tal-għajnuna pubblika marbuta mal-investiment mill-aġenziji tal-pagamenti kompetenti jekk dik il-possibbiltà tkun inkluża fil-programm għall-iżvilupp rurali.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mal-kundizzjonijiet li taħthom spejjeż oħra marbuta ma' kuntratti ta' kiri, tagħmir użat u investimenti sempliċi f'sostituzzjoni ta' tagħmir, jistgħu jitqiesu bħala nefqa eliġibbli.

*Artikolu 47*

*Regoli għall-pagamenti skont iż-żona*

1. In-numru ta' ettari li għalihom jista' japplika impenn skont l-Artikoli 29,30 u 35 jista' jvarja minn sena għal oħra meta:

   (a) din il-possibbiltà tiġi provduta fil-programm ta' żvilupp rurali;

   (b) l-impenn inkwistjoni ma japplikax għal ħbula tal-art fissi; u

   (c) ma jkunx hemm periklu li ma jintlaħaqx l-għan ambjentali tal-impenn.

2. Meta l-art kollha jew parti mill-art impenjata, jew l-azjenda kollha, tiġi trasferita lil persuna oħra waqt il-perjodu li fih ikun għaddej l-impenn mogħti bħala kundizzjoni għall-għoti tal-għajnuna, l-impenn jista' jkompli għaddej għall-kumplament tal-perjodu minn dik il-persuna l-oħra jew jitwaqqaf.

3. Meta benefiċjarju ma jkunx jista' jikkonforma mal-impenji meħuda għax l-azjenda titqassam fi ħbula jew tkun is-suġġett ta' miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art pubblika jew miżuri ta' konsolidazzjoni ta' art approvati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu li l-impenji jiġu adattati għas-sitwazzjoni l-ġdida tal-azjenda. Jekk dan l-adattament ikun impossibbli, l-impenn m'għandux jibqa' validu.

4. F'każijiet ta' *force majuere*, m'għandux jintalab ir-rimborż tal-għajnuna li tkun ingħata

5. Il-paragrafu 2 fir-rigward ta' trasferiment tal-azjenda kollha u l-paragrafu 4 għandhom japplikaw ukoll għall-impenji skont l-Artikolu 34.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 90 b'rabta mal-kundizzjonijiet applikabbli f'każ ta' trasferiment parzjali ta' azjenda, id-definizzjoni ta' sitwazzjonijiet oħra li fihom ir-rimborż tal-għajnuna m'għandux ikun rikjest.

*Artikolu 48*

*Klawsola ta' reviżjoni*

Għandha tiġi pprovduta klawsola ta' reviżjoni għal impenji meħuda skont l-Artikoli 29, 30, 34 u 35 sabiex jiġi żgurat l-aġġustament tagħhom fil-każ tal-emendar tal-istandards, ir-rekwiżiti jew l-obbligi obbligatorji rilevanti msemmija f'dawk l-Artikoli; l-impenji għandhom imorru lil hinn mill-Artikoli. L-impenji meħuda skont l-Artikoli 29, 30, u 35 li

jmorru lil hinn mill-perjodu ta' pprogrammar attwali għandu jkun fihom klawsola ta' reviżjoni li tippermetti l-aġġustament tagħhom skont il-qafas legali tal-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.

Jekk dan l-aġġustament ma jiġix aċċettat mill-benefiċjarju, l-impenn m'għandux jibqa' validu.

*Artikolu 49*

*Għażla ta' proġett*

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm ta' żvilupp rurali għandha tiddefinixxi l-kriterji għal operazzjonijiet taħt il-miżuri kollha wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Monitoraġġ. Il-kriterji tal-għażla għandu jkollhom l-għan li jiżguraw it-trattament ugwali tal-applikanti, l-użu aħjar ta' riżorsi finanzjarji u l-indirizzar ta' miżuri skont il-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. Fid-definizzjoni tal-kriterji tal-għażla, il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jiġi kkunsidrat b'rabta ma' għotjiet żgħar.

2. L-awtorità ta' Stat Membru responsabbli għall-għażla ta' proġett għandha tiżgura li l-proġetti jintgħażlu skont il-kriterji tal-għażla msemmija fil-paragrafu 1 u skont proċedura trasparenti u dokumentata. L-applikazzjoni ta' kriterji tal-għażla m'għandhiex tkun obbligatorja fil-każ tal-miżuri msemmija fl-Artikoli 29 sa 32, 34 u 35 minbarra meta l-fondi disponibbli ma jkunux biżżejjed biex ikopru l-applikanti eliġibbli kollha.

3. Fejn ikun xieraq, il-benefiċjarji jistgħu jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħiet għal proposti, billi japplikaw kriterji ta' effikaċja ekonomika u ambjentali.

*Artikolu 50*

*Definizzjoni ta' żona rurali*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiddefinixxi "żona rurali" fil-livell tal-programm.

# Kapitolu III
# Assistenza Teknika u Networking

*Artikolu 51*

*Finanzjament tal-assistenza teknika*

1. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012, il-FAEŻR jista' juża sa massimu ta' 0.25 % tal-allokazzjoni annwali tiegħu biex jiffinanzja l-kompiti

msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] , inklużi l-ispejjeż għall-istabbiliment u l-operazzjoni tan-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali msemmi fl-Artikolu 52, in-netwerk tas-SEI msemmi fl-Artikolu 53 u n-netwerk Ewropew tal-evalwazzjoni għall-iżvilupp rurali msemmi fl-Artikolu 54, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew għan-nom tagħha.

Il-FAEŻR jista' jiffinanzja wkoll l-azzjonijiet provduti fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/XXXX [regolament dwar il-kwalità], b'rabta mal-indikazzjonijiet u s-simboli ta' skema ta' kwalità tal-Unjoni.

Dawk l-azzjonijiet għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dak ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu applikabbli għal din il-forma ta' eżekuzzjoni tal-baġit.

2. Somma ta' EUR 30 miljun għandha tinġibed mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u tintuża biex tiffinanzja l-premju għal kooperazzjoni innovattiva lokali msemmija fl-Artikolu 56.

3. Fuq inizjattiva tal-Istati Membri, sa massimu ta' 4 % tal-ammont totali ta' kull programm ta' żvilupp rurali jista' jiġi ddedikat għall-kompiti msemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], kif ukoll għal spejjeż b'rabta ma' xogħol preparatorju għad-delimitazzjoni ta' żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali msemmija fl-Artikolu 33(3).

L-ispejjeż relatati mal-korp ta' ċertifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 m'għandhomx ikunu eliġibbli taħt dan il-paragrafu.

Fi ħdan il-limitu ta' 4 %, ammont għandu jkun riservat għall-istabbiliment u l-operazzjoni tan-netwerk rurali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 55.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mad-definizzjoni ulterjuri ta' azzjonijiet ta' kontroll li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-paragrafu 3.

*Artikolu 52*

*Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*

1. Għandu jiġi stabbilit netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali għan-netwerking ta' netwerks, organizzazzjonijiet, u amministrazzjonijiet nazzjonali attivi fil-qasam tal-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 51(1).

2. In-netwerking permezz tan-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali għandu jkollu l-għan li:

(a) iżid l-involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali;

(b) itejjeb il-kwalità ta' programmi għall-iżvilupp rurali;

(c) ikollu rwol fl-infurmar tal-pubbliku ġenerali dwar il-benefiċċji tal-politika għall-iżvilupp rurali.

3. Il-kompiti tan-netwerk għandhom ikunu li:

(a) jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni dwar azzjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali;

(b) jiġbor, jikkonsolida u jxerred prattiki tajbin dwar l-iżvilupp rurali fil-livell tal-Unjoni;

(c) jistabbilixxi u jmexxi gruppi tematiċi u/jew workshops bl-għan li jiffaċilita l-iskambju tal-ħiliet esperti u jappoġġja l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ u l-iżvilupp ulterjuri tal-politika għall-iżvilupp rurali;

(d) jipprovdi informazzjoni dwar żviluppi fiż-żoni rurali tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi;

(e) jorganizza laqgħat u seminars fil-livell tal-Unjoni għal dawk li huma attivament involuti fl-iżvilupp rurali;

(f) jappoġġja n-netwerks nazzjonali u l-inizjattivi ta' kooperazzjoni transnazzjonali;

(g) speċifikament għall-gruppi ta' azzjoni lokali:

(i) joħloq sinerġiji mal-attivitajiet imwettqa fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali min-netwerks rispettivi fir-rigward ta' azzjonijiet tal-bini tal-kapaċità u skambju ta' esperjenza; u

(ii) jikkoopera mal-korpi tan-netwerking u tal-appoġġ tekniku għall-iżvilupp lokali stabbilit mill-FEŻR, il-FSE u l-EMFF fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom għall-iżvilupp lokali u l-kooperazzjoni transnazzjonali .

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-istruttura organizzattiva u l-operat tan-Netwerk Ewropew għal Netwerk ta' Żvilupp Rurali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 53*

*Netwerk tas-SEI*

5. Għandu jkun hemm Netwerk tas-SEI li jappoġġja s-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola msemmija fl-Artikolu 61, skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi u riċerkaturi.

6. Il-kompiti tan-Netwerk tas-SEI għandhom ikunu li:

(h) jipprovdi funzjoni ta' help desk u jipprovdi informazzjoni lil atturi ewlenin dwar is-SEI;

(a) janima d-diskussjonijiet fil-livell tal-programm bl-għan li jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' gruppi operazzjonali;

(b) jeżamina b'mod analitiku u jirrapporta dwar ir-riżultati tar-riċerka u l-għarfien rilevanti għas-SEI;

(c) jiġbor, jikkonsolida u jxerred prattika tajba rilevanti għall-innovazzjoni;

(d) jorganizza konferenzi u workshops u jxerred informazzjoni fil-qasam tas-SEI.

7. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-istruttura organizzattiva u l-operat tan-Netwerk tas-[SEI]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 54*

*Netwerk Ewropew tal-Evalwazzjoni għall-Iżvilupp Rurali*

1. Għandu jiġi stabbilit netwerk Ewropew għall-evalwazzjoni tal-iżvilupp Rurali li jappoġġja l-evalwazzjoni ta' programmi għall-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 51(1). Dan għandu jippermetti n-netwerking ta' dawk involuti fl-evalwazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp rurali.

2. L-għan tan-netwerk Ewropew għall-evalwazzjoni tal-iżvilupp Rurali għandu jkun li jiffaċilita l-iskambju tal-ħiliet esperti u l-prattiki tajba dwar metodoloġiji tal-evalwazzjoni li jiżviluppa metodi u għodod ta' evalwazzjoni, li jipprovdi appoġġ għall-proċessi ta' evalwazzjoni u għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-istruttura organizzazzjonali u l-operat tan-netwerk Ewropew għall-evalwazzjoni tal-iżvilupp rurali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 55*

*Netwerk rurali nazzjonali*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi netwerk rurali nazzjonali, li jiġbor fi gruppi l-organizzazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet involuti fl-iżvilupp rurali. Is-sħubija msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] għandha tkun ukoll parti min-netwerk rurali nazzjonali.

L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jissottomettu għall-approvazzjoni programm speċifiku għall-istabbiliment u l-operat tan-netwerk rurali nazzjonali tagħhom.

2. In-netwerking min-netwerk rurali nazzjonali għandu jkollu l-għan li:

(e) iżid l-involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali;

(a) itejjeb il-kwalità tal-programmi għall-iżvilupp rurali;

(b) jinforma lill-pubbliku ġenerali u l-benefiċjarji potenzjali dwar il-politika għall-iżvilupp rurali;

(c) irawwem l-innovazzjoni fl-agrikoltura

3. L-appoġġ mill-FAEŻR skont l-Artikolu 51(3) għandu jintuża:

(a) għall-istrutturi meħtieġa biex imexxu n-netwerk;

(b) għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni li jkun fih mill-inqas dan li ġej:

(i) ġestjoni tan-netwerk;

(ii) l-involviment tal-partijiet interessati li jappoġġjaw it-tfassil tal-programm;

(iii) appoġġ għal monitoraġġ, b’mod partikolari permezz tal-ġbir u l-qsim ta’ feedback rilevanti, rakkomandazzjonijiet u analiżi speċjalment mill-Kumitati għall-Monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012]. Il-gruppi ta’ azzjoni lokali għandhom ikunu appoġġjati wkoll min-netwerk rurali nazzjonali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji għall-iżvilupp lokali;

(iv) provvista ta’ attivitajiet ta’ taħriġ għal korpi li jimplimentaw il-programmi u gruppi ta’ azzjoni lokali fil-proċess tal-formazzjoni;

(v) ġbir ta’ eżempji ta’ proġetti li jkopru l-prijoritajiet kollha tal-programmi għall-iżvilupp rurali;

(vi) (vii) studji u analiżi kontinwi;

(vii) attivitajiet ta’ netwerking għal gruppi ta’ azzjoni lokali u b’mod partikolari assistenza teknika għal kooperazzjoni interterritorjali u transnazzjonali, l-iffaċilitar ta’ kooperazzjoni fost gruppi ta' azzjoni lokali u t-tiftix ta’ imsieħba għall-miżura msemmija fl-Artikolu 36;

(viii) l-iffaċilitar tal-iskambji ta’ prattika u esperjenza fost konsulenti u/jew servizzi konsultattivi;

(ix) attivitajiet ta’ netwerking għall-innovazzjoni;

(x) pjan ta’ komunikazzjoni li jinkludi pubbliċità u informazzjoni li jikkonċernaw il-programm ta' żvilupp rurali bi qbil mal-Awtoritajiet ta’

Ġestjoni u attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali.

(xi) dispożizzjoni għall-parteċipazzjoni u l-kontribut f'attivitajiet tan-netwerk Ewropew għall-iżvilupp rurali;

(c) it-twaqqif ta' bord ta' qabel l-għażla ta' esperti indipendenti u l-proċess ta' qabel l-għażla ta' applikazzjonijiet għall-premju għal kooperazzjoni innovattiva lokali msemmija fl-Artikolu 58(2).

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli għall-istabbiliment u l-operat tan-netwerks rurali nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

# Kapitolu IV
# Premju għal kooperazzjoni innovattiva lokali fiż-żoni rurali

*Artikolu 56*

*Premju għal kooperazzjoni innovattiva lokali fiż-żoni rurali*

Il-fondi msemmija fl-Artikolu 51(2) għandhom jintużaw għall-finanzjament tal-għoti ta' premju għal proġetti ta' kooperazzjoni li jinvolvu mill-inqas żewġ entitajiet li jinsabu fi Stati Membri differenti li jwettqu kunċett lokali innovattiv.

*Artikolu 57*

*Sejħa għal proposti*

1. Mhux iżjed tard mill-2015 u wara kull sena, il-Kummissjoni għandha tniedi sejħa għal proposti bl-għan li tagħti l-premju msemmi fl-Artikolu 56. L-aħħar sejħa għal proposti għandha ssir mhux iżjed tard mill-2019.

2. Is-sejħa għal proposti għandha tindika tema għall-proposti li għandha tkunu marbuta ma' waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. It-tema għandha tkun adattata għall-implimentazzjoni permezz ta' kooperazzjoni fil-livell transnazzjonali.

3. Is-sejħa għal proposti għandha tikkonċerna kemm gruppi ta' azzjoni lokali kif ukoll għal entitajiet individwali li jikkooperaw bejniethom għall-finijiet tal-proġett speċifiku.

*Artikolu 58*

*Proċedura ta' għażla*

1. L-applikazzjonijiet għall-premju għandhom jiġu sottomessi mill-applikanti fl-Istati Membri kollha għan-netwerk rurali nazzjonali rispettiv, li għandu jkun responsabbli għall-għażla minn qabel tal-applikazzjonijiet.

2. In-netwerks rurali nazzjonali għandhom jistabbilixxu, minn fost il-membri tagħhom, bord ta' qabel l-għażla magħmul minn esperti indipendenti sabiex jagħżlu l-applikazzjonijiet minn qabel. L-għażla tal-applikazzjonijiet minn qabel għandha ssir fuq il-bażi tal-kriterji tal-esklużjoni, l-għażla u l-għoti definiti fis-sejħa għal proposti. Kull netwerk rurali nazzjonali għandu jagħżel minn qabel mhux iżjed minn għaxar (10) applikazzjonijiet u għandu jittrażmettihom lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-għażla ta' ħamsin proġett rebbieħ fost l-applikazzjonijiet magħżula minn qabel fl-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi grupp tat-tmexxija *ad hoc* kompost minn esperti indipendenti esterni. Dan il-grupp tat-tmexxija għandu jagħżel minn qabel l-applikazzjonijiet rebbieħa fuq il-bażi tal-kriterji tal-esklużjoni, l-għażla u l-għoti definiti fis-sejħa għal proposti.

4. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-lista ta' proġetti li lilhom jingħata l-premju permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

*Artikolu 59*

*Premju Finanzjarju – kundizzjonijiet u pagament*

1. Sabiex il-proġetti jkunu eliġibbli għall-premju, iż-żmien meħtieġ għall-ikkompletar tagħhom m'għandux jaqbeż sentejn mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni għall-għoti tal-premju. Iż-żmien għat-twettiq tal-proġett għandu jiġi definit fl-applikazzjoni.

2. Il-premju għandu jingħata fil-forma ta' pagament ta' somma f'daqqa. L-ammont tal-pagament għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, skont il-kriterji definiti fis-sejħa għal proposti filwaqt li titqies l-ispiża stmata għat-twettiq tal-proġett indikat fl-applikazzjoni. Il-premju massimu għal kull proġett m'għandux jaqbeż il-EUR 100 000.

3. L-Istati Membri għandhom iħallsu l-premju lil applikanti rebbieħa wara li jivverifikaw li l-proġett ikun tlesta. In-nefqa rilevanti għandha tiġi rrimborżata mill-Unjoni lill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru HR/2012. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu, b'mod sħiħ jew parzjalment, l-ammont tal-premju lil applikanti rebbieħa qabel ma jkunu vverifikaw it-tlestija tal-proġett iżda f'dan il-każ, huma għandhom iġorru r-responsabbiltà għan-nefqa sakemm tiġi vverifikata t-tlestija tal-proġett.

*Artikolu 60*

*Regoli dwar il-proċedura, l-iskedi u l-istabbiliment ta' grupp tat-tmexxija*

Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-proċeduri u l-iskedi ta' żmien għall-għażla ta' proġetti u regoli dwar l-istabbiliment tal-grupp tat-tmexxija ta' esperti indipendenti msemmija fl-Artikolu 58(3). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

# TITOLU IV
# SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola

*Artikolu 61*

*Għanijiet*

1. Is-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha:

(a) tippromowvi settur agrikolu b'riżorsi effiċjenti, produttiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u reżistenti għat-tibdil fil-klima, li jaħdem f'armonija mar-riżorsi naturali essenzjali li fuqhom tiddependi l-biedja;

(b) tgħin biex ikun hemm provvista kostanti ta' ikel, għalf u bijomaterjali, kemm dawk eżistenti u kif ukoll oħrajn ġodda;

(c) ittejjeb il-proċessi tal-preservazzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu;

(d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, in-negozji u s-servizzi konsultattivi.

2. Is-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola għandha tfittex li tilħaq l-għanijiet tagħha billi:

(e) toħloq valur miżjud billi torbot aħjar ir-riċerka u l-prattiki tal-biedja u billi tinkoraġġixxi l-użu iżjed mifrux ta' miżuri ta' innovazzjoni disponibbli;

(a) tippromwovi t-traspożizzjoni iżjed mgħaġġla u iżjed mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika; u

(b) tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet ta' riċerka dwar il-prattiki tal-biedja.

3. Il-FAEŻR għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tas-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola permezz tal-appoġġ, f'konformità mal-Artikolu 36, tal-gruppi operazzjonali tas-SEI msemmija fl-Artikolu 62 u n-Netwerk tas-SEI msemmi fl-Artikolu 53.

*Artikolu 62*

*Gruppi operazzjonali*

1. Gruppi operazzjonali tas-SEI għandhom jiffurmaw parti mis-SEI għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola. Huma għandhom jiġu stabbiliti minn atturi interessati bħal bdiewa, riċerkaturi, konsulenti u negozji involuti fis-settur agrikolu u tal-ikel.

2. Il-gruppi operazzjonali għandhom jistabbilixxu proċeduri interni li jiżguraw trasparenza fl-operat tagħhom u jevitaw sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.

*Artikolu 63*

*Kompiti ta' gruppi operazzjonali*

1. Il-gruppi operazzjonali tas-SEI għandhom ifasslu pjan li jkun fih dan li ġej:

   (a) deskrizzjoni tal-proġett innovattiv li għandu jiġi żviluppat, ittestjat, adattat jew implimentat;

   (b) deskrizzjoni tar-riżultati mistennija u l-kontribut biex jintlaħaq l-għan tas-SEI għat-titjib tal-produttività u l-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli.

2. Fl-implimentazzjoni tal-proġetti innovattivi tagħhom, il-gruppi operazzjonali għandhom:

   (a) jieħdu deċiżjonijiet dwar l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet innovattivi; u

   (b) jimplimentaw azzjonijiet innovattivi permezz ta' miżuri ffinanzjati permezz ta' programmi ta' żvilupp rurali.

3. Il-gruppi operazzjonali għandhom ixerrdu r-riżultati tal-proġett tagħhom, b'mod partikolari permezz tan-netwerk tas-SEI.

# TITOLU V
# Dispożizzjonijiet finanzjarji

*Artikolu 64*

*Ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom*

1. L-ammont totali ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali taħt dan ir-Regolament għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat fir-reġjuni inqas żviluppati għandu jkun stabbilit mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni skont il-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin mill-2014 sal-2020 u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'affarijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba[34] għall-istess perjodu.

2. 0,25% tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ddedikati għall-assistenza teknika għall-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 51(1).

3. Għall-finijiet tal-ipprogrammar u l-inklużjoni sussegwenti tagħhom fil-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu indiċjati bir-rata ta' 2 % fis-sena.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tagħmel tqassim annwali skont l-Istat Membru tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, wara tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 2 u b'kunsiderazzjoni għat-trasferiment tal-fondi msemmija fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012. Meta tkun qed tagħmel it-tqassim annwali, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra:

   (a) Kriterji oġġettivi marbuta mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 4; u

   (b) il-prestazzjoni tal-passat.

5. Minbarra l-ammonti msemmija fil-paragrafu 4, l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-istess paragrafu għandu jinkludi wkoll il-fondi trasferiti lill-FAEŻR fl-applikazzjoni tal-Artikoli 7(2) u 14(1) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012.

6. Għall-finijiet tal-allokazzjoni tar-riserva ta' prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], id-dħul assenjat disponibbli miġbur skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012 tal-FAEŻR, għandu jiżdied mal-ammonti msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012]. Huwa għandu jkun allokat lill-Istati Membri b'mod proporzjonat għas-sehem tal-ammont totali tal-appoġġ mill-FAEŻR.

---

34

*Artikolu 65*

*Kontribuzzjoni mill-fond*

1. Id-deċiżjoni li tapprova programm ta' żvilupp rurali għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR lill-programm. Id-deċiżjoni għandha tidentifika b'mod ċar, fejn ikun meħtieġ, l-approprjazzjonijiet allokati lir-reġjuni inqas żviluppati.

2. Il-kontribuzzjoni mill-FAEŻR għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-ammont tan-nefqa pubblika eliġibbli.

3. Il-programmi ta' żvilupp rurali għandhom jistabbilixxu rata ta' kontribuzzjoni mill-FAEŻR applikabbli għall-miżuri kollha. Fejn applikabbli, għandha tiġi stabbilita rata ta' kontribuzzjoni mill-FAEŻR separata għar-reġjuni inqas żviluppati, u għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93. Ir-rata ta' kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għandha tkun:

   (a) 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni inqas żviluppati, fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93;

   (b) 50 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħra.

   Ir-rata ta' kontribuzzjoni minima tal-FAEŻR għandha tkun 20%.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, il-kontribuzzjoni massima tal-FAEŻR għandha tkun:

   (a) 80% għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 15, 28, u 36, għall-iżvilupp lokali LEADER imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] u għal operazzjonijiet taħt l-Artikolu 20(1)(a)(i). Tista' tiġi miżjuda għal 90% għall-programmi ta' reġjuni inqas żvilupati, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer żgħar tal-Eġew skont it-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93;

   (b) 100% għal attivitajiet li jirċievu finanzjament skont l-Artikolu 66.

5. Mill-inqas 5 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR għall-programm ta' żvilupp rurali għandha tkun irriservata għal-Leader.

6. Nefqa kkofinanzjata mill-FAEŻR m'għandhiex tkun ikkofinanzjata permezz ta' kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni jew kwalunkwe strument finanzjarju ieħor tal-Unjoni.

7. In-nefqa pubblika fl-għajnuna lill-intrapriżi għandha tikkonforma mal-limiti tal-għajnuna stabbiliti fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, sakemm dan ir-Regolament ma jipprovdix mod ieħor.

*Artikolu 66*

*Finanzjament għal proġetti b'kontribuzzjoni sinifikanti għall-innovazzjoni*

Il-fondi trasferiti lill-FAEŻR bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru DP/2012 għandhom jiġu riservati għal proġetti li jipprovdu kontribuzzjoni sinifikanti għall-innovazzjoni rilevanti għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola, inklużi l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

*Artikolu 67*

*Eliġibbiltà tan-nefqa*

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 55(7) tar-Regolament (KE) Nru [CSF/2012], f'każijiet ta' miżuri ta' emerġenza minħabba diżastri naturali, il-programmi għall-iżvilupp rurali jistgħu jipprovdu li l-eliġibbiltà tan-nefqa marbuta ma' bidliet fil-programm tista' tibda tgħodd mid-data meta jkun seħħ id-diżastru naturali.

2. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR biss meta tkun imġarrba għal operazzjonijiet li ġew deċiżi mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-programm inkwistjoni jew taħt ir-responsabbiltà tagħha, skont il-kriterji tal-għażla msemmija fl-Artikolu 49.

   Bl-eċċezzjoni ta' spejjeż ġenerali kif definiti fl-Artikolu 46(2)(c), fir-rigward ta' operazzjonijiet tal-investiment taħt miżuri li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Artikolu 42 tat-Trattat, hija biss in-nefqa magħmula wara li tkun ġiet sottomessa applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li għandha titqies eliġibbli.

   L-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-programmi tagħhom li n-nefqa għandha tkun eliġibbli biss wara li l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet approvata mill-awtorità kompetenti.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-Artikolu 51(1) u (2).

4. Il-pagamenti minn benefiċjarji għandhom ikunu appoġġjati minn fatturi u dokumenti li jagħtu prova tal-pagament. Meta dan ma jkunx jista' jsir, il-pagamenti għandhom jiġu appoġġjati b'dokumenti ta' valur ta' prova ekwivalenti, minbarra għall-forom ta' appoġġ taħt l-Artikolu 57(1)(b), (c) u (d) tar-Regolament (UE) [CSF/2012].

*Artikolu 68*

*Nefqa eliġibbli*

1. Meta l-ispejjeż operazzjonali jkunu koperti b'appoġġ skont dan ir-regolament, għandhom ikunu eliġibbli t-tipi ta' spejjeż li ġejjin :

(a) spejjeż operazzjonali;

(b) spejjeż tal-persunal;

(c) spejjeż tat-taħriġ;

(d) spejjeż marbuta mar-relazzjonijiet pubbliċi;

(e) spejjeż finanzjarji;

(f) spejjeż tan-netwerking.

2. L-istudji għandhom jikkostitwixxu nefqa eliġibbli biss meta jkunu marbuta ma' operazzjoni speċifika taħt il-programm jew l-objettivi u l-miri speċifiċi tal-programm.:

3. Il-kontribuzzjonijiet *in natura* fil-forma ta' provvediment ta' xogħlijiet, oġġetti, servizzi, art u proprjetà immobbli li għalihom ma sar l-ebda ħlas bi flus kontanti u li huma apoġġjati minn fatturi u dokumenti oħra li għandhom valur ġustifikattiv ekwivalenti, jistgħu jkunu eliġibbli għall-appoġġ sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012].

4. L-ispejjeż indiretti għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-miżuri msemmija fl-Artikoli 15, 16, 19, 21, 25 u 36.

*Artikolu 69*

*Verifikabbiltà u kontrollabbiltà tal-miżuri*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri kollha għall-iżvilupp rurali li jkollhom l-intenzjoni li jimplimentaw ikunu verifikabbli u kontrollabbli. Għal dan il-għan, l-Awtorità ta' Ġestjoni u l-aġenzija tal-pagamenti ta' kull programm għall-iżvilupp rurali għandhom jipprovdu valutazzjoni *ex ante* tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-programm ta' żvilupp rurali. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-aġenzija tal-pagamenti għandhom iwettqu wkoll il-valutazzjoni tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri waqt l-implimentazzjoni tal-programm ta' żvilupp rurali. Il-valutazzjoni *ex ante* u l-valutazzjoni waqt il-perjodu tal-implimentazzjoni għandhom jikkunsidraw ir-riżultati tal-kontrolli fil-perjodu tal-ipprogrammar preċedenti u dak kurrenti. Meta l-valutazzjoni tiżvela li r-rekwiżiti tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà ma jkunux ġew sodisfati, il-miżuri kkonċernati għandhom jiġu aġġustati skont dan

2. Meta tingħata għajnuna fuq il-bażi tal-ispejjeż standard jew spejjeż addizzjonali u dħul mitluf, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kalkoli rilevanti jkunu xierqa u preċiżi u stabbiliti bil-quddiem fuq il-bażi ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli. Għal dan il-għan, korp li jkun indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli għall-kalkoli u li jkollu l-kompetenza xierqa għandu jipprovdi ċertifikat li jikkonferma l-adegwatezza u l-preċiżjoni tal-kalkoli. Dak iċ-ċertifikat għandu jiġi inkluż fil-programm għall-iżvilupp rurali.

*Artikolu 70*

*Ħlasijiet bil-quddiem*

1. Il-pagament ta' ħlasijiet bil-quddiem għandu jkun suġġett għall-istabbiliment ta' garanzija tal-bank jew garanzija ekwivalenti korrispondenti għal 100% tal-ammont tal-ħlas bil-quddiem. Fir-rigward tal-benefiċjarji pubbliċi, il-ħlasijiet bil-quddiem għandhom jitħallsu lill-muniċipalitajiet, l-awtoritajiet reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, kif ukoll lil korpi tal-liġi pubblika.

   Faċilità provduta bħala garanzija minn awtorità pubblika għandha titqies li hi ekwivalenti għall-garanzija msemmija fl-ewwel subparagrafu, sakemm l-awtorità timpenja ruħha li tħallas l-ammont kopert minn dik il-garanzija jekk l-intitolament għall-ħlas bil-quddiem imħallas ma jkunx stabbilit.

2. Il-garanzija tista' tiġi rilaxxata meta l-aġenzija tal-pagamenti kompetenti tistabbilixxi li l-ammont ta' nefqa attwali korrispondenti għall-kontribuzzjoni pubblika marbuta mal-operazzjoni jaqbeż l-ammont tal-ħlas bil-quddiem.

# TITOLU VI
# Ġestjoni, kontroll u pubbliċità

*Artikolu 71*

*Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni*

Sabiex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja tajba, fil-kuntest tal-ġestjoni konġunta, skont l-Artikolu 317 tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri u twettaq il-kontrolli stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru HR/2012.

*Artikolu 72*

*Responsabbiltajiet tal-Istati Membri*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, statutorji u amministrattivi skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament (UE) HR/2012 sabiex jiġi żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni effettivament jiġu protetti.

2. L-Istati Membri għandhom jaħtru, għal kull programm ta' żvilupp rurali, l-awtoritajiet li ġejjin:

   (a) l-Awtorità ta’ Ġestjoni, li tista’ tkun korp pubbliku jew privat li jaġixxi fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew l-Istat Membru nnifsu meta jwettaq dak il-kompitu, u li tkun inkarigata mill-ġestjoni tal-programm ikkonċernat;

   (b) l-aġenzija tal-pagamenti akkreditata skont it-tifsira tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012;

   (c) il-korp ta’ ċertifikazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru HR/2012.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw għal kull programm għall-iżvilupp rurali li s-sistema rilevanti tal-ġestjoni u l-kontroll tkun ġiet stabbilita b’mod li tiżgura allokazzjoni ċara u separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-Awtorità ta’ Ġestjoni u korpi oħra. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jiffunzjonaw b’mod effettiv matul il-perjodu ta’ pprogrammar.

4. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b’mod ċar il-kompiti tal-awtorità ta’ ġestjoni, l-Aġenzija tal-Pagamenti u l-gruppi ta’ azzjoni lokali taħt il-LEADER fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà u l-għażla u l-proċedura tal-għażla tal-proġetti.

*Artikolu 73*

*Awtorità ta' Ġestjoni*

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti, effettiv u korrett u b'mod partikolari li:

(a) tiżgura li jkun hemm sistema elettronika sigura xierqa li tirreġistra, iżżomm, timmaniġġja u tirrapporta informazzjoni statistika dwar il-programm u l-implimentazzjoni tiegħu meħtieġa għall-finijiet tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u, b'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ tal-progress b'rabta mal-għanijiet u l-prijoritajiet definiti;

(b) tipprovdi lill-Kummissjoni, erba' darbiet f'sena, dejta indikattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju kif ukoll tal-proġett;

(c) tiżgura li l-benefiċjarji u l-korpi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet:

(i) ikunu infurmati bl-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-għajnuna mogħtija, u jżommu sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha marbuta mal-operazzjoni;

(ii) ikunu konxji tar-rekwiżiti fir-rigward tal-provvediment tad-dejta lill-Awtorità ta' Ġestjoni u r-reġistrazzjoni tal-eżiti u r-riżultati;

(d) jiżguraw li l-evalwazzjoni *ex ante* msemmi fl-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] tikkonforma mas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u jaċċettawhom u jissottomettuhom lill-Kummissjoni;

(e) jiżguraw li l-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] ikun introdott, li l-evalwazzjoni tal-programm *ex post* imsemmija fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru[CSF/2012] issir fil-limiti ta' żmien stipulat f'dak ir-Regolament, sabiex ikun żgurat li dawn l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mas-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u jissottomettuhom lill-Kumitat ta' Monitoraġġ u lill-Kummissjoni.

(f) jipprovdu lill-Kumitat tal-Monitoraġġ bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa biex tkun immonitorjata l-implimentazzjoni tal-programm fid-dawl tal-objettivi u l-prijoritajiet speċifiċi tiegħu;

(g) ifasslu l-programm annwali dwar il-progress, inklużi t-tabelli ta' monitoraġġ aggregati, u, wara approvazzjoni mill-Kumitat ta' Monitoraġġ, jissottomettuh lill-Kummissjoni;

(h) Jiżguraw li l-aġenzija ta' pagament tirċievi l-informazzjoni neċessarja kolla, b'mod partikolari dwar il-proċeduri operati u kwalunkwe kontroll imwettaq

b'relazzjoni mal-operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament, qabel ma jkunu awtorizzati l-pagamenti;

(i) jiżguraw li l-pubbliċità għall-programm, inkluż permezz tan-Netwerk Rurali Nazzjonali, billi jinfurmaw lill-benefiċjarji potenzjali, lill-organizzazzjonijiet professjonali, lill-imsieħba ekonomiċi u soċjali, lill-korpi involuti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi ikkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, dwar il-possibiltajiet offruti mill-programm u r-regoli sabiex jinkiseb aċċess għall-finanzjament tal-programm kif ukoll billi jinfurmaw lill-benefiċjarji dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni u lill-pubbliku ġenerali dwar ir-rwol li għandha l-Unjoni fil-programm.

2. L-Istat Membru jew l-Awtorità ta' Ġestjoni jistgħu jaħtru korp intermedjarju wieħed jew iktar minn li jinkludi lill-awtoritajiet lokali, il-korpi għall-iżvilupp reġjonali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet għall-iżvilupp rurali.

Meta parti mill-kompiti tagħha jiġu delegati lil korp ieħor, l-Awtorità ta' Ġestjoni għandha żżomm responsabbiltà sħiħa għall-effiċjenza u l-korrettezza tal-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' dawk il-kompiti. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tiżgura li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet xierqa li jippermettu lill-korp ieħor biex jikseb id-dejta u l-informazzjoni kollha neċessarja għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-kompiti.

3. Meta sottoprogramm tematiku, kif imsemmi fl-Artikolu 8, jiġi inkluż fil-programm għall-iżvilupp rurali, l-Awtorità ta' Ġestjoni tista' taħtar korp intermedjarju wieħed jew iktar, inklużi awtoritajiet lokali, gruppi ta' azzjoni lokali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi, biex iwettqu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija. F'dan il-każ għandu japplika l-paragrafu 2.

L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiżgura li l-operazzjonijiet u l-prodotti ta' dan is-sottoprogramm tematiku jiġu identifikati separatament għall-finijiet tas-sistema tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 74.

# TITOLU VII
# Monitoraġġ u evalwazzjoni

## Kapitolu I
## Dispożizzjonijiet ġenerali

### TAQSIMA 1
### STABBILIMENT U OBJETTIVI TA' SISTEMA TA' MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

*Artikolu 74*

*Sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni*

F'konformità ma' dan it-Titoli, għandha titfassal sistema komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni b'kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 75*

*Għanijiet*

Is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandu jkollha dawn l-għanijiet:

(a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-politika għall-iżvilupp rurali u li tevalwa l-impatt, l-effikaċja, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-interventi tal-politika ta' żvilupp rurali;

(b) li tikkontribwixxi biex jingħata appoġġ immirat aħjar għall-iżvilupp rurali;

(c) li tappoġġja proċess ta' tagħlim komuni marbut mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

### TAQSIMA 2
### DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

*Artikolu 76*

*Indikaturi komuni*

1. Għandha tiġi speċifikata lista ta' indikaturi komuni marbuta mas-sitwazzjoni inizjali kif ukoll mal-eżekuzzjoni finanzjarja, l-eżiti, ir-riżultati u l-impatt u tal-

programm u li tkun applikabbli għal kull programm fis-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni provduti fl-Artikolu 74 biex tkun tista' ssir l-aggregazzjoni tad-dejta fil-livell tal-Unjoni.

2. L-indikaturi komuni għandhom ikunu marbuta mal-istruttura u l-għanijiet tal-politika ta' żvilupp rurali u għandhom jippermettu l-valutazzjoni tal-progress, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-politika abbażi tal-għanijiet u l-miri fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u tal-programm.

*Artikolu 77*

*Sistema Elettronika tal-Informazzjoni*

1. Informazzjoni ewlenija dwar l-implimentazzjoni tal-programm, dwar kull operazzjoni magħżula għall-finanzjament, kif ukoll dwar operazzjonijiet kompluti, meħtieġa għal monitoraġġ u evalwazzjoni, inklużi l-karatteristiċi ewlenin tal-benefiċjarju u l-proġett, għandhom jiġu rrekordjati u miżmuma elettronikament.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm sistema elettronika sigura xierqa li tirrekordja, iżżomm u timmaniġġja informazzjoni ewlenija u tirrapporta dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

*Artikolu 78*

*Għoti ta' informazzjoni*

Il-benefiċjarji tal-appoġġ skont il-miżuri għall-iżvilupp rurali u l-gruppi tal-azzjoni lokali għandhom jimpenjaw ruħhom li jipprovdu lill-Awtorità ta' Ġestjoni u/jew evalwaturi maħtura jew korpi oħra delegati li jwettqu funzjonijiet għan-nom tagħhom, l-informazzjoni kollha meħtieġa li tippermetti l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm, b'mod partikolari biex jintlaħqu għanijiet u prijoritajiet speċifikati.

# Kapitolu II
# Monitoraġġ

*Artikolu 79*

*Proċeduri ta' monitoraġġ*

1. L-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ previsti fl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] għandhom jissorveljaw il-kwalità tal-implimentazzjoni tal-programm.

2. L-Awtorità ta’ Ġestjoni u l-Kumitat għall-Monitoraġġ għandhom iwettqu l-monitoraġġ ta’ kull programm ta' żvilupp rurali permezz ta’ indikaturi finanzjarji, tal-eżitu u tal-miri.

*Artikolu 80*

*Kumitat għall-Monitoraġġ*

L-Istati Membri bi programmi reġjonali jistgħu jistabbilixxu Kumitat għall-Monitoraġġ nazzjonali li jikkoordina l-implimentazzjoni ta’ dawn il-programmi b’rabta mal-Qafas Nazzjonali u l-użu tar-riżorsi finanzjarji.

*Artikolu 81*

*Responsabbiltajiet tal-Kumitat għall-Monitoraġġ*

1. Il-Kumitat għall-Monitoraġġ għandu jkun sodisfatt bil-prestazzjoni tal-programm ta' żvilupp rurali u bl-effikaċja tal-implimentazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, minbarra l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru [CSF], il-Kumitat għall-Monitoraġġ:

(a) għandu jiġi kkonsultat u għandu jagħti opinjoni, fi żmien erba’ xhur mid-deċiżjoni li tapprova l-programm, dwar il-kriterji tal-għażla għal operazzjonijiet iffinanzjati. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiġu riveduti skont il-ħtiġijiet tal-ipprogrammar;

(b) għandu jeżamina l-attivitajiet u l-eżiti relatati mal-pjan ta' evalwazzjoni tal-programm;

(c) għandu jeżamina l-azzjonijiet fil-programm relatati mal-issodisfar tal-kundizzjonalitajiet *ex ante*;

(d) għandu jipparteċipa fin-Netwerk Rurali Nazzjonali għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm;

(e) għandu jqis u japprova r-rapporti ta’ implimentazzjoni annwali qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni.

*Artikolu 82*

*Rapport ta’ annwali implimentazzjoni*

1. Sal-31 ta' Mejju 2016 u sal-31 ta' Mejju ta' kull sean sussegwenti sa u inkluża l-2023, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali fis-sena kalendarja ta' qabel. Ir-rapport sottomess fl-2016 għandu jkopri s-snin kalendarji 2014 u 2015.

2. Minbarra dak ipprovdut fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], ir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali għandhom jinkludu informazzjoni, inter alia, dwar l-impenji finanzjarji u n-nefqa skont il-miżura, u sommarju tal-attivitajiet magħmula b'rabta mal-pjan ta' evalwazzjoni.

3. Minbarra kif ipprovdut fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni sottomess fl-2017 għandu jkopri wkoll deskrizzjoni tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe sottoprogramm inklużi fil-programm, valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jiġi żgurat approċċ integrat biex il-FAEŻR u strumenti finanzjarji oħra tal-UE jintużaw għall-appoġġ tal-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali, inkluż permezz ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali, u s-sejbiet relatati mal-ilħuq tal-miri għal kull prijorità inkluża fil-programm ta' Żvilupp Rurali.

4. Minbarra kif ipprovdut fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012], ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni sottomess fl-2019 għandu jkopri wkoll deskrizzjoni tal-implimentazzjoni ta' kwalunkwe sottoprogramm inklużi fil-programm, valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jiġi żgurat approċċ integrat biex il-FAEŻR u strumenti finanzjarji oħra tal-UE jintużaw għall-appoġġ tal-iżvilupp territorjali taż-żoni rurali, inkluż permezz ta' strateġiji tal-iżvilupp lokali.

5. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar il-preżentazzjoni tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

# Kapitolu III
# Evalwazzjoni

*Artikolu 83*

*Dispożizzjonijiet ġenerali*

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi l-elementi li għandhom jiġu inklużi fl- evalwazzjoni *ex ante* u *ex post*, imsemmija fl-Artikoli 48 u 50 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012] u tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru [CSF/2012]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evalwazzjonijiet jikkonformaw mal-approċċ ta' evalwazzjoni komuni miftiehem f'konformità mal-Artikolu 74, għandhom jorganizzaw il-produzzjoni u l-ġbir tad-dejta meħtieġa, u għandhom jipprovdi diversi biċċiet ta' informazzjoni provduti mis-sistema ta' monitoraġġ lill-evalwaturi.

3. Ir-rapporti ta' evalwazzjoni għandhom ikunu disponibbli mill-Istati Membri fuq l-Internet u mill-Kummissjoni fuq is-sit elettroniku tal-Unjoni.

*Artikolu 84*

*Evalwazzjoni ex ante*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evalwatur *ex ante* jkun involut minn stadju bikri fil-proċess tal-iżvilupp tal-programm għall-iżvilupp rurali, inkluż l-iżvilupp tal-analiżi msemmi fl-Artikolu 9(1)(b), id-disinn tal-loġika tal-intervent tal-programm u l-istabbiliment tal-miri tal-programm.

*Artikolu 85*

*Evalwazzjoni ex post*

Fl-2023, għandu jiġi ppreparat rapport ta’ evalwazzjoni *ex post* mill-Istati Membri għal kull wieħed mill-programmi ta' żvilupp rurali. Dan ir-rapport għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni sa mhux iżjed tard mill-31 ta’ Diċembru 2023.

*Artikolu 86*

*Sinteżi tal-evalwazzjonijiet*

Għandhom isiru sinteżi fil-livell tal-Unjoni tar-rapporti tal-evalwazzjoni *ex ante* u *ex post* taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

Is-sinteżi tar-rapporti tal-evalwazzjoni għandha titlesta sa mhux iżed tard mill-31 ta’ Diċembru tas-sena wara s-sottomissjoni tal-evalwazzjonijiet rilevanti.

# TITOLU VIII
# Dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni

*Artikolu 87*

*Regoli li japplikaw għall-intrapriżi*

Meta jingħata appoġġ skont dan ir-Regolament għal forom ta' kooperazzjoni bejn intrapriżi, dan għandu jingħata biss lil dawk il-forom ta' kooperazzjoni bejn intrapriżi li jikkonformaw mar-regoli ta' kompetizzjoni kif japplikaw bis-saħħa tal-Artikoli 143 sa 145 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru sCMO/2012.

*Artikolu 88*

*Għajnuna mill-Istat*

1. Sakemm mhux previst mod ieħor skont dan it-Titolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat għandhom japplikaw għal appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Istati Membri.

2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat m'għandhomx japplikaw għal pagamenti magħmula mill-Istati Membri skont, u f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew għal finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 89, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Trattat.

*Artikolu 89*

*Finanzjament nazzjonali addizzjonali*

Il-pagamenti magħmula mill-Istati Membri b'rabta mal-operazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-Tratatt u li huma maħsuba li jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali li għalih jingħata l-appoġġ tal-Unjoni, għandhom jiġu nnotifikati mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament bħala parti mill-ipprogrammar imsemmi fl-Artikolu 7. Meta tivvaluta dawn il-pagamenti, il-Kummissjoni għandha tapplika, permezz ta' analoġija, il-kriterji stabbiliti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat. L-Istat Membru kkonċernat m'għandux jagħmel il-finanzjament addizzjonali propost għall-iżvilupp rurali qabel ma jkun ġie approvat.

# TITOLU IX
# Setgħat tal-Kummissjoni, dispożizzjonijiet komuni u dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

## Kapitolu I
## Setgħat tal-Kummissjoni

*Artikolu 90*

*Eżerċitar tad-delega*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu .

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tibda tapplika mill-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fih. Hija m'għandhiex taffetwa l-validità ta' ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikaha fl-istess żmien lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

*Artikolu 91*

*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat imsejjaħ "Kumitat għall-Iżvilupp Rurali". Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# Kapitolu II

# Dispożizzjonijiet komuni

*Artikolu 92*

*Skambju ta' informazzjoni u dokumenti*

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni li tippermetti l-iskambju sigur ta' dejta ta' interess komuni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli dwar it-tħaddim ta' din is-sistema. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 91.

*Artikolu 93*

*Dispożizzjonijiet ġenerali tal-PAK*

Ir-Regolament (UE) Nru HR/2012 u d-dispożizzjonijiet adottati skontu għandhom japplikaw b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

# Kapitolu III

# Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

*Artikolu 94*

*Revoka*

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandha tiġi rrevokata.

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jibqa' japplika għal operazzjonijiet implimentati skont il-programmi approvati mill-Kummissjoni taħt dak ir-Regolament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 95*

*Dispożizzjonijiet tranżitorji*

Sabiex tiffaċilita t-tranżizzjoni mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati taħt l-Artikolu 90 b'rabta mal-kundizzjonijiet li taħthom l-appoġġ approvat mill-Kummissjoni taħt ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jista' jiġi integrat f'appoġġ previst taħt dan ir-Regolament, inkluż għal assistenza teknika u għall-evalwazzjonijiet ex post.

*Artikolu 96*

*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**ANNESS I**

**Ammonti u rati ta' appoġġ**

| Artikolu | Suġġett | Ammont Massimu f'EUR jew rata | |
|---|---|---|---|
| 16(8) | Servizzi konsultattivi, ġestjoni tal-azjendi agrikoli u servizzi ta' skambju tal-azjendi agrikoli | 1.500<br><br>200.000 | Għal kull parir<br><br>Għal kull tliet snin għat-taħriġ tal-konsulenti |
| 17(3) | Skemi ta' kwalità jew prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel | 3.000 | Għal kull azjenda għal kull sena |
| | | | |
| 18(3) | Investiment f'assi fiżiċi | <br><br>50%<br><br>75%<br><br>65%<br><br>40% | <u>Settur agrikolu</u><br><br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati<br><br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda<br><br>Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew<br><br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra<br><br>Dawn ir-rati jistgħu jiġu miżjuda b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90% għall:<br><br>- Bdiewa żgħażagħ li jkunu qed jistabbilixxu ruħhom<br><br>- Investimenti kollettivi u proġetti integrati<br><br>- Żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali kif imsemmi fl-Artikolu 33.<br><br>- Operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 50%<br>75%<br>65%<br>40% | Iproċessar u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-Anness I<br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati<br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda<br>Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew<br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra<br>Ir-rati ta' hawn fuq jistgħu jiżdiedu b'20%, sakemm l-appoġġ massimu kkombinat ma jaqbiżx 90%, għal operazzjonijiet appoġġjati fil-qafas tas-SEI |
| 19(5) | L- tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilha ħsara b'diżastri naturali u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa | 80% | Tal-ammont tal-ispejjeż tal-investiment eliġibbli għal operazzjonijiet ta' prevenzjoni mwettqa mill-bdiewa individwali. |
| 20(6) | Żvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju | 70.000<br>70.000<br>15.000 | Għal kull bidwi żgħażugħ skont l-Artikolu 33(1)(a)(i)<br>Għal kull intrapriża skont l-Artikolu 33(1)(a)(ii)<br>Għal kull azjenda agrikola żgħira skont l-Artikolu 33(1)(a)(iii) |
| 24(3) | Stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija | 80% | Tal-ammont tal-invesiment eliġibbli għall-istabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija |
| 27(5) | Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija | 50%<br>75% | Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni inqas żviluppati<br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 65%<br><br>40% | Tal-ammont tal-investiment eliġibbli fil-gżejjer żgħar tal-Eġew<br><br>Tal-ammont ta' investiment eliġibbli f'reġjuni oħra |
| 28(4) | Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi | 10%,<br>10%,<br>8%,<br>6%,<br>4%<br><br>5%<br>5%<br>4%<br>3%<br>2%<br><br>100.000 | Għal produzzjoni kummerċjalizzata sa EUR 1 000 000<br><br>Bħala perċentwal tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel ħames snin wara r-rikonoxximent, għall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet(3), ir-raba'(4) u l-ħames (5) sena rispettivament.<br><br>Għal produzzjoni kummerċjalizzata li taqbeż EUR 1 000 000 bħala perċentwal tal-produzzjoni kummerċjalizzata fl-ewwel ħames snin wara r-rikonoxximent, għall-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-ħames (5) sena rispettivament.<br><br>L-ammont massimu fis-sena fil-każijiet kollha. |
| 29(8) | Agroambjent | 600(*)<br>900(*)<br><br>450(*)<br>200(*) | Għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' annwali<br><br>Għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' perenni speċjalizzati<br><br>Għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art<br><br>Għal kull Unità tal-Bhejjem ("LU" – Livestock Unit) fis-sena għal speċijiet lokali fil-periklu li jintilfu għall-iskopijiet tal-bdiewa |
| 30(5) | Biedja organika | 600(*) | Għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' annwali |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 900(*)<br><br>450(*) | Għal kull ettaru fis-sena għall-uċuħ tar-raba' perenni speċjalizzati<br><br>Għal kull ettaru fis-sena għal użi oħra tal-art |
| 31(7) | Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma | 500(*)<br><br>200(*)<br><br>50 | Massimu għal kull ettaru fis-sena fil-perjodu inizjali li ma jaqbiżx ħames snin<br><br>Massimu għal kull ettaru fis-sena<br><br>Minimu għal kull ettaru fis-sena għal pagamenti skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma |
| 32(3) | Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra | 25<br><br>250(*)<br><br>300(*) | Minimu għal kull ettaru fis-sena<br><br>Massimu għal kull ettaru fis-sena<br><br>Massimu għal kull ettaru fis-sena fiż-żoni bil-muntanji kif definit fl-Artikolu 46(2) |
| 34(3) | Benessri tal-annimali | 500 | Għal kull LU |
| 35(3) | Servizzi ambjentali tal-foresti u konservazzjoni tal-foresti | 200(*) | Għal kull ettaru fis-sena |
| 38(5) | Assigurazzjoni fuq l-uċuħ tar-raba', l-annimali u l-pjanti | 65% | Tal-primjum tal-assigurazzjoni dovut |
| 39(5) | Fond mutwu għal mard tal-annimali u tal-pjanti u inċidenti ambjentali | 65% | Tal-ispejjeż eliġibbli |
| 40(5) | Għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul | 65% | Tal-ispejjeż eliġibbli |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

* Dawn l-ammonti jistgħu jiġu miżjuda f'każijiet eċċezzjonali filwaqt li jiġu kkunsidrati ċirkostanzi speċifiċi li għandhom jiġu ġġustifikati fil-programmi ta' żvilupp rurali.

## ANNESS II

## Kriterji bijofiżiċi għad-delimitazzjoni taż-żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali

| KRITERJU | DEFINIZZJONI | LIMITU MINIMU |
|---|---|---|
| **KLIMA** | | |
| **Temperatura Baxxa** | Tul ta' Perjodu Li Jikber (numru ta' jiem) definit bin-numru ta' jiem bit-temperatura medja ta' kuljum > 5°C (LGPt5) JEW | ≤ 180 jum |
| | Ammont ta' żmien termali (grad-jiem) għal Perjodu Li Jikber definit bit-temperatura medja akkumulata ta' kuljum > 5°C | ≤ 1500 grad-jiem |
| **Nixfa** | Proporzjon tal-preċipitazzjoni annwali (P) mal-evapotranspirazzjoni potenzjali annwali (PET) | P/PET ≤ 0.5 |
| **KLIMA U ĦAMRIJA** | | |
| **Eċċess ta' umdità fil-ħamrija** | Numru ta' jiem fil-kapaċità tal-għalqa jew iktar | ≥ ≥ 230 jum |
| **ĦAMRIJA** | | |
| **Skular limitat ta' ilma mill-ħamrija** | Żoni li huma mifqugħa bl-ilma għal tul ta' żmien sinifikanti tas-sena | Imxarrba sa fond ta' 80ċm mill-wiċċ tal-ħamrija għal iktar minn 6 xhur, jew sa għoli ta' 40ċm għal iktar minn 11-il xhar JEW<br>Ħamrija li fiha ma jiskulax jew ma tantx jiskula ilma JEW<br>Xejra ta' kulur gleyic f'fond ta' 40 ċm mill-wiċċ |
| **Konsistenza u natura ġeblija sfavorevoli** | Abbundanza relattiva ta' tafal, ħama, ramel, materjal organiku (piż %) u frazzjonijiet ta' materjal grezz (volumetriku %) | ≥ 15 % tal-volum tal-ħamrija ta' fuq hu materjal grezz inkluża parti tas-saff tal-ġebel bi blata kbira JEW |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ramel fil-klassi ta' konsistenza tal-ħamrija ta' fuq, ramel sedimentali definit bħala:<br>ħama % + (2x tafal %) ≤ 30 % JEW |
| | | Klassi ta' konsistenza tal-ħamrija ta' fuq ta' tafal tqil<br>(≥ (≥60 % tafal) JEW |
| | | Ħamrija organika (materja organika ≥30 %) ta' mill-inqas 40ċm JEW |
| | | Il-klassi ta' konsistenza tal-ħamrija ta' fuq hija dik ta' tafal, tafal bil-ħama, tafal bir-ramel u proprjetajiet vertiċi f'100ċm mill-wiċċ tal-ħamrija |
| **Għeruq mhux fil-fond** | Fond (ċm) mill-wiċċ tal-ħamrija għall-ġebel iebes koerenti jew il-qiegħ iebes | ≤ 30 ċm |
| **Proprjetajiet kimiċi dgħajfa** | Preżenza ta' mluħa, sodju li jista' jiġi skambjat fil-ħamrija ta' fuq, aċidità eċċċessiva tal-ħamrija | Salinità: ≥ 4 deci-Siemens għal kull metru (dS/m) JEW |
| | | Sodiċità: ≥ 6 Perċentwal tas-sodju li jista' jiġi skambjat (ESP) JEW |
| | | Aċidità tal-ħamrija: pH≤ 5 (fl-ilma) |
| **TERREN** | | |
| **Xaqliba Wieqfa** | Bidla fl-elevazzjoni fir-rigward tad-distanza planimetrika ( %) | ≥ 15% |

## ANNESS III

## Lista indikattiva ta’ miżuri u operazzjonijiet ta’ rilevanza partikolari għas-sottoprogrammi tematiċi msemmija fl-Artikolu 8

**Bdiewa żgħażagħ:**

Għajnuna għall-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ li jwaqqfu għall-ewwel darba azjenda agrikola

Investimenti f'assi fiżiċi

Trasferiment tal-għarfien u azzjonijet ta' informazzjoni

Servizzi konsultattivi, servizzi ta’ ġestjoni u ta’ sostituzzjoni b’rabta mal-azjendi agrikoli

Kooperazzjoni

Investimenti f’attivitajiet mhux agrikoli

**Azjendi agrikoli żgħar:**

Għajnuna għall-bidu ta' negozju għall-iżvilup ta' azjendi agrikoli żgħar

Investimenti f'assi fiżiċi

Skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Trasferiment tal-għarfienu azzjonijiet ta' informazzjoni

Servizzi konsultattivi, servizzi ta’ ġestjoni u ta’ sostituzzjoni b’rabta mal-azjendi agrikoli

Kooperazzjoni

Investimenti f’attivitajiet mhux agrikoli

Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi

Leader

**Żoni bil-muntanji:**

- Pagamenti lil żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

- Operazzjonijiet agroambjentali

- Kooperazzjoni

- Investimenti f’assi fiżiċi

- Żvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju fiż-żoni rurali

- Skemi ta’ kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

- Stabbiliment ta’ sistemi tal-agroforestrija

Servizzi bażiċi u tiġdid ta’ villaġġi f’żoni rurali

Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni

Servizzi konsultattivi, servizzi ta’ ġestjoni u ta’ sostituzzjoni b’rabta mal-azjendi agrikoli

Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi

Leader

**Ktajjen tal-provvista qosra:**

Kooperazzjoni

Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi

Leader

Skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Servizzi bażiċi u tiġdid ta’ villaġġi f’żoni rurali

Investimenti f'assi fiżiċi

Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni

Servizzi konsultattivi, servizzi ta’ ġestjoni u ta’ sostituzzjoni b’rabta mal-azjendi agrikoli

# ANNESS IV

## Kundizzjonalitajiet ex ante għall-iżvilupp rurali

### 1. KUNDIZZJONALITAJIET MARBUTA MA' PRIJORITAJIET

| Prijorità tal-UE għall-Objettiv Tematiku (OT) tal-Iżvilupp Rurali/QSK | Kundizzjonalità *Ex-ante* | Kriterja għat-twettiq |
|---|---|---|
| **Prijorità 1 tal-Iżvilupp Rurali: it-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni r-rurali**<br><br>OT 1: it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni | 1.1. **Riċerka u innovazzjoni:** L-eżistenza ta' strateġija għall-inovazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali għal speċjalizzazzjoni intelliġenti konformi mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma, sabiex tingrana n-nefqa privata għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li hija konformi mal-karatteristiċi tas-sistemi effiċjenti nazzjonali jew reġjonali ta' riċerka u innovazzjoni[35]. | – Ġiet stabbilita strateġija ta' innovazzjoni nazzjonali u/jew reġjonali għal speċjalizzazzjoni intelliġenti li:<br>– hija bbażata fuq analiżi SWOT sabiex tikkonċentra r-riżorsi fuq grupp limitat ta' prijoritajiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni;<br>– tindika l-miżuri li jħeġġu l-investiment privat fir-Riċerka u l-Iżvilupp;<br>– tinkludi sistema ta' monitoraġġ u reviżjoni.<br>– Stat Membru adotta qafas li jindika r-riżorsi baġitarji disponibbli għar-Riċerka u l-Iżvilupp;<br>– Stat Membru adotta pjan multiannwali għall-ibbaġitjar u l-prijoritizzazzjoni tal-investimenti marbuta mal-prijoritajiet tal-UE (ESFRI). |
| | 1.2. **Kapaċità ta' konsulenza**: kapaċità ta' konsulenza suffiċjenti sabiex ikun żgurat parir dwar ir-rekwiżiti regolatorji u l-aspetti kollha marbuta ma' ġestjoni sostenibbli u azzjoni klimatika fl-agrikoltura u l-forestrija | – Fil-programm hemm inkluża deskrizzjoni tal-istruttura tas-sistema ta' estensjoni/konsulenza fil-livell ġeografiku relevanti |

[35] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni (COM(2010) 546 finali tas-6.10.2010). Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività: Konklużjonijiet dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni għall-Ewropa (dok. 17165/10 tas-26.11.2010).

| | | |
|---|---|---|
| | | (nazzjonali/reġjonali) – inkluż ir-rwol maħsub tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prijorità tal-iżvilupp rurali - li turi t-twettiq tal-kundizzjonalità ex-ante 1.2, |
| **Prijorità 2 tal-Iżvilupp Rurali: it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-impriżi agrikoli**<br><br>OT 3: it-titjib tal-kompetittività tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju<br><br>**Prijorità 3 tal-Iżvilupp Rurali: il-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina alimentari u l-ġestjoni ta' riskju fl-agrikoltura**<br><br>OT 3: it-titjib tal-kompetittività tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju | 2-3.1. **Stabbiliment ta' negozji**: Twettqu azzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA) u r-Reviżjoni tiegħu tat-23 ta' Frar 2011[36] inkluż il-prinċipju "Aħseb l-ewwel fiż-żgħir" | – Dawn l-azzjonijiet speċifiċi jinkludu:<br><br>– miżuri biex jitnaqqas il-ħin biex ikun stabbilit negozju għal 3 ijiem ta' ħidma u bl-ispiża tkun EUR 100;<br><br>– miżuri biex jitnaqqas għal 3 xhur il-ħin meħtieġ biex jinkisbu liċenzji u permessi biex tinbeda u titwettaq l-attività speċifika ta' impriża;<br><br>– mekkaniżmu għall-valutazzjoni sistematika tal-impatt tal-leġiżlazzjoni fuq l-SMEs bl-użu ta' "Test tal-SMEs", filwaqt li, fejn ikun xieraq, jitqiesu d-daqsijiet differenti tal-impriżi; |

36 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir - ‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa– COM(2008) 394 tat-23.6.2008); Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività: Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir - ‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa– (dok. 16788/08, 1.12.2008); Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Reviżjoni tal-‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa– (COM(2008) 78 finali, 23.2.2011); Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività: Konklużjonijiet tar-Reviżjoni tal-‘Att dwar in-Negozji ż-Żgħar' għall-Ewropa– (dok. 10975/11 tat-30.5.2011).

| | | |
|---|---|---|
| **Prijorità 4 tal-Iżvilupp Rurali: l-, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi li jiddependu mill-agrikoltura u l-foresti**<br><br>OT 5: il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju<br><br>OT 6: il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi | 4.1 **Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba** (GAEC): standards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art msemmija fil-Kapitolu I tat-Titolu VI tar-Regolament (UE) HR/xxxx huma stabbiliti fil-livell nazzjonali<br><br>4.2 **Rekwiżiti minimi għall-fertilizzanti u l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti:** rekwiżiti minimi għall-fertilizzanti u l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 29, Kapitolu I tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament huma definiti fil-livell nazzjonali<br><br>4.3 **standards relevanti oħrajn fuq livell nazzjonali:** ġew stabbiliti fil-livell nazzjonali standards relevanti obbligatorji għall-finijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu I tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament<br><br>4.4. **Prevenzjoni tar-Riskju**: l-eżistenza tal-valutazzjonijiet tar-riskju fil-livell nazzjonali għall-ġestjoni tad-diżastri filwaqt li jkun ikkunsidrat l-adattament għat-tibdil fil-klima[37]. | – L-istandards tal-GAEC huma definiti fil-liġi nazzjonali u speċifikati fil-programmi;<br><br>– ir-rekwiżiti minimi għall-fertilizzanti u l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti msemmija fil-Kapitolu I tat-Titolu III ta' dan ir-Regolament huma speċifikati fil-programmi;<br><br>– l-istandards nazzjonali obbligatorji relevanti huma speċifikati fil-programmi;<br><br>– Għandha tiġi stabbilita sistema ta' valutazzjoni ta' riskju fil-livell nazzjonali li tinkludi:<br><br>– Deskrizzjoni tal-proċess, metodoloġija, metodi u dejta mhux sensittiva użati għall-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju;<br><br>– Adozzjoni tal-metodi kwalitattivi u kwantitattivi għall-valutazzjoni tar-riskju;<br><br>– Fejn xieraq, il-kunsiderazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali ta' addattament klimatiku, |

[37] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni; Konklużjonijiet fir-rigward tal-iżvilupp ulterjuri tal-valutazzjoni tar-riskji għall-ġestjoni tad-diżastri fl-Unjoni Ewropea. Mill-11 sas-12 ta' April 2011.

| | | |
|---|---|---|
| **Prijorità 5 tal-Iżvilupp Rurali: il-promozzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-appoġġ għat-trasferiment lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima fil-qasam agrikolu u dak tal-ikel kif ukoll fil-qasam tal-forestrija**<br><br>TO 4: l-appoġġ għat-trasferiment lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-oqsma kollha<br><br>OT 5: il-promozzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju | 5.1 **Emissjonijiet tal-gassijiet serra**: F'konformità mal-Artikolu 6(1) tad-**Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020** | – Stat Membru ressaq rapport lill-Kummissjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali adottati skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE fl-2013-2020; |
| | 5.2. **L-effiċjenza enerġetika**: Traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija dwar servizzi tal-enerġija[38], | – Stat Membru ressaq Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza Enerġetika lill-Kummissjoni li jibdel l-objettivi tal-iffrankar tal-enerġija f'miżuri konkreti u konsistenti skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/32/KE; |
| | 5.3 **L-ipprezzar tal-ilma**: l-eżistenza tal-politika dwar l-ipprezzar tal-ilma li tiżgura kontribuzzjoni xierqa tal-użi differenti tal-ilma għall-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-**Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma**[39]. | – Stat Membru kkunsidra l-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma, inkluż l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2000/60/KE;<br><br>– Stat Membru wettaq analiżi ekonomika skont l-Artikolu 5 u l-Anness III għad-Direttiva 2000/60/KE dwar il-volum, prezz u l-ispiża tas-servizzi tal-ilma u stimi ta' investimenti relevanti;<br><br>– Stat Membru żgura kontribuzzjoni tal-użi differenti tal-ilma skont is-settur f'konformità mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2000/60/KE |
| | 5.4. **Pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart**: traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi[40], b'mod partikolari l-iżvilupp tal-pjanijiet għall-immanniġġjar tal-iskart skont id-Direttiva. | – Stat Membru żgura li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jistabbilixxu, f'konformità mal-Artikoli 1, 4, 13 u 16 tad-Direttiva 2008/98/KE, pjan għall-immaniġġjar tal-iskart wieħed jew aktar skont ir-rekwiżit tal-Artikolu 28 tad-Direttiva; |

[38] ĠU L 48, 23.2.2011, p. 1
[39] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
[40] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

| | | |
|---|---|---|
| | **5.5 Enerġija rinnovabbli:** Traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE[41] | – Stat Membru adotta pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/28/KE |
| **Prijorità 6 tal-Iżvilupp Rurali: il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali**<br><br>OT 8: il-promozzjoni tal-impjegar u l-appoġġ għall-mobbiltà tax-xogħol<br><br>OT 9: il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar | 6.1 **Aċċess għall-FAEŻR**: L-għoti ta' appoġġ għall-partijiet interessati relevanti li jrid ikollhom l-aċċess għall-FAEŻR<br><br>6.2 **Impjieg Indipendenti, imprenditorija u l-ħolqien ta' negozju:** l-eżistenza ta' strateġija komprensiva u inklużiva għal appoġġ inklużiv għall-bidu f'konformità mal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar[42] u f'konsistenza mal-linji gwida dwar l-impjieg 7, dwar il-kundizzjonijiet li jippermettu l-ħolqien tal-impjiegi<br><br>*6.3* ***Infrastruttura NGA (Netwerks għall-Aċċess tal-Ġenerazzjoni li jmiss):*** *L-eżistenza tal-Pjanijiet nazzjonali NGA li jikkunsidraw l-azzjonijiet reġjonali sabiex jinkisbu l-miri tal-UE fir-rigward tal-aċċess għall-Internet b'veloċità għolja[43], li jiffukaw fuq l-oqsma fejn is-suq ma jipprovdix infrastruttura miftuħa affordabbli u bi kwalità xierqa* | – Il-partijiet interessati relevanti jingħataw appoġġ biex iressqu applikazzjonijiet tal-proġett u biex jimplimentaw u jiġġestixxu l-proġetti magħżula<br><br>–<br><br>– L-Istati Membri għandhom strateġija komprensiva u inklużiva li se tinkludi:<br><br>– miżuri biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħin u l-ispiża biex jiġi stabbilit negozju skont l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar;<br><br>– miżuri biex jitnaqqas il-ħin meħtieġ biex jinkisbu liċenzji u permessi biex tinbeda u titwettaq l-attività speċifika ta' impriża skont l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar;<br><br>– azzjonijiet li jorbtu s-servizzi xierqa għall-iżvilupp tan-negozju u s-servizzi finanzjarji (aċċess għall-kapital), inkluż l-ilħuq ta' gruppi u żoni fi żvantaġġ<br><br>– Ġie stabbilit pjan nazzjonali NGA li jinkludi: |

41 ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

42 Għandhom jiddaħħlu r-riferenzi

43 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Diġitali għall-Ewropa (COM(2010) 245 finali/2 tas-26.8.2010); **Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni:** It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali (SEC(2011) 708 tal-31.5.2011). Tabella ta' valutazzjoni: http://ec.europa.eu/information_society/digital-agenda/scoreboard/index_en.htm

| | | |
|---|---|---|
| | | – pjan ta' investimenti tal-infrastruttura permezz tal-ġbir tad-domanda u ta' tfassil ta' infrastruttura u servizzi, aġġornat b'mod regolari;<br><br>– mudelli ta' investiment sostenibbli li jtejbu l-kompetizzjoni u jipprovdu aċċess għal infrastruttura u servizzi li jkunu miftuħa, affordabbli, ta' kwalità u li jgħoddu għall-ġejjieni;<br><br>– miżuri li jistimulaw l-investiment privat. |

## 2. KUNDIZZJONALITAJIET ORIZZONTALI LI JAPPLIKAW GĦAL BOSTA PRIJORITAJIET

| | | |
|---|---|---|
| | HC1 **L-effiċjenza amministrattiva tal-Istati Membri**: l-eżistenza ta' strateġija għat-tisħiħ tal-effiċjenza amministrattiva ta' pajjiż inkluż ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika[44]<br><br>**HC.2 Allokazzjoni tar-riżorsi umani**: kapaċità biżżejjed f'termini tar-riżorsi, fil-ġestjoni tat-taħriġ u s-sistemi tal-IT hija disponibbli fl-entitajiet responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali<br><br>HC. 3 **Kriterji tal-għażla**: qed ikun definit approċċ xieraq li jistabbilixxi l-prinċipji dwar id-definizzjoni ta' kriterja ta' għażla għall-proġetti u l-iżvilupp lokali | – Ġiet stabbilita strateġija għat-tisħiħ tal-effiċjenza amministrattiva tal-Istati Membri u tinsab fil-proċess li tkun implimentata[45;] l-istrateġija tinkludi:<br>– analiżi u ppjanar strateġiku ta' azzjonijiet ta' riforma fuq il-livell legali, organizzattiv u/jew proċedurali;<br>– l-iżvilupp ta' sistemi ta' ġestjoni ta' kwalità;<br>– azzjonijiet integrati għas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi;<br>– l-iżvilupp tal-ħiliet fil-livelli kollha;<br>– l-iżvilupp tal-proċeduri u l-għodda għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;<br>– Il-programm jinkludi deskrizzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi umani, tal-ġestjoni ta' taħriġ u tas-sistema tal-IT li jaqgħu taħt l-Awtoritajiet Amministrattivi tal-programm, li turi li t-twettiq tal-kundizzjonalità ex-ante HC.2<br>–<br>– Deskrizzjoni tal-approċċ magħżul għall-istabbiliment tal-kriterji tal-għażla għal proġetti u l-iżvilupp rurali, li turi l-kundizzjonalità ex ante HC.3 ġiet issodisfata, hija inkluża fil-programm |

44 Jekk ikun hemm stabbilita Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Speċifiċi għall-Pajjiżi, marbutin direttament ma' din id-dispożizzjoni dwar il-kundizzjonalità, il-valutazzjoni tat-twettiq tiegħu għandu jikkunsidra l-valutazzjoni tal-progress li jkun sar fuq it-twettiq tar- Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Speċifiċi għall-Pajjiżi.

[45] Id-dati ta' skadenzi għat-tqassim għall-elementi kollha misjuba hawnhekk fejn jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-istrateġija jistgħu
implimentazzjoni tal-programm.

## ANNESS V

## Lista indikattiva ta' miżuri b'rilevanza għal prijorità waħda jew iktar tal-Unjoni għall-iżvilup rurali

### Miżuri ta' rilevanza partikolari għal diversi prijoritajiet tal-Unjoni

Artikolu 16 Servizzi konsultattivi, ġestjoni tal-azjendi agrikoli u servizzi ta' skambju tal-azjendi agrikoli

Artikolu 18 Investimenti f'assi fiżiċi

Artikolu 20 Żvilupp tal-azjenda agrikola u tan-negozju

Artikolu 36 Kooperazzjoni

Artikoli 42-45 LEADER

### Miżuri ta' rilevanza partikolari għat-trawwim tat-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni r-rurali

Artikolu 15 Trasferiment tal-għarfien u azzjonijiet ta' informazzjoni

Artikolu 27 Investimenti f'teknoloġiji ġodda tal-forestrija u fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-forestrija

### Miżuri ta' rilevanza partikolari it-titjib tal-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura u t-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli;

Artikolu 17 Skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Artikolu 32-33 Pagamenti għal żoni li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

### Miżuri ta' rilevanza partikolari għall-promozzjoni tal-organizzazzjoni tal-katina tal-ikel u l-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura

Artikolu 19 L- tal-potenzjal tal-produzzjoni agrikola li saritilu ħsara b'diżastri naturali u naturali u avvenimenti katastrofiċi u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni xierqa

Artikolu 25 Prevenzjoni u l- tal-ħsara lill-foresti minn nirien tal-foresti u diżastri naturali, u l-avvenimenti katastrofiċi

Artikolu 28 Stabbiliment ta' gruppi ta' produtturi

Artikolu 34 Benessri tal-Annimali

Artikolu 37 Ġestjoni tar-riskju

Artikolu 38 Assigurazzjoni fuq il-prodotti tar-raba', l-annimali u l-pjanti

Artikolu 39 Fondi mutwi għal mard tal-annimali u tal-pjanti u inċidenti ambjentali

Artikolu 40 Għodda għall-istabilizzazzjoni tad-dħul

**Miżura ta' rilevanza partikolari għall-irkupru, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi dipendenti fuq l-agrikoltura u l-forestrija;**

**u**

**l-promozzjoni tal-effikaċja tar-riżorsi u l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi tal-agrikoltura, tal-ikel u tal-forestrija;**

Artikolu 22 Investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali u titjib tal-vijabbiltà tal-foresti

Artikolu 23 Afforestazzjoni u l-ħolqien ta' żoni msaġġra;

Artikolu 24 Stabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija

Artikolu 26 Investimenti li jtejbu r-reżistenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti

Artikolu 29 Agroambjent u klima

Artikolu 30 Biedja Organika

Artikolu 31 Pagamenti skont Natura 2000 u d-Direttiva Qafas dwar l-ilma

Artikolu 35 Servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-konservazzjoni tal-foresti

**Miżuri ta' rilevanza partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali.**

Artikolu 21 Servizzi bażiċi u tiġdid tal-irħula f'żoni rurali

Artikoli 42-45 LEADER

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagament dirett lill-bdiewa fi skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni ; |
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS); |
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); |
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni. |
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 dwar l-applikazzjoni tal-pagamenti diretti lill-bdiewa għas-sena 2013; |
| - Proposta għal Regolament tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rimborżi relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli; |
| - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u l-appoġġ għal min ikabbar id-dwieli. |

### *1.2.* Il-qasam/l-oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura tal-ABM/ABB[46]

| |
|---|
| Titolu tal-Qasam ta' Politika 05 tal-Intestatura 2 |

### *1.3.* Natura tal-proposta/inizjattiva (Qafas leġiżlattiv għall-PAK wara l-2013*)*

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' azzjoni **ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[47]

[46] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (Activity-Based Management)–ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Budgeting).

[47] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

x Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

X Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

## 1.4. Objettivi

### *1.4.1. L-objettiv/i strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Sabiex jiġi promoss l-użu effiċjenti tar-riżorsi bil-għan li jkun hemm tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv għall-iżvilupp agrikolu u rurali tal-UE skont l-Istrateġija Ewropa 2020, l-objettivi tal-PAK huma:

- Produzzjoni vijabbli tal-ikel;

- Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u azzjoni klimatika;

- Żvilupp territorjali bbilanċjat.

### *1.4.2. L-objettiv/i speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

**<u>Objettivi speċifiċi għall-Qasam ta' Politika 05:</u>**

<u>Objettiv speċifiku Nru 1:</u>

Li jkunu pprovduti beni pubbliċi ambjentali

<u>Objettiv speċifiku Nru 2:</u>

Li jkun hemm kumpens għad-diffikultajiet fil-produzzjoni f'żoni b'limitazzjonijiet naturali speċifiċi

<u>Objettiv speċifiku Nru 3:</u>

Li jitkomplew il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-azzjonijiet ta' adattament

<u>Objettiv speċifiku Nru 4:</u>

Li l-baġit tal-UE (PAK) ikun ġestit skont standards għoljin ta' ġestjoni finanzjarja

**<u>Objettiv speċifiku għall-ABB 05 02 – Intervenzjonijiet fis-swieq agrikoli:</u>**

<u>Objettiv speċifiku Nru 5:</u>

Li titjieb il-kompetittività tal-qasam agrikolu u jissaħħaħ is-sehem tal-valur tagħha fil-katina alimentari

**<u>Objettiv speċifiku għall-ABB 05 03 – Għajnuniet diretti:</u>**

Objettiv speċifiku Nru 6:

Li jkun hemm kontribuzzjoni għall-introjtu agrikolu u tkun limitata l-varjabbiltà tiegħu

**Objettiv speċifiku għall-ABB 05 04 – Żvilupp Rurali:**

Objettiv speċifiku Nru 7

Li jitrawwem it-tkabbir ekoloġiku permezz tal-innovazzjoni

Objettiv speċifiku Nru 8:

Li jkun appoġġjat l-impjieg rurali u li tinżamm il-fibra soċjali taż-żoni rurali

Objettiv speċifiku Nru 9

Li tittejjeb l-ekonomija rurali u tkun imħeġġa d-diversifikazzjoni

Objettiv speċifiku Nru 10

Li jkun hemm lok għal diversità strutturali fis-sistemi tal-biedja

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

F'dan l-istadju mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti miri kwantititattivi għall-indikaturi tal-impatt. Għalkemm il-politika tista' timxi f'ċerta direzzjoni, l-eżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali kumplessivi mkejla minn indikaturi bħal dawn, fl-aħħar mill-aħħar jiddependu wkoll fuq l-impatt ta' firxa ta' fatturi esterni, li hekk kif turi esperjenza riċenti, dawn saru sinifikanti u mhux prevedibbli. Għada qed issir analiżi ulterjuri, li għandha tkun lesta fil-perjodu wara l-2013.

Fir-rigward tal-pagamenti diretti, l-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jiddeċiedu, sa ċertu limitu, dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti komponenti tal-iskemi ta' pagamenti diretti.

Fir-rigward tal-iżvilupp rurali, ir-riżultati u l-impatt mistennija se jiddependu fuq il-programmi ta' żvilupp rurali li l-Istati Membri se jressqu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri se jkunu mitluba jistabbilixxu miri fil-programmi tagħhom.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatti*

Il-proposti jipprovdu għat-twaqqif ta' qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bl-għan li jitkejlu r-riżultati tal-Politika Agrikola Komuni. Dak il-qafas għandu jinkludi l-istrumenti kollha marbuta mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri tal-PAK u b'mod partikolari tal-pagamenti diretti, tal-miżuri tas-suq, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali kif ukoll tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità.

L-impatt ta' dawn il-miżuri tal-PAK għandhom jitkejlu b'rabta mal-objettivi li ġejjin:

(a) produzzjoni vijabbli tal-ikel, b'enfasi fuq l-introjtu agrikolu, il-produttività agrikola u l-istabbiltà tal-prezz;

(b) ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika, b'enfasi fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-bijodiversità, il-ħamrija u l-ilma;

(c) żvilupp territorjali bbilanċjat, b'enfasi fuq l-impjieg rurali, it-tkabbir u l-faqar fiż-żoni rurali.

Permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi s-sett ta' indikaturi li huma speċifiċi għal dawn l-objettivi u l-oqsma.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp rurali, qed tiġi proposta sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni msaħħa. Dik is-sistema għandha l-għan (a) li turi l-progress u l-kisbiet tal-politika tal-iżvilupp rurali u tivvaluta l-impatt, l-effettività, l-effiċjenza u r-relevanza tal-interventi tal-politika tal-iżvilupp rurali, (b)li tikkontribwixxi biex ikun hemm appoġġ immirat aħjar lejn l-iżvilupp rurali, u (c) li tappoġġja proċess komuni ta' tagħlim marbut mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, lista ta' indikaturi komuni marbuta mal-prijoritajiet tal-politika

## 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u sodisfatt(i) fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

Sabiex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi multiannwali tal-PAK li huma l-istess bħal dak li hemm imniżżel fl-istrateġija Ewropa 2020 għaż-żoni rurali Ewropej u li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tat-Trattat, il-proposti għandhom l-għan li jistabbilixxu l-qafas leġiżlattiv tal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2013.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-PAK futura mhux biss se tkun politika li taħseb għal parti żgħira, iżda essenzjali tal-ekonomija tal-UE, iżda wkoll politika ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel, l-ambjent u l-bilanċ territorjali. Għaldaqstant il-PAK, bħala politika tassew komuni, tuża bl-aktar mod effiċjenti r-riżorsi limitati tal-baġit billi żżomm agrikoltura sostenibbli fl-UE kollha, tindirizza kwistjonijiet transkonfinali importanti bħat-tibdil fil-klima u ssaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri.

Kif hemm imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020"[48], il-PAK hija politika ġenwinament Ewropea. Minflok iħaddmu 27 politika u baġit agrikoli differenti, l-Istati Membri jikkondividu r-riżorsi sabiex joperaw politika Ewropea unika b'baġit Ewropew uniku. Naturalment dan ifisser li proporzjon sinifikanti mill-baġit tal-UE jiġi allokat għall-PAK. Madankollu, dan l-approċċ huwa kemm aktar effiċjenti kif ukoll aktar ekonomiku minn approċċ nazzjonali mhux ikkoordinat.

48 COM(2011)500 finali tad-29 ta' Ġunju 2011.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas politiku attwali, ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati kif ukoll ta' analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet futuri, twettqet valutazzjoni komprensiva tal-impatt. Aktar dettalji jinstabu fil-valutazzjoni tal-impatt u fil-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti legali.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Il-proposti leġiżlattivi kkonċernati minn din id-dikjarazzjoni finanzjarja għandhom ikunu kkunsidrati fil-kuntest l-aktar wiesa' tal-proposta għal regolament ta' qafas uniku b'regoli komuni għall-fondi tal-qafas strateġiku komuni (il-FAEŻR, il-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-EMFF). Dak ir-regolament qafas se jagħti kontribut importanti sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, sabiex il-fondi tal-UE jintefqu b'mod effettiv u sabiex isseħħ is-simplifikazzjoni fil-prattika. Dan isostni wkoll il-kunċetti ġodda tal-qafas strateġiku komuni għal dawn il-fondi kollha u l-Kuntratti ta' Sħubija li ġejjin li wkoll se jkopru dawn il-fondi.

Il-qafas strateġiku komuni, li se jkun stabbilit, se jsarraf l-objettivi u l-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 fi prijoritajiet għall-FAEŻR flimkien mal-FEŻR, l-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-EMFF, hekk kif għandhom jiżguraw l-użu integrat tal-fondi li jwassal għal objettivi komuni.

Il-qafas strateġiku komuni se jistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni mal-politiki u l-instrumenti l-oħra relevanti tal-Unjoni.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-PAK, sinerġiji sinifikanti u effetti ta' simplifikazzjoni se jinkisbu bl-armonizzazzjoni u l-allinjament tar-regoli ta' ġestjoni u kontroll għall-ewwel (FAEG) u t-tieni (FAEŻR) pilastru tal-PAK. Ir-rabta b'saħħitha bejn l-FAEG u l-FAEŻR għandha tinżamm u l-istrutturi diġà stabbilit fl-Istati Membri għandhom jiġu sostnuti.

**1.6. It-tul taż-żmien u l-impatt finanzjarju**

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat (għal abbozzi ta' regolamenti dwar skemi ta' pagamenti diretti, żvilupp rurali u regolamenti tranżizzjonali)**

– - x Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2014 sal-31/12/2020

– - x Impatt finanzjarju għall–perjodu tal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. Għall-iżvilupp rurali, impatt fuq il-pagamenti sal-2023.

x Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat (għall-abbozz ta' regolament dwar l-OKS Unika u r-regolament orizzontali)**

– - Implimentazzjoni mill-2014.

### *1.7.* Metodu(i) ta' ġestjoni previst(*i*[49])

x **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** b'delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[50]

– ☐ korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

X **Ġestjoni flimkien** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(għandhom jiġu speċifikati)***

Kummenti

| |
|---|
